**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**OMISSIS**

**OMISSIS**

**Referenza: 686/2021 AC**

Illum it-23 ta' Jannar, 2025

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, ta' 15-il sena, iben **OMISSIS**, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar it-13 ta' Mejju, 2006, residenti ġewwa fond bl-isem ta' **OMISSIS** u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru **OMISSIS**, u ta' **OMISSIS**, ta' 14-il sena, iben **OMISSIS** imwieled ġewwa l-Pieta' nhar is-07 t'Awwissu 2007, residenti ġewwa fond numru **OMISSIS** u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru **OMISSIS**, li kienu akkużati talli:

1. Matul il-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Ottubru 2021 minn ġewwa l-lokalita’ ta’ Birkirkara kkommettew serq ta’ vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta’ reġistrazzjoni IAG-465 għad-dannu ta’ Karmenu Schembri u/jew ta’ persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. U aktar talli matul il-lejl ta’ bejn it-22 u 23 ta’ Ottubru 2021 minn ġewwa l-lokalita’ ta’ San Pawl il-Baħar kkomettew serq ta’ vettura bil-mutur tal-għamla Nissan Micra bin-numru ta’ reġistrazzjoni KBA-625 għad-dannu ta’ Anthony Briffa u/jew ta’ persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

3. U aktar talli matul il-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Ottubru 2021 minn ġewwa l-lokalita’ ta’ Marsaskala, ikkomettew serq ta’ vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN-266 għad-dannu ta’ Marouska Buhagiar u/jew ta’ persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

4. U aktar talli bejn it-22 u l-24 ta’ Ottubru 2021 minn ġewwa l-lokalita’ tal-Pieta’ u/jew f’dawn il-Gżejjer Maltin ikkommettew serq ta’ pjanċi tar-reġistrazzjoni ta’ vetturi bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni KBC-205 u IAG-416, liema serq ikwalifikat bix-xorta tal-ħaġa;

5. U aktar talli matul il-lejl bejn it-23 u l-24 ta’ Ottubru 2021 ġewwa l-lokalita’ ta’ Birkirkara volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe’ vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG-465, liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta’ mitejn u

ħamsin Ewro (€250), u saret għad-dannu ta' Karmenu Schembri u/jew persuni oħra;

6. U aktar talli matul il-jum ta' 22 ta' Ottubru 2021 ġewwa l-lokalita' ta' Marsaskala ikkomettew serq ta' diversi oġġetti fosthom dokumenti personali, flus kontanti jammontaw għal 30 ewro, u ċavetta ta' vettura bil-mutur ta' vettura ta' l-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni CRL-092 minn ġewwa vettura bil-mutur tal-għamla Ford bin-numru tar-reġistrazzjoni APY-028 liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Carl Bianco u Michael Grech għal kumpanija Coop Services Ltd u/jew persuni oħra;

7. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021 ġewwa l-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ Malta ikkomettew serq ta' ċavetta ta' vettura bil-mutur ta' vettura ta' l-għamla Skoda bin-numru tar-reġistrazzjoni FBN-738 liema serq li huwa ikkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Mussuh Yakubu Suguri u/jew persuni oħra;

8. U aktar talli fil-jum ta' l-24 ta' Ottubru 2021 kellkhom fil-pussess tagħhom strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

9. U aktar talli nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara għamiltu lil Sergei Fedorov inġurji jew theddid b'mod li ħriġtu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

10. U aktar talli matul il-perjodu ta' bejn it-22 u t-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin għamlu użu minn marki ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikoli;

Lil **OMISSIS** waħdu kien akkużat ukoll talli:

11. Matul il-perjodu ta' bejn it-22 u t-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru ta' reġistrazzjoni SVN-266 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni;

12. U aktar talli matul il-perjodu ta' bejn it-22 u l-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN-266 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vetturi;

13. U aktar talli nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara irrenda ruħu kompliċi f'delitt ma' **OMISSIS** u xjentement, għen jew assista lill-istess **OMISSIS** sabiex ikkommetta serq ta' mobile phone tal-għamla Samsung A10, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin u għad-dannu ta' Sergei Fedorov u/jew persuni oħra;

Lil **OMISSIS** waħdu talli:

14. Nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, fil-lokalita' serq ta' mobile phone ta' għamla Samsung A10, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' Sergei Fedorov u/jew persuni oħra;

15. Nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara ħebb kontra Sergei Fedorov sabiex jinġurjah, idejjqhu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;

16. U aktar talli nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara mingħajr ma darab jew issawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra Sergei Fedorov;

17. U aktar talli fil-jum ta' 03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara kellek fil-pussess tiegħek strument jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

18. U aktar talli matul il-jum ta' 12 ta' Awwissu 2021 minn ġewwa l-lokalita' tan-Naxxar ikkometta serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki Samurai bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW-145 għad-dannu ta' Ryan Buhagiar u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

19. U aktar talli matul il-jum ta' 12 ta' Awwissu 2021 u matul il-perjodu ta' bejn it-22 u l-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki Samurai bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW-145, vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru ta' reġistrazzjoni SVN-266, vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465, u vettura oħra bil-mutur tal-għamla Nissan Micra bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA-625 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vetturi;

20. U aktar talli matul il-jum ta' 12 ta' Awwissu 2021, u matul il-perjodu ta' bejn it-22 u l-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki Samurai bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW-145, vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru ta' reġistrazzjoni SVN-266, vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465, u vettura oħra bil-mutur tal-għamla Nissan Micra bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA-625 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni;

21. U aktar talli nhar l-24 ta' Ottubru 2021, ġewwa l-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, saq vettura tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465, bi traskuraġni u/jew b'mod perikoluż u bla kont;

22. U aktar talli fil-jum ta' l-24 ta' Ottubru 2021 filwaqt li kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħkom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħassart jew għarraqt xi ħaġa u ċioe' vettura bil-mutur tal-għamla Hyundai Tucsan bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP-836 liema ħsara saret għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew ta' entita' jew entitajiet oħra;

23. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation, li ġiet mgħotija lilu bħala sentenza mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak LL.D., fl-24 ta' Awwissu 2021 u liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat **OMISSIS** bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistgħax tiġi mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tiskwalifika lil **OMISSIS**u lil **OMISSIS**milli jkollhom jew milli jiksbu liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidhrilha xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tipprovdi għas-sigurta' ta' Sergei Fedorov garanzija taħt l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skond l-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Christabelle Chetcuti qrat u kkonfermat l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputati bil-ġurament fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2021[1];

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti, senjatament:

1. Personal Details Form tal-imputat **OMISSIS**immarkata bħala Dok CC1[2];
2. Fedina Penali tal-imputat **OMISSIS**immarkata bħala Dok CC2[3];
3. Personal Details Form tal-imputat **OMISSIS**immarkata bħala Dok CC3[4];
4. Fedina Penali tal-imputat **OMISSIS**immarkata bħala Dok CC4[5];
5. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/S/2053/2021 immarkat bħala Dok CC5[6];
6. Rapport tal-NPS bir-referenza 7/P/4727/2021 immarkat bħala Dok CC6[7];
7. Rapport tal-NPS bir-referenza 4/H/4904/2021 immarkat bħala Dok CC7[8];
8. Rapport tal-NPS bir-referenza 9A/V/5282/2021 immarkat bħala Dok CC8[9];
9. Rapport tal-NPS bir-referenza 4/H/4901/2021 immarkat bħala Dok CC9[10];

[1] Ara a fol 6 tal-proċess
[2] Ara a fol 13 tal-proċess
[3] Ara a fol 14 tal-proċess
[4] Ara a fol 16 tal-proċess
[5] Ara a fol 17 tal-proċess
[6] Ara a fol 18 *et seq* tal-proċess
[7] Ara a fol 23 *et seq* tal-proċess
[8] Ara a fol 26 *et seq* tal-proċess
[9] Ara a fol 32 *et seq* tal-proċess
[10] Ara a fol 36 *et seq* tal-proċess

10. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/R/4584/2021 immarkat bħala Dok CC10[11];

11. Invoice tal-kumpanija Bużu tal-Ħix a favur Carmelo Schembri immarkata bħala Dok CC11[12];

12. Korrispondenza rigward il-vettura Hyundai Tucson bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP 836 immarkata bħala Dok CC12[13];

13. Stqarrija tal-imputat **OMISSIS**immarkata bħala Dok CC13[14];

14. Stqarrija tal-imputat **OMISSIS**immarkata bħala Dok CC14[15];

15. Stqarrija tal-imputat **OMISSIS**immarkata bħala Dok CC15[16];

16. Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat **OMISSIS**immarkat bħala Dok CC16[17];

17. Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat **OMISSIS**immarkat bħala Dok CC17[18];

18. Eżami mingħajr ġurament tal-imputat **OMISSIS**[19];

19. Eżami mingħajr ġurament tal-imputat **OMISSIS**[20];

20. Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni għall-imputat **OMISSIS** datata 3 ta' Novembru 2021[21];

---

[11] Ara a fol 40 *et seq* tal-proċess
[12] Ara a fol 48 *et seq* tal-proċess
[13] Ara a fol 49 *et seq* tal-proċess
[14] Ara a fol 53 *et seq* tal-proċess
[15] Ara a fol 61 *et seq* tal-proċess
[16] Ara a fol 61 *et seq* tal-proċess
[17] Ara a fol 63 tal-proċess
[18] Ara a fol 64 tal-proċess
[19] Ara a fol 65 tal-proċess
[20] Ara a fol 66 tal-proċess
[21] Ara a fol 68 tal-proċess

21. Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni għall-imputat **OMISSIS** datata 3 ta' Novembru 2021[22];

22. Riċevuta ta' ritorn tal-karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465 lil Karmenu Schembri b'rabta mar-Rapport tal-NPS bir-referenza 8/R/4586/2021 datata 24 ta' Ottubru 2021 immarkata bħala Dok WP[23];

23. *Sketch* ta' kolliżjoni bejn il-vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465 u GVP 836 nhar l-24 ta' Ottubru 2021 b'Rapport tal-NPS bir-referenza 8/R/4586/2021 immarkat bħala Dok SM[24];

24. Korrispondenza bejn l-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud u Gabriella Buttigieg għall-*Care and Reintegration Unit* fi ħdan il-*Correctional Services Agency* immarkat bħala Dok MM[25];
25. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/R/4250/2021 immarkat bħala Dok CC18[26];

26. Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest datat 23 ta' Novembru 2021 a favur l-imputat **OMISSIS**[27];

27. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud datata 6 ta' Jannar 2022 rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS**[28];

28. Riċevuta ta' ritorn ta' oġġetti lil sidhom Carl Bianco datata 5 ta' Novembru 2021 b'rabta mar-Rapport tal-NPS bir-referenza 4/H/4904/2021 immarkata bħala Dok KB[29];

---

[22] Ara a fol 70 tal-proċess
[23] Ara a fol 99 tal-proċess
[24] Ara a fol 111 tal-proċess
[25] Ara a fol 184 tal-proċess
[26] Ara a fol 245 *et seq* tal-proċess
[27] Ara a fol 250 *et seq* tal-proċess
[28] Ara a fol 260 *et seq* tal-proċess
[29] Ara a fol 321 tal-proċess

29. Rapport tal-NPS bir-referenza 4/H/4904/2021 immarkat bħala Dok TA[30];

30. Rapport Psikoloġiku ta' Dr. Veronica Ellul Federici fir-rigward tal-**OMISSIS** datat 15 ta' Frar 2022 immarkat bħala Dok VEF[31];

31. Ritratti ta' l-imputat **OMISSIS**immarkati bħala Dok IS1[32];

32. Ittra minn *Fortini Learning Support Centre* dwar l-attendenza u l-andament ta' l-imputat **OMISSIS** f'din l-iskola datata 14 ta' Frar 2022 immarkata bħala Dok IS2[33];

33. Dokument rigward Pjan ta' Kura għall-imputat **OMISSIS** immarkat bħala Dok SB[34];

34. Rapport Psikjattriku minn Dr. Rachel Taylor-East datat 15 ta' Frar 2022[35];

35. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud dwar l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata 15 ta' Frar 2022[36];

36. Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest datat l-1 ta' Marzu 2022 a favur l-imputat **OMISSIS** [37];

37. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud dwar l-andament ta' l-imputat **OMISSIS** datata 04 ta' April 2022[38];

38. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud dwar l-andament ta' l-imputat **OMISSIS** datata 15 ta' Marzu 2022[39];

---

[30] Ara a fol 322 *et seq* tal-proċess
[31] Ara a fol 329 *et seq* tal-proċess
[32] Ara a fol 351 tal-proċess
[33] Ara a fol 352 tal-proċess
[34] Ara a fol 353 tal-proċess
[35] Ara a fol 354 *et seq* tal-proċess
[36] Ara a fol 366 *et seq* tal-proċess
[37] Ara a fol 397 *et seq* tal-proċess
[38] Ara a fol 405 *et seq* tal-proċess
[39] Ara a fol 415 *et seq* tal-proċess

39. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud dwar l-andament ta' l-imputat **OMISSIS**datata 21 ta' April 2022[40];

40. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana dwar l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata 28 ta' April 2022[41];

41. Sett ta' dokumenti rigward il-vetturi bin-numri tar-reġistrazzjoni ECJ 663 (mibdula għal EAW 145), KBC 205, CRL 092, KBA 625, SVN 266, u IAG 465 immarkati bħala Dok CS sa CS5[42];

42. Dettalji dwar tfittxija għal liċenzja tas-sewqan fuq in-numru tal-Karta tal-Identita' 0160606L immarkati bħala Dok CS6[43];

43. Dettalji dwar tfittxija għal liċenzja tas-sewqan fuq in-numru tal-Karta tal-Identita' 0281707L immarkati bħala Dok CS7[44];

44. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana dwar l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata l-14 ta' Ġunju 2022[45];

45. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud dwar l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata l-14 ta' Ġunju 2022[46];

46. Rinviju tal-Ħamest Ijiem tal-Avukat Ġenerali datat l-20 ta' Lulju 2022[47], fejn il-proċess kien sanat fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2022[48];

[40] Ara a fol 417 *et seq* tal-proċess
[41] Ara a fol 420 *et seq* tal-proċess
[42] Ara a fol 428 *et seq* tal-proċess
[43] Ara a fol 443 tal-proċess
[44] Ara a fol 444 tal-proċess
[45] Ara a fol 448 *et seq* tal-proċess
[46] Ara a fol 452 *et seq* tal-proċess
[47] Ara a fol 456 tal-proċess
[48] Ara a fol 457 *et seq* tal-proċess

47. Eżami mingħajr ġurament tal-imputat **OMISSIS** datat il-21 ta' Lulju 2022[49];

48. Eżami mingħajr ġurament tal-imputat **OMISSIS** datat il-21 ta' Lulju 2022[50];

49. Riċevuta a favur Michelle Bugeja rigward 2 pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru KBC 205 b'rabta mar-Rappport tal-NPS 7/P/4727/2021, liema pjanċi kienu ritornati lill-istess Michelle Bugeja immarkata bħala Dok CCX[51];

50. Riċevuta a favur Anthony Briffa rigward 3 pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru KBA 625 li jappartjenu lill-vettura Nissan Micra b'rabta mar-Rapport tal-NPS 8/R/4584/2021 immarkata bħala Dok CCY[52];

51. Riċevuta a favur Anthony Briffa rigward il-vettura Nissan Micra bin-numru tar-reġistrazzjoni KBA 625, li kienet ritornata lilu wara li kienet elevata b'rabta mar-Rapport tal-NPS 8/R/4584/2021 immarkata bħala Dok CCZ[53];

52. Riċevuta a favur Anton Briffa rigward ir-ritorn ta' ċavetta tal-karozza Nissan Micra li kienet elevata b'rabta mar-Rapport tal-NPS 8/R/4584/2021 immarkata bħala Dok CCA[54];

53. Riċevuta a favur Marouska Buhagiar rigward ir-ritorn ta' kalamita b'manku iswed misjuba fil-vettura BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266 immarkata bħala Dok CCB[55];

[49] Ara a fol 460 tal-proċess
[50] Ara a fol 461 tal-proċess
[51] Ara a fol 463 tal-proċess
[52] Ara a fol 464 tal-proċess
[53] Ara a fol 465 tal-proċess
[54] Ara a fol 466 tal-proċess
[55] Ara a fol 467 tal-proċess

54. Riċevuta a favur Marouska Buhagiar rigward ir-ritorn ta' diversi oġġetti relatati mal-vettura BMW 3 Series bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266, u oġġetti oħra misjuba fl-istess vettura immarkata bħala Dok CCC[56];

55. Riċevuta għal spejjeż fuq tiswijiet fuq il-vettura BMW 3 Series bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266 maħruġa minn *Xon's Garage* immarkata bħala Dok CCD[57];

56. Riċevuta a favur Mohamed Tahar Thabet rigward ir-ritorn tal-vettura BMW 3 Series bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266 kif ukoll iċ-ċwievet tal-istess vettura, li kienet elevata b'rabta mar-Rapporti tal-NPS 4/H/4901/2021 u 8/R/4584/2021 immarkata bħala Dok CCE[58];

57. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud dwar l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata l-21 ta' Lulju 2022[59];

58. Vera kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tal-imputat **OMISSIS** per il-Maġistrat Dr. Victor G. Axiak datata 24 ta' Awwissu 2021 immarkata bħala Dok CCAA[60];

59. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud dwar l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata d-19 ta' Ottubru 2022[61];

60. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud dwar l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata s-6 ta' Diċembru 2022[62];

---

[56] Ara a fol 468 tal-proċess
[57] Ara a fol 469 tal-proċess
[58] Ara a fol 470 tal-proċess
[59] Ara a fol 472 tal-proċess
[60] Ara a fol 524 *et seq* tal-proċess
[61] Ara a fol 546 *et seq* tal-proċess
[62] Ara a fol 559A *et seq* tal-proċess

61. *Envelope* kontenenti *mobile* tad-ditta Samsung u *wallet* tad-ditta Gucci elevati minn fuq il-persuna tal-imputat **OMISSIS** immarkat bħala Dok JP1[63];

62. *Envelope* kontententi pakkett tas-sigaretti, *mobile phone* u *wire* abjad elevati minn fuq il-persuna tal-imputat **OMISSIS** immarkat bħala Dok JP2[64];

63. *PCR Details* ta' Chantelle Cuschieri immarkat bħala Dok CCSC[65];

64. *Screenshot* immarkata bħala Dok CCSC(1)[66];

65. Riċevuta a favur Carl Bianco rigward ir-ritorn ta' diversi oġġetti b'rabta mar-Rapport tal-NPS 4/H/4904/2021 immarkata bħala Dok CCKB[67];

66. Riċevuta tal-oġġetti elevati minn fuq il-persuna tal-imputat **OMISSIS** b'rabta mar-Rapporti tal-NPS 8/R/4584/2021 u 8/R/4250/2021 immarkata bħala Dok CCSM[68];

67. Riċevuta tal-oġġetti elevati minn fuq il-persuna tal-imputat **OMISSIS** b'rabta mar-Rapporti tal-NPS 4/H/4901/2021, 4/H/4904/2021 u 9A/V/5282/2021 immarkata bħala Dok CCV[69];

68. Riċevuta rigward żewġ vetturi elevati mill-pussess tal-imputat **OMISSIS**, u ċioe' vettura Nissan bin-numru tar-reġistrazzjoni KBA 625 u vettura BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266 immarkata bħala Dok CCNB[70];

69. Riċevuta rigward ritorn ta' 3 pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru KBA 625 ta' vettura Nissan Micra lil Anthony Briffa immarkata bħala Dok CCNP[71];

---

[63] Ara a fol 561 tal-proċess
[64] Ara a fol 562 tal-proċess
[65] Ara a fol 563 tal-proċess
[66] Ara a fol 564 tal-proċess
[67] Ara a fol 565 tal-proċess
[68] Ara a fol 566 tal-proċess
[69] Ara a fol 567 tal-proċess
[70] Ara a fol 568 tal-proċess
[71] Ara a fol 569 tal-proċess

70. Riċevuta ta' oġġetti elevati minn fuq il-persuna tal-imputat **OMISSIS** b'rabta mar-Rapport tal-NPS 4/H/4904/2021 immarkata bħala Dok CCO[72];

71. Riċevuta ta' oġġetti elevati minn fuq il-persuna tal-imputat **OMISSIS** b'rabta mar-Rapport tal-NPS 4/H/4904/2021 immarkata bħala Dok CCJB[73];

72. Relazzjoni tal-espert tekniku Donald Tabone datata immarkata bħala Dok DT[74], kontenenti CD immarkata bħala Dok DT1[75];

73. CD b'rabta mar-Rapport tal-NPS 8/R/4250/2021 li kienet esebita fit-23 ta' Novembru 2021 immarkata bħala Dok CD1[76];

74. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata l-10 ta' Jannar 2023[77];

75. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata t-22 ta' Frar 2023[78];

76. Relazzjoni tal-espert tekniku Donald Tabone immarkata bħala Dok DT(1)[79], kontenenti CD immarkata bħala Dok DT1[80];

77. *Envelope* kontententi CD b'rabta mar-Rapport tal-NPS 4/H/4901/2021 immarkata bħala Dok JP[81];

---

[72] Ara a fol 570 tal-proċess
[73] Ara a fol 571 tal-proċess
[74] Ara a fol 572 *et seq* tal-proċess
[75] Ara a fol 651 tal-proċess
[76] Ara a fol 653 tal-proċess
[77] Ara a fol 658 *et seq* tal-proċess
[78] Ara a fol 664 *et seq* tal-proċess
[79] Ara a fol 670 *et seq* tal-proċess
[80] Ara a fol 697 tal-proċess
[81] Ara a fol 699 tal-proċess

78. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata 19 ta' Mejju 2023[82];

79. Rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata t-3 ta' Lulju 2023[83];

80. Rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata t-3 ta' Lulju 2023[84];

81. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata s-7 ta' Marzu 2023[85];

82. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata s-7 ta' Marzu 2023[86];

83. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata t-28 ta' Ġunju 2023[87];

84. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata s-17 ta' Lulju 2023[88];

85. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata t-18 ta' Lulju 2023[89];

86. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata l-21 ta' Lulju 2023[90];

[82] Ara a fol 716 *et seq* tal-proċess
[83] Ara a fol 729 *et seq* tal-proċess
[84] Ara a fol 742 *et seq* tal-proċess
[85] Ara a fol 747 *et seq* tal-proċess
[86] Ara a fol 753 *et seq* tal-proċess
[87] Ara a fol 756 tal-proċess
[88] Ara a fol 757 *et seq* tal-proċess
[89] Ara a fol 760 tal-proċess
[90] Ara a fol 761 *et seq* tal-proċess

87. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata s-7 ta' Lulju 2023[91];

88. Ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat il-25 ta' Ottubru 2023[92];

89. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata s-26 ta' Ottubru 2023[93];

90. Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud rigward l-andament tal-imputat **OMISSIS** datata t-23 ta' Mejju 2024[94];

91. *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat **OMISSIS** datat l-20 ta' Ġunju 2024[95].

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2021 sar l-eżami tal-imputati, fejn it-tnejn wieġbu li mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom;

Rat li din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-kompetenza tagħha permezz ta' digriet tas-S.T.O. Prim' Imħallef Dr. Mark Chetcuti dwar Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat id-9 ta' Marzu 2023[96];

Rat ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat il-25 ta' Ottubru 2023, fejn deherlu li tista' tinstab ħtija taħt li hemm maħsub:

Lil **OMISSIS u OMISSIS flimkien**:

[91] Ara a fol 768 *et seq* tal-proċess
[92] Ara a fol 774 *et seq* tal-proċess
[93] Ara a fol 782 *et seq* tal-proċess
[94] Ara a fol 797 *et seq* tal-proċess
[95] Ara a fol 812 *et seq* tal-proċess
[96] Ara a fol 702 *et seq* tal-proċess

1. Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279(b), 280, u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-Artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-Artikoli 261(g), 271 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-Artikoli 261(ċ)(g), 267, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Fl-Artikoli 261(f)(g), 270, 271 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Fl-Artikoli 6 u 51 tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Fl-Artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Fl-Artikolu 44(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 li huma Regolament Dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur;

11. Fl-Artikolu 17, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil **OMISSIS** waħdu:

12. Fl-Artikolu 3(1)(2) tal-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur Għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Fl-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

14. Fl-Artikoli 42, 261(a)(f), 262, 270, 277 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil **OMISSIS** waħdu:

15. Fl-Artikolu 261(a)(f), 262, 270, 277 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

16. Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

17. Fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

18. Fl-Artikolu 6 u 51 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

19. Fl-Artikoli 261(ċ)(g), 267, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

20. Fl-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

21. Fl-Artikolu 3(1)(2) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur Għar-Riskju ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

22. Fl-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

23. Fl-Artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

24. Fl-Artikolu 7 tal-Att dwar il-*Probation*, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li r-Rinviju tal-Ġudizzju inqara fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023, fejn fl-istess seduta ż-żewġ imputati iddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jkunu trattati u deċiżi sommarjament;

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2024, l-imputat **OMISSIS** irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu, u ai termini tal-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jsir *Pre-Sentencing Report* fir-rigward tal-imputat **OMISSIS**;

A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat u jekk ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri seħħewx minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ħati, u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkwotati mill-Avukat Ġenerali fir-Rinviju tal-Ġudizzju tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;
Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2024[97] u li permezz tiegħu ġie dikjarat mid-difiża taż-żewġ imputati li minkejja li l-imputat OMISSIS irreġistra ammissjoni, din il-Qorti għandha xorta waħda tgħaddi sabiex tagħti sentenza waħda għaż-żewġ imputati;

Semgħet ix-xhieda f'dawn il-proċeduri, u ċioe lil:

***Care Plan Coordinator* Gabriella Buttigieg**[98] xehdet fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021, fejn tat ħarsa ġenerali lejn iż-żewġ imputati f'dak li jirrigwarda Pjanijiet ta' Kura għalihom.

---

[97] Ara a fol 878 tal-proċess
[98] Ara x-xhieda tagħha a fol 78 *et seq* tal-proċess

Spjegat li l-imputat OMISSIS kellu ċertu diffikultajiet jaġġusta għall-ħajja ġewwa l-ħabs peress li kienet l-ewwel darba tiegħu, u allura sar sforz f'dak ir-rigward. Il-pjan kien li jekk l-imputat OMISSIS jibqa' magħhom ġewwa l-YOURS ser ikun hemm terapista psikoloġika sabiex tkun tista' tevalwah u toffri sapport f'affarijiet bħalma huma relazzjonijiet, *boundaries*, *cognitive skills*, u minn hemm jingħata pjan ta' kura min-naħa tax-xhud b'mod regolari. Fir-rigward tal-imputat OMISSIS ix-xhud spjegat li jekk huwa jibqa' l-YOURS, l-pjan ta' kura ser ikun qed jinvolvi primarjament ħidma fuq *cognitive skills* u trattament fuq ċertu ħsibijiet ta' xejra aktar anti-soċjali. Spejgat li, fuq talba tal-imputat stess, ikun hemm kuntatt regolari ma' ommu biex dan jitkompla ġewwa l-Ibwar il-CARITAS. Kompliet tispjega li waqt li huma kienu inkarċerati, kien hemm kuntatt bejn l-imputat OMISSIS u l-ġenituri tiegħu, inkluż visti u telefonati. Min-naħa tagħha, ix-xhud stqarret li dan il-kuntatt, minkejja li kien hemm xokk kbir għall-fatt li t-tifel tagħhom kien qiegħed il-ħabs, xorta waħda l-kuntatt ta' bejniethom kien wieħed pożittiv. Mistoqsija kemm kien ilu detenut, ix-xhud wieġbet li kien ilu arrestat mis-26 ta' Ottubru, li minn dak iż-żmien sad-data tax-xhieda kienu għaddew tmint ijiem. F'dan il-punt ix-xhud żiedet tgħid li ż-żewġ imputati nstabu pożittivi għall-kannabis meta daħlu fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, u kkonfermat li kienu pożittivi u għal din id-droga fis-26 ta' Ottubru 2021;

**PC 236 Warren Pirotta**[99] xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021, li spjega li fl-24 ta' Ottubru 2021 kien qiegħed l-Għassa ta' Birkirkara fejn għall-ħabta tat-tmienja neqsin u għoxrin daħlu ċertu Karmenu Schembri u t-tifel tiegħu Roderick sabiex jagħmlu rapport li x'aktarx insterqitilhom il-karozza. Stqarrew max-xhud li l-aħħar li kienu raw il-karozza tagħhom kien il-ġurnata ta' qabel għall-ħabta tas-18:00hrs quddiem il-garaxx tagħhom u l-għada filgħodu għall-ħabta tas-07:00hrs innutaw li ma kienitx għadha hemm. Issuspettaw li nsterqet għaliex sabu l-ħġieġ tat-tieqa eżatt quddiem il-garaxx tagħhom. Ix-xhud spjega li l-garaxx tagħhom kien jinsab ġewwa Triq F. S. Caruana ġewwa Birkirkara fejn joqgħod il-missier Karmenu Schembri. Il-vettura in kwistjoni kienet tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAF 465. Minn hemm ix-xhud informa lil PS 1037 u segwew il-proċedura billi rrikorrew fuq il-post, u dan bl-iskop li jiċċekkjaw jekk kienx hemm filmati tas-CCTV li setgħu jagħtu dawl fuq dak li ġara bil-karozza, u dan sar fil-

[99] Ara x-xhieda tiegħu a fol 91 *et seq* tal-proċess

presenza tal-kwerelant sabiex jindikalhom eżattament fejn kienet il-karozza. Minn hemm ix-xhud stqarr li waqaf l-involviment tiegħu, pero' għall-ħabta ta' bejn is-13:00hrs u s-14:00hrs tal-istess jum li sar ir-rapport kien infurmat permezz ta' telefonata mis-Surġent li l-Għassa ta' Ħal Qormi li nstabet il-vettura b'żewġ persuni fiha, liema vettura kienet ħabtet ma' karozza tal-*RIU*. Ix-xhud ikkonferma li l-karozza li kien sar ir-rapport fuqha u l-karozza li kienet involuta fil-ħabta mal-karozza tal-*RIU* kienet l-istess waħda. Mistoqsi jekk kellux informazzjoni dwar min kien qiegħed juża l-karozza, x-xhud stqarr li kien jaf huwa minn dak li sar jaf mit-telefonata mill-Għassa ta' Ħal Qormi, fejn ħareġ li ċertu Sheldon ta' 14-il sena kien qed jagħmel użu mill-karozza u min-naħa tiegħu, huwa informa lill-Ispettur b'dan l-iżvilupp, speċjalment għaliex kien jaf li kienet għaddejja investigazzjoni dwar serq ta' *mobile phone*, u minn hemm infurma lill-Ispettur li dan kien l-istess persuna li kien involut fil-każ tal-karozza. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud wieġeb lill-imputat OMISSIS kien iltaqa' miegħu meta kien inġieb ġewwa l-Għassa taħt arrest, u f'dak il-punt ix-xhud indika lill-imputat fl-awla. Ikkonferma l-parti tiegħu fir-rapport bir-referenza 8/R/4584/2021 a fol 40 tal-atti u mmarkati bħala Dok CC10. Aktar minn hekk ix-xhud spjega dakinhar li nstabet il-karozza kien ġie l-kwerelant l-Għassa sabiex jiġbor il-karozza tiegħu lura, u ċioe' Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465, u l-Pulizija għamlulu riċevuta[100] in konnesssjoni mar-rapport, liema riċevuta saret dakinhar stess tal-24 ta' Ottubru 2021. Fid-dokument innifsu x-xhud għaraf il-firma tiegħu, tal-kwerelant, kif ukoll il-firma tal-kollega tiegħu;

**PS 1037 Saviour Mifsud**[101] xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021, fejn spjega li huwa kien involut f'żewġ każijiet, u ċioe' ta' serqa ta' vettura li saret fl-24 ta' Ottubru 2021 u serqa ta' *mobile* fil-5 ta' Ottubru 2021. Fir-rigward tas-serqa tal-vettura, ix-xhud li għall-ħabta tat-07:40hrs fl-24 ta' Ottubru, kienu ġew l-Għassa ċertu Karmenu Schembri u ibnu Roderick Schembri sabiex jagħmlu rapport dwar il-vettura tagħhom Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465 li kienet ipparkjata fi Triq F.S. Caruana Birkirkara, u li matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021 din ġiet nieqsa. Wara li sar dan ir-rapport, ix-xhud u l-kollegi tiegħu irrikorrew fuq il-post fil-presenza tal-kwerelanti, li indikawlhom fejn kienet ipparkjata l-imsemmija vettura qabel ma ġiet nieqsa, u ċioe' quddiem il-

[100] Ara Dok WP a fol 99 tal-proċess
[101] Ara x-xhieda tiegħu a fol 100 *et seq* tal-proċess

garaxx tar-residenza tagħhom. Meta marru fuq il-post, ix-xhud u l-kollegi tiegħu osservaw frak tal-ħġieġ susspettat tal-vettura misruqa li inkiser sabiex jidħlu fil-vettura. Minn hemm il-Pulizija komplew jagħmlu l-istħarriġ tagħhom dwar kif il-vettura ttieħdet minn fuq il-post, kif ukoll minn fejn ġew il-persuni li ħadu l-karozza. Spjega li bdew jaraw għal cameras li setgħu jagħtu aktar informazzjoni dwar l-akkadut, pero' dawk li kien hemm ma kienux ta' assistenza għall-investigazzjonijiet tagħhom. Iżda għall-ħabta tas-13:00hrs ix-xhud irċieva telefonata mis-Surġent ta' Ħal Qormi PS 560 fejn infurmah li l-karozza in kwistjoni kienet għadha kif twaqqfet u kien hemm tnejn min-nies li kienu arrestati, fejn ikkonfermalu li kienu ċertu OMISSIS u OMISSIS. Waqt li kien sejjer fuq il-post, kien infurmat ukoll li din il-vettura kienet involuta f'ħabta ma' vettura tal-*RIU*, u kif wasal osserva li kienet qed tittieħed *sketch* sabiex tkun preservata x-xena, u sab lil membri tal-*RIU* flimkien mal-Ispettur u l-imputati li kienu arrestati u miżmuma mill-Pulizija tal-*RIU*, liema imputati x-xhud għaraf fl-awla fejn indikahom individwalment. Kif wasal fuq il-post ix-xhud tkellem ma' PC 167 u PC 479 li infurmawh li waqt li kienu għaddejin fuq ronda ġewwa Mikiel Sapiano, Ħaż-Żebbuġ innutaw il-vettura Isuzu Gemini, fejn taw l-informazzjoni lil *Control Room* rigward in-numru tar-reġistrazzjoni tagħha u baqgħu isegwu l-vettura sabiex ma jitilfuhiex. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk dawn il-Pulizija kellhomx indikazzjoni dwar l-importanza ta' din il-vettura, ix-xhud spjega li wara li sar ir-rapport, infurmaw lil *Control Room* dwar ir-rapport u l-*Control Room* infurmat lil tal-*RIU* "li dejjem iduru fuq barra"[102]. Il-Pulizija tal-*RIU* imbagħad iċċekkjaw mal-*Control Room* dwar il-vettura u jikkonfermaw is-sitwazzjoni tagħha. Milli infurmawh, hekk kif is-sewwieq induna li kienu qegħdin isegwuh, beda jidħol f'*side streets* biex jipprova jitlifhom, pero' ma rnexxilux. Kien f'dan il-mument li l-*Control Room* infurmathom li l-karozza li kienu qiegħdin isegwu kienet misruqa minn Triq F.S. Caruana Birkirkara. Huma xegħlulhom id-dawl u jagħmlulhom is-sinjali biex jieqfu iżda ma obdewx u baqgħu isuqu. Eventwalment waqfu fi Triq Misraħ Muxu Ħaż-Żebbuġ u ħarġu żewġ persuni mill-vettura u telqu jiġru. Il-Pulizija tal-*RIU* waqfu u telqu jiġru warajhom, fejn qabduhom u arrestawhom. Fil-frattemp, jidher li l-vettura ma kellhiex il-*handbrake* imtella' u din mxiet għal fuq il-karozza tal-*RIU* li kienet wieqfa warajhom u ġarrbet il-ħsara. Ix-xhud ikkonferma li din niżlet, u ma kienitx misjuqa bir-*reverse* għal fuq il-karozza tal-*RIU*. Wara

[102] Ara a fol 103 tal-proċess

li nqabdu, ingħatawlhom id-drittijiet tagħhom u saret tfittxija fuq il-persuna tagħhom, fejn kien infurmat li nstabu turnavit fuq kull persuna, kartieri u *mobiles* fost affarijiet oħra. Ix-xhud min-naħa tiegħu ħa x-xhieda tal-Pulizija u l-i*sketch*, u talab lill-Pulizija jindikawlu ta' min kienu l-affarijiet li kienu elevati minnhom. Ix-xhud ingħata żewġ boroż, b'waħda kontenenti oġġetti elevati minn fuq il-persuna ta' OMISSIS, u oħra kontenenti oġġetti elevati minn fuq il-persuna ta' OMISSIS. Fil-borża tal-imputat OMISSIS instabu kartiera, *mobile* u turnavit, filwaqt li f'ta' OMISSIS instabu żewġ *mobiles*, kartiera u turnavit, kif ukoll xi *cashlinks*. F'ta' OMISSIS irriżulta li kien hemm *mobile* li kien ġie rrappurtat nieqes fit-3 ta' Ottubru u minn hemmhekk intalbet l-assistenza tal-Forensika sabiex tibda tkun fotografata x-xena tar-reat u bagħtu għal Roderick Schembri, li jiġi bin il-Parte Civile Karmenu Schembri, sabiex jirrikorri fuq il-post. Saret tfittxija fil-vettura sabiex jikkonfermaw x'jappartjeni lil sid il-vettura u x'jappartjeni lill-imputati, fejn instabu *flick knife* u martell, oġġetti li ħadd minnhom ma qal li kienu tagħhom. Fil-karozza instabu wkoll flixkun tal-*Coca*, bott tal-*Coca* u bott ieħor tar-*Red Bull*, li Roderick Schembri kkonferma li ma kienux ta' missieru lanqas. Wara dan Schembri intbagħat id-dar u x-xhud baqa' jistenna lil tal-Forensika. Fil-frattemp ix-xhud talab l-assistenza tal-*RIU* sabiex OMISSIS jittieħed l-Għassa u informa lill-Ispettur rigward il-bidu tal-investigazzjoni tax-xena, u żamm lill-imputat OMISSIS sabiex ikellmuh bl-iskop li jikkopera magħhom, u dan fil-presenza ta' nannuh. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud spejga li min-naħa tiegħu ma kienx ta l-*caution* lill-imputat peress li dan kien diġa' sar mill-uffiċjali tal-*RIU*, u stqarr li fuqu ma kellux id-dikjarazzjoni ffirmata peress li tahielux hu. Ix-xhud kompla jispjega li bdew jieħdu l-verżjoni tal-imputat, fejn qalilhom li kien xtara l-karozza mingħand "wieħed iswed"[103] għas-somma ta' €100, fejn kompla jgħidilhom li dawn il-flus kienet tgħaddihomlu zitu, fejn nannuh ikkonferma li hija ttih madwar €20 kull meta jmur jgħidilha biex ittih xi ħaġa. Min-naħa tiegħu, l-imputat baqa' jinsisti fuq din il-verżjoni, fejn imbagħad ix-xhud staqsa lil nannuh kemm kien ilu ma jara lill-imputat, li wieġbu li kien ilu ma jarah mill-10:00hrs tal-ġurnata ta' qabel, li x-xhud issopona li kienu l-10:00hrs tat-23 ta' Ottubru peress li l-vettura instabet fl-24 ta' Ottubru. F'dan il-punt ix-xhud staqsa lin-nannu tal-imputat jekk kienx miegħu għall-ħabta tas-02:00hrs, fejn in-nannu wieġbu li kien rah biss fis-13:00hrs wara li ċemplulu l-Pulizija tal-*RIU*. Min-naħa tiegħu, ix-xhud

[103] Ara a fol 106 tal-proċess

ikkonferma li n-nannu tal-imputat OMISSIS kien dejjem preżenti mill-ħin tal-arrest. Kompla jispjega li reġgħu inġiebu Karmenu Schembri u Roderick Schembri, fejn il-missier ikkonferma li l-vettura kienet tiegħu, u kkonferma wkoll li kellu ċ-ċavetta tal-karozza nieqsa. Il-missier stqarr max-xhud li kien hemm problema bis-*safe starter* tal-vettura, u għalhekk waħda miċ-ċwievet (għax kellu l-i*spare key* miegħu) kien iħallieha fl-*ignition* u l-oħra kien jużaha biex isakkarha. Minn dan ix-xhud irraġuna li biex saret l-allegata serqa, l-imputati kienu startjaw il-karozza u ma kienitx *hot-wired*. Ix-xhud osserva li l-*quarter window* tan-naħa tax-xufier kienet imkissra, u meta staqsa lil Karmenu Schembri jekk din qatt kienitx imkissra, wieġbu li qatt ma kienet hekk, u kien minn hemm li x-xhud ikkonkluda li l-imputati kienu kissru t-tieqa biex jiftħu l-karozza. Ix-xhud imbagħad staqsa lil Karmenu Schembri jekk kienx biegħ il-karozza fejn Schembri spjegalu li l-karozza kienet ilha għandu għal dawn l-aħħar 35 sena u qatt ma biegħha. Wara dan, u wara li x-xena tar-reat u l-evidenza relattiva kienet preservata, ix-xhud ikkomunika mal-Ispettur, li nfurmatu li seta' jgħaddi l-karozza lura lil sidha. Ix-xhud kompla jispjega li hekk kif ra ċ-ċwievet, innota li kien hemm żewġt iċwievet oħra li, wara li staqsa lil Karmenu Schembri jekk kienux tiegħu u wieġbu li ma kienux u li l-unika waħda li kienet tiegħu kienet tal-vettura Isuzu, ix-xhud żamm il-kumplament taċ-ċwievet għandu. Wara dan kollu, ix-xhud spjega li l-vettura kienet mgħoddija lura lis-sid, u l-imputat OMISSIS ittieħed l-Għassa mill-Pulizija tal-*RIU* sabiex jitkomplew l-investigazzjonijiet fuq il-post. F'dan l-istadju x-xhud ippreżenta skizz tal-inċident li kienet immarkata bħala Dok SM, u kien muri 3 *evidence bags*, fejn kien hemm martell u *flick knife* li ħadd ma kien ħa r-responsabbilta' li huma tiegħu, liema *evidence bag* kien immarkat bħala Dok SM1. Hawnhekk ix-xhud stqarr li hu ma kienx f'posizzjoni li jixhed dwar fejn instabu dawn l-oġġetti peress li ma kienx hu li elevahom, imma l-Pulizija tal-*RIU*. Iż-żewġ *evidence bags* l-oħra kienu immarkati bħala Dok SM2 u Dok SM3, li kienu jikkontjenu turnaviti nstabu fuq il-persuna tal-imputati, u ċioe' wieħed aħmar (Dok SM2) u ieħor isfar (Dok SM3), pero' għal darb' oħra stqarr li filwaqt li seta' jikkonferma li kienu elevati minn fuq il-persuna tal-imputati ma setgħax jikkonferma fuq min instabu peress li kienu elevati wkoll mill-Pulizija tal-*RIU*. Ix-xhud kien muri *envelope* kontenenti *mobile phone* iżda f'dan l-istadju x-xhieda tiegħu kienet sospiża;

**Karmenu Schembri**[104] xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021 bl-għajnuna ta' bintu Mary Rose Busuttil, fejn spjega li f'Ottubru 2021 kien irrapporta serqa tal-vettura tiegħu Isuzu, u mar jagħmel rapport ma' ibnu Roderick Schembri. Il-karozza kienet ipparkjata quddiem il-garaxx fi Triq F.S. Caruana, Birkirkara, li jiġi fejn joqgħod ix-xhud, u meta mar għall-karozza fil-għodu sab li l-karozza kienet nieqsa u innota li kien hemm il-ħġieġ mal-art fejn kienet ipparkjata l-karozza tiegħu. Wara li sar ir-rapport, il-Pulizija kienu ċemplu lil ibnu Roderick, u Roderick ċempel lix-xhud, li infurmah li l-karozza kienet instabet f'Ħaż-Żebbuġ. Ix-xhud kien muri Dok CC11[105], pero' ma jidhirx li għaraf id-dokument, li kien stima tal-ħsarat imġarrba fuq il-karozza. Ix-xhud kien muri wkoll Dok WP, u ċioe' r-riċevuta tar-ritorn tal-vettura, fejn għaraf il-firma tiegħu fuq id-dokument. In kontro-eżami, ix-xhud ikkonferma li hu kien sid il-karozza u kien isuqha hu;

**PS 408 Mark Schembri**[106] xehed fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, li spjega li fit-12 ta' Awwissu 2021 kien *on duty* fl-Għassa tan-Naxxar u kien fuq ronda ma' PC 1485, u kkuntattjatu PC 2141 Bernardette Cutajar li infurmatu b'rapport minn ċertu Anglu Buhagiar fuq serqa ta' vettura Suzuki Samurai bin-numru tar-reġistrazzjoni EAW 145, liema rapport iġorr ir-referenza 8/S/2053/2021, fejn kienet irraportata karozza nieqsa minn Triq il-Mosta, in-Naxxar, fejn Anglu Buhagiar qal li pparkja l-karozza tiegħu quddiem ħaddied fl-istess triq fl-10:30hrs u nduna li kienet nieqsa għall-ħabta tal-11:30hrs. Ix-xhud u PC 1485 irrikorrew fuq il-post u kellmu lill-ħaddied, ċertu John Grech, biex jaraw jekk rax xi ħaġa relatata ma' dan ir-rapport, jew jekk kienx hemm cameras tas-*CCTV* fuq il-post, iżda t-tnejn irriżultaw fin-negattiv, u l-ħaddied stqarr magħhom li ma kienx qiegħed hemm f'dak il-ħin. Sussegwentement, ix-xhud informa lill-Ispettur Christabelle Chetcuti b'dawn l-iżviluppi, u wara li daħal aġġornament minn PS 1021, ix-xhud għamel aġġornament tiegħu fl-20 ta' Awwissu fejn fuq dak irrappurtat mill-istess PS 1021, mar fi Triq il-Vitorja biex jiċċekkja għal cameras tas-*CCTV* fejn setgħet dehret il-vettura, iżda wara li raw il-cameras ta' *Studio 7* u ta' garaxx, it-tfittxija rriżultat fin-negattiv. Kienu ċċekkjati wkoll il-cameras ta' *Orio Garage*, u fl-aġġornament tiegħu niżżel ukoll li l-Pulizija kienet mistennija tkellem lill-Parte Civile Anthony Buhagiar. Ix-xhud spjega li

[104] Ara x-xhieda tiegħu a fol 112 *et seq* tal-proċess
[105] Ara a fol 48 tal-proċess
[106] Ara a fol 150 *et seq* tal-proċess

Anthony Buhagiar jiġi l-missier li għamel ir-rapport dwar il-karozza nieqsa, u li t-tifel tiegħu kien jismu Anthony Buhagiar ukoll. Kompla jispjega li l-vettura jagħmel użu minnha l-missier, iżda l-karozza nnifisha hija reġistrata fuq ċertu Ryan Buhagiar. A rigward il-filmat tas-*CCTV*, ix-xhud spjega li minn *Studio 7* kien hemm filmat, iżda kienu infurmati minn min jieħu ħsieb il-*cameras* li dan il-filmat kien wieħed ta' kwalita' inferjuri, ħaġa li kienet kkonfermata minn ċertu Clinton Pisani bħala *Logistics Manager*, u stqarr li kien ċertu Sandro Grigolo li kellu aċċess għall-filmat. A rigward persuni suspettati, ix-xhud spjega li kienu ċertu OMISSIS u Damien Ebejer, pero' stqarr li din kienet informazzjoni li seta' jixhed aħjar dwarha PS 1021. Rigward l-isem ta' l-imputat, ix-xhud spjega li dan ġie mingħand Anthony Buhagiar, li kien stqarr miegħu li kien mar fuq il-post wara li kien irċieva informazzjoni anonima li kienet instabet il-vettura f'għalqa fi Triq il-Vitorja, fejn hemm qisha bitħa viċin *Studio 7* u meta ttawwal minn wara l-ħajt, ra lil OMISSIS u Damien Ebejer, iżda kkjarifika li r-rapport kien għamlu missieru Anglu Buhagiar. Ix-xhud min-naħa tiegħu stqarr li Ryan Buhagiar ma kienx mitkellem peress li kien ġewwa l-Awstralja. Ix-xhud imbagħad ikkonferma l-involviment tiegħu fir-rapport bir-referenza 8/S/2053/2021 esebit bħala Dok CC5[107];

**Anglu Buhagiar**[108] xehed fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, fejn spjega li kellu vettura Suzuki pparkjata fejn il-ħaddied in-Naxxar u sakemm tela' n-Naxxar, ma sabhiex hemm iżjed. Il-karozza kienet ipparkjata fil-post għall-ħabta tad-09:30hrs u għall-ħabta tal-11:15hrs ma sabhiex fejn ipparkjaha. Mistoqsi mill-Qorti, ix-xhud stqarr li ma kienx jiftakar in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, iżda semma n-numru 145. Kompla jispjega li t-tifel tiegħu Anthony Buhagiar kien tella' *post* fuq *Facebook*, fejn kien infurmat li l-karozza kienet daħlet ħdejn *Studio 7*. Wara dan, ix-xhud u t-tifel tiegħu niżlu ħdejn *Studio 7* fejn lemħu 3 min-nies fl-għalqa, li rikbu ġo vann u telqu minn fuq il-post, u hemmhekk instabet il-vettura, li nnutaw li kienet mingħajr pjanċi. Sabu wkoll li l-*logbook*, l-*insurance* u l-liċenzja tal-*windscreen* kienu maħruqin. Fuq domanda tal-Qorti dwar kif seta' għaraf il-vettura li kienet tiegħu minħabba dak li kien għadu kif iddeskriva, spjega li għarafha li tiegħu mill-għamla, u ċioe' t-tinda, u li kienet bajda. Wara li x-xhud ikkonferma

---

[107] Ara a fol 18 *et seq* tal-proċess
[108] Ara x-xhieda tiegħu a fol 158 *et seq* tal-proċess

li r-rapport mal-Pulizija għamlu għall-ħabta tal-11:30hrs, bħal donnu jikkonferma wkoll li l-ewwel sar ir-rapport, it-tifel Anthony tella' l-*post* fuq *Facebook*, saru jafu li l-vettura kienet f'għalqa ħdejn *Studio 7*, marru mill-ewwel fuq il-post għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa u nofs u l-ħamsa tal-istess ġurnata, u minn hemm, kompla jispjega li kien hemm 3 min-nies li kellhom vann u ċemplu l-Pulizija, pero' sa ma waslu kienu laħqu telqu, u mbgaħad kienu ġew tal-*fingerprints*. Mistoqsi mill-Qorti sabiex jiddeskrivi t-3 min-nies li raw, iddeskrivihom bħala żgħar, li wieħed minnhom identifikah bħala Sheldon, liema isem kien sar jaf bih wara li ra l-karta li kellu għal din il-kawża, iżda semma wkoll li dak iż-żmien dan Sheldon kellu xagħru isfar. Mitlub jelabora dwar lil min ra, ix-xhud spjega li kien ra lill-imputat OMISSIS, li għaraf fl-awla, pero' liż-żewġ persuni l-oħra ma setgħax jidentifikahom. Li kien jaf huwa li rahom kollha fil-vann, u lil OMISSIS speċifikament kien rah fit-tarf ħdejn it-tieqa u kien hemm żewġ persuni oħra, b'wieħed minnhom issuq. Mistoqsi dwar il-ħsarat sofferti, ix-xhud induna li kien hemm it-tinda tal-vettura imqatta' peress li skont ix-xhud, "***99 fil-mija [daħlu] minn wara***", u kien hemm xi għodda li kienu fil-vettura u kienu neqsin, u l-pjanċi kienu maqlugħin. Ix-xhud spjega wara li għamel ir-rapport ingħata karta mis-Surġent tal-Pulizija sabiex ikun jista' jmur għand Transport Malta għal pjanċi ġodda. In kontro-eżami, ix-xhud innega li l-għalqa li fiha nstabet il-vettura tal-Parte Civile kienet *scrapyard*, u li t-telefonata mill-persuna anonima kienet dwar il-fatt li l-karozza kienet qiegħda fi *scrapyard*, u min-naħa tiegħu spjega li apparti l-karozza tiegħu fl-istess għalqa kien hemm 8 karozzi oħra, fosthom tal-lavranti ta' *Studio 7*. Fuq mistoqsija tad-Difiża, ix-xhud stqarr li hu qatt ma ltaqa' mas-sid ta' din l-għalqa u ma kienx jaf min hu lanqas. Fl-għalqa, ix-xhud ikkonferma li kien hemm hu u t-tifel tiegħu, u nnega li huma kienu keċċew lill-persuni li raw fil-vann, u sostna li telqu huma minn fuq il-post. Innega wkoll li qatt qalilhom – la hu u lanqas it-tifel tiegħu – biex jitilqu, u insista li telqu huma minn jeddhom. Ix-xhud kompla jispjega li mbagħad ċemplu l-Pulizija, u ġew fuq il-post. Stqarr ukoll li hu ma jrid xejn mingħandhom, u kulma ried huwa li jrabbu l-għaqal peress li għadhom żgħar u għandhom futur;

**PC 2141 Bernardette Cutajar**[109] xehdet fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, kienet *orderly* ġewwa l-Għassa tan-Naxxar fejn daħal ċertu Anglu Buhagiar li stqarr li kellu

[109] Ara x-xhieda tagħha a fol 169 *et seq* tal-proċess

karozza li kienet ipparkjata fi Triq il-Mosta, fejn huwa kien mar lura u l-karozza ma sabhiex hemm. Il-ħin li pparkja hemm kien għall-ħabta tas-siegħa. L-involviment tax-xhud kien li ħadet ir-rapport tal-Parte Civile, u kkonfermat li r-rapport sar dik il-ġurnata, u ċioe' fit-12 ta' Awwissu 2021 fis-siegħa. Kompliet tispjega li Anglu Buhagiar qalilha li kellu karozza Suzuki Samurai bin-numru tar-reġistrazzjoni EAW 145, li huwa pparkja fi Triq il-Mosta, in-Naxxar, quddiem il-ħaddied u x'ħin mar lura hemmhekk siegħa wara ma sabx il-karozza hemmhekk iżjed. Aktar tard fix-xhieda tagħha, ix-xhud spjegat li Buhagiar qalilha li pparkja l-karozza fi Triq il-Mosta, Naxxar, għall-ħabta tal-10:30hrs u meta reġa' mar hemm fil-11:30hrs ma sabhiex hemm. Kompliet tispjega li meta kien mistoqsi mill-Pulizija, dak il-ħin ma kellux persuna li kellu suspett li seta' seraqlu il-vettura, u spegalha wkoll li l-karozza hija reġistrata fuq ibnu Ryan Buhagiar li jgħix l-Awstralja. Minn hemm, ix-xhud għamlet kuntatt ma' PS 408, li imbagħad kompla bl-investigazzjoni. Ix-xhud kienet murija Dok CC5 u kkonfermat li kien ir-rapport li daħlet hi;

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud**[110] xehdet fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, fejn wara li kienet eżentata mis-sigriet professjonali tkellmet rigward l-andament tal-imputat OMISSIS, li kienet qed issegwih fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni maħruġa fil-mori ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll fuq Ordni ta' *Probation* mogħtija mill-Maġistrat Dr. Victor G. Axiak, u spjegat li l-imputat qed juri reżistenza għal kull tip ta' għajnuna mingħandha u l-professjonisti inkarigati miegħu, fejn jgħidilha li hu m'għandux bżonn għajnuna, u kien hemm istanzi fejn ġab skuża b'ommu fejn jgħidilha li tkun qaltlu hi biex ma jkellimhomx. Spjegat li dakinhar filgħodu stess, u ċioe' nhar it-23 ta' Novembru 2021, ix-xhud kellha l-opportunita' li tkellem lill-ommu u lil nannuh flimkien sabiex tipprova tindirizza din il-problema. Kompliet tispjega li ma kellhiex *feedback* pożittiv mill-YOURS fejn l-imġieba tiegħu ma "kienitx waħda ideali", b'numru ta' rapporti li jsemmu nuqqas ta' rispett lejn l-uffiċjali u l-priġunieri l-oħra. Spjegat ukoll li jkun hemm istanzi fejn kien ikun edukat u b'imġieba tajba quddiemhom, u mbagħad jagħmel affarijiet bħal jaqbad mal-priġunieri l-oħra minn taħt. L-imġieba tiegħu, sostniet ix-xhud, kienet tali li jekk ħa jibqa' jieħu din il-posizzjoni ta' reżistenza ma jkunux jistgħu jibqgħu joffrulu s-sapport f'dak ir-rigward. Ix-xhud kompliet tixhed li f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċentru tal-Ibwar,

110 Ara x-xhieda tagħha a fol 174 *et seq* tal-proċess

kien għadu għaddej l-assessjar fuq l-imputat, u vis-a-vis l-esperti maħtura mill-Qorti, kienu ser jiltaqgħu kollha, inkluż ix-xhud dik il-ġimgħa stess għax riedu *feedback* mingħandha sabiex jifformolaw ir-rapporti tagħhom, u tkellmet mal-*Head of Home* tar-residenza li kien ippjanat li jiddaħħal fiha l-imputat. Kompliet biex tispjega dwar ix-xogħol li kien qed isir minnha l-professjonisti l-oħra, li qed jippruvaw iżommu lil xulxin aġġornati fuq l-andament tagħhom u jaħdmu id f'id għall-ġid tal-imputat. Dan inkluda komunikazzjoni regolari ma' ommu Shirley sabiex tkun ta' sapport u "tkun *onboard*" fuq dak li kien qed isir ma' binha. Madankollu, sostniet li hemm bżonn sforz min-naħa tal-imputat sabiex "jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu u jammetti li hemm id-diffikultajiet, ikun onest, jafda lill-professjonisti li qed jaħdmu miegħu għax ħa [jkollhom] problema serja", ħaġa li x-xhud tispjega li l-fatt li għadhom ma waslux sal-istadju li huwa jammetti li għandu problema hija minnha nnifisha problema biex jimxu 'l quddiem. Kompliet tispjega l-bżonn li huwa jgħin lilu nnifsu biex huma jkunu jistgħu jgħinuh. Sostniet pero' li l-presenza ta' ommu qed isservi ta' għajnuna f'dan ir-rigward, kif ukoll il-presenza tan-nanniet li jagħmlu minn dak li jistgħu sabiex jgħinu lill-imputat. Kompliet tispjega li din il-problema tal-imputat sabiex jieħu l-passi neċessarji sabiex jgħin lilu nnifsu qiegħda ttelfu milli jikkwalifika għal residenza ġewwa l-Ibwar, u żiedet tgħid li hi u l-professjonisti l-oħra huma konxji mill-problema li għandu l-imputat bid-droga, minbarra "l-ħitan min-naħa tiegħu". Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud ikkjarifikat li d-diffikulta' li semmiet li ma jammettix li għandu problema m'hijiex limitata biss għad-droga, iżda waħda ġenerali. Eżempju li ġabet ix-xhud rigward il-problema tad-droga huwa meta l-imputat jipprova jimminimizzaha, meta fil-verita' tkun waħda aktar serja. Pero', minkejja dan, huma dawn ir-raġunijiet li semmiet ix-xhud li hija tħoss li jkun ta' benefiċċju kbir għall-imputat jekk jidħol l-Ibwar. In kontro-eżami, ix-xhud spjegat li l-imputat, bid-diffikultajiet kollha li qed jagħti lix-xhud u lill-professjonisti, juri intelliġenza kbira u ħafna potenzjal, u din xi ħaġa li ħarġet miż-żmien li kien qed iqatta' ġewwa l-YOURS. Fil-fatt, spjegat ix-xhud, huwa ċar li għandu ċertu abbiltajiet, bħalma huma fil-futbol u xogħol manwali. A rigward is-sitwazzjoni tal-imputat qabel ma daħal il-ħabs, ix-xhud stqarret li ma kienitx issegwih dak iż-żmien, pero' wara li bdiet, skopriet li kien ilu madwar sentejn ma jattendi l-iskola, u għalhekk saret laqgħa, kien ingaġġjat fi skola, u fil-frattemp kienet tiltaqa' miegħu b'mod regolari sabiex ikomplu jingaġġjaw miegħu fost affarijiet oħrajn. Fuq mistoqsija tad-Difiża, ix-xhud spjegat li fi żmienu ġewwa l-YOURS kellu ammont ta' rapporti, fosthom li

kien ipejjep meta dan kien projbit, disrispett lejn l-uffiċjali u argumenti ma' priġunieri oħrajn.

**Remenda Grech, id-Direttur għall-Kura Alternattiva**[111] xehdet fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, fejn wara li kienet mistoqsija mill-Qorti rigward id-disponibbilta' ta' residenza għall-imputat f'każ li jingħata l-ħelsien mill-arrest u dak li jirrigwarda Pjan ta' Kura, ix-xhud spjegat li hemm postijiet disponibbli, iżda ma kienux adatti għaċ-ċirkostanzi u għall-bżonnijiet tal-imputat, u dan għaliex il-*Community Homes* li kien hemm disponibbli ma kienux siguri, u huma appartamenti li fihom jirrisjedu nies oħrajn. Kien fid-dawl ta' dan il-fatt li x-xhud irrakkomandat li jkun ifformolat Pjan ta' Kura konkret bil-bżonnijiet tal-imputat fiċ-ċentru tagħhom, li għalhekk iservu ta' għajnuna għaliha sabiex jinstab post residenzjali idoneju għall-imputat. Semmiet ukoll il-bżonn li dan il-Pjan ta' Kura jkun ifformolat b'tali mod li jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonnijiet u x-xewqat tal-imputat. Żiedet tgħid ukoll li fi ħdan id-Direttorat għal Kura Alternattiva, hemm ħaddiema li qed jieħdu taħriġ apposta sabiex ikunu jistgħu jgħinu persuni b'diffikultajiet bl-imġieba tagħhom bħal ma huwa l-imputat. Kompliet tispjega li kien diġa' sar xi xogħol mal-imputat tramite l-*Youth in Focus*, pero' kien "għamilhielna ċara li ma jixtieqx li jaħdem magħna", u dan qabel l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Kien hemm tentattiv sabiex jitħaddem is-servizz taż-żgħażagħ miegħu pero' kien irrifjuta u wera "*pattern* ta' reżistenza", u kien minn hawn li skont ix-xhud li joħroġ il-bżonn ta' Pjan ta' Kura aktar konkret. F'dan il-punt il-Qorti kkjarifikat li kien diġa' qed isir xogħol f'dan ir-rigward, u li kien wasal fi stadju avvanzat mill-Uffiċjal tal-*Probation* u l-professjonisti inkarigati mill-Qorti. Meta aktar kmieni matul din ix-xhieda, ix-xhud stqarret li kellha bżonn aktar żmien sabiex l-imputat ikun jista' jiddaħħal f'post residenzjali, fuq domanda tal-Qorti sabiex telabora dwar dan, ix-xhud spjegat li dan kien sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex ir-residenza tkun aktar sigura għall-bżonnijiet tal-imputat, apparti xogħlijiet ta' tiswija li kienu qed isiru wara li vvakat il-minuri li kienet tirrisjedi hemm qabel. Rigward il-Pjan ta' Kura, ix-xhud irrakkomandat li jittieħdu miżuri minn din il-Qorti sabiex ikunu imposti ċertu restrizzjonijiet fuq l-imputat bħall-aċċess għall-*mobile* u elettronika oħra, li skont ix-xhud, jekk dan ma jsirx, "inkunu qed infallu qabel ma nibdew". Ix-xhud

[111] Ara x-xhieda tagħha a fol 185 *et seq* tal-proċess

kompliet tispjega li kienet infurmata li l-imputat għandu jew kellu relazzjoni ma' persuna li hija akbar minnu, u għalhekk semmiet il-possibilta' li jkun hemm pressjoni minn barra sabiex isir kuntatt, u għalhekk talbet lill-Qorti għal gwida rigward dawn iċ-ċirkostanzi, u dan bl-iskop li l-*placement* ikun wieħed strutturat u jkun evitat ir-riskju li l-imputat jerġa' lura għall-istil ta' ħajja li kellu qabel ma jkun beda l-Pjan ta' Kura. Hawnhekk il-Qorti sostniet li hija tista' timponi restrizzjonijiet fuq l-imputat, iżda ma kienx l-objettiv tagħha li dan il-*placement* effettivament jispiċċa jsir *house arrest*, u għalhekk hemm bżonn li jintlaħaq bilanċ bejn dawn ir-restrizzjonijiet li l-Qorti għandha s-setgħa timponi u d-dritt għal-liberta' tal-imputat. Dwar restrizzjonijiet fuq l-użu tal-*mobile* u elettronika oħra, il-Qorti sostniet li dawn huma tali li jistgħu imposti fl-ambitu tal-kundizzjonijiet u r-regolamenti tal-post fejn l-imputat ser ikun qed jirrisjedi aktar milli ordnijiet min-naħa tagħha. Kien hawnhekk li l-Qorti ssuġġeriet li l-imputat ikun infurmat bil-proċedura li tista' tittieħed f'każ li ma jaderix mal-kundizzjonijiet li jistgħu ikunu imposti fuqu mill-*Community Home*, u ċioe' miżuri bħal *Correctional Order*. In kontro-eżami, x-xhud spjegat li hemm 8 *Community Homes* madwar Malta kollha, li jinkludu appartamenti li jesgħu persuna waħda jew tnejn, jew inkella iżjed f'każ li per eżempju jkun hemm aħwa li jkunu jridu jinżammu flimkien. Spjegat ukoll li dawn ikunu mmexxija mill-SCSA, bir-regolamenti u *standards* tagħhom, kif ukoll minn *carers* tad-Direttorat, u l-*Head of Home*. Żiedet tgħid li uħud mill-*carers* ikunu stazzjonati fil-*Homes* 24 siegħa kuljum sabiex jipprovdu l-għajnuna u l-kura neċessarja. Madankollu sostniet li l-post minnu nnifsu m'huwiex wieħed sigur, minkejja li hemm ċertu kundizzjonijiet li jistgħu ikunu imposti mill-*Community Home*. F'dan il-punt ix-xhud semmiet iċ-ċentru tal-Ibwar, li spjegat li huwa aktar adatti għaċ-ċirkostanzi tal-imputat mill-appartamenti li setgħet toffri, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda sigurta' u l-problema tal-imputat tad-droga, u dan għaliex l-istess ċentru kien stabbilit għal żgħażagħ li jsofru minn din il-problema. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud ikkonfermat li jkun possibbli li xi ħadd li jkun qiegħed residenti magħhom jista' jkun trasferit minn hemm għall-Ibwar pero' spjegat li diġa' kienu qed jiddaħħlu n-nies u fil-fatt kien hemm ukoll nies li diġa' qed jirrisjedu ġewwa l-Ibwar. Spjegat li biex jiddaħħlu n-nies f'dan iċ-ċentru jsir assessjar fejn psikologi u *social workers* li jaħdmu hemmhekk jikkomunikaw mal-minuri u mbagħad minn hemm, jiddaħħal. Pero' sostniet li hemm bżonn ikun hemm ir-rieda tal-minuri biex huwa jiddaħħal, inkella "l-assessjar jieqaf qabel ma jibda". Spjegat li normalment ir-

rakkomandazzjoni hija li l-assessjar f'sitwazzjonijiet bħal dawk imsemmija, u ċioe' fejn ikun hemm diffikulta' min-naħa tar-resident prospettiv, isir fi spazju kkontrollat u sigur sakemm tkun determinata l-eliġibilta' tiegħu sabiex jidħol l-Ibwar;

**Carl Bonaci**[112] xehed fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, fejn spjega li kien il-Ħadd filgħaxija u t-tifel tiegħu Sergei kien ħareġ għal mixja lejn il-bandli tas-Swatar u qatta' xi 45 minuta jagħmel dawra mas-Swatar, imur sal-bandli u jiġi lura, u stqarr li dan kien l-unika żvog tiegħu, u li minkejja li kellu eta' ta' 25 sena, kellu l-eta' mentali ta' persuna ta' 13 jew 14-il sena. Spjega li ġie lura jibki u qal lix-xhud li kien hemm xi ħadd li seraqlu l-*mobile*, u meta staqsieh kif, qallu li kien hemm tifel żgħir li tah daqqa fuq rasu, ġrew warajh, kien hemm wieħed minnhom li kellu *flick knife* f'idejh u ħadulu l-*mobile*, u meta kien qed jibki wara li ħadulu l-*mobile* wieħed minnhom qallu li "aħna l-irġiel ma jibkux", u mexa magħhom għal ftit metri. Ix-xhud kompla jispjega li dak il-ħin it-tifel tiegħu kellu l-*mobile* f'idejh għax iħobb jisma' l-mużika, u huma qalulu biex jaraw il-*mobile* u wara li mxew ftit it-tifel qalilhom biex jagħtuh il-*mobile* lura għax missieru (ix-xhud) ikun iridu jiġi lura d-dar fil-ħin, fejn huma weġbuh li l-*mobile* ma kienx għandhom, imma kien waqgħalu, u ta' bniedem sempliċi li kien, emminhom u mar lura fil-post minn fejn kienu bdew mexjin flimkien biex ifittex il-*mobile*. Meta x-xhud staqsieh għalfejn kien mar lura meta kien jaf li l-*mobile* kien f'idejn wieħed miż-żewġt itfal li avviċinawh, Sergei wieġbu li "Iva imma forsi waqgħalu minn idejh". Dakinhar ix-xhud qallu biex jitilquha l-affari u qallu li ma ġara xejn, u dan biex forsi t-tifel tiegħu jagħmel ftit kuraġġ wara li għadda minn esperjenza li skont ix-xhud kienet trawmatika tant li ma kienx ikun irid joħroġ mid-dar u kien jispiċċa jmur ix-xhud miegħu kull fejn imur. Wara dan għamlu r-rapport u mill-ftit informazzjoni li kellu għarfu l-persuna li kien hemm tramite l-*media* soċjali, u meta marru l-Għassa u l-Pulizija wrewhom xi filmati wkoll. Ix-xhud spejga li minkejja li huwa ma kienx fiżikament preżenti meta seħħ l-inċident, skoprew min kien wara t-tifel ieħor tiegħu li għandu 27 sena beda juri lill-vittma immaġni ta' persuni differenti li kien iġġenera permezz tad-deskrizzjonijiet li tah Sergei, sa ma t-tifel il-kbir penġa xebħ tal-imputati minn fuq il-kompjuter tiegħu, u minn hemm Sergei għaraf min kienu, u minn hemm marru b'dawn l-immaġni għand il-Pulizija. Ix-xhud kompla jispjega li meta marru għand il-

[112] Ara x-xhieda tiegħu a fol 195 *et seq* tal-proċess

Pulizija u qalulhom li kienu jaħsbu li l-persuni li serqu lil Sergei kienu dawk iġġenerati bl-immaġini, minn hemm il-Pulizija għamlu l-konnessjoni mal-imputati, u x-xhud innota li persuna minnhom kien diġa' magħruf mal-Pulizija. Minn dawn l-immaġni ħareġ l-isem tal-imputat OMISSIS, pero' minkejja li kien hemm persuna oħra miegħu, ma kellhomx isem għal din il-persuna. Mistoqsi jiddeskrivi l-mobile li kellu Sergei, li x-xhud ikkonferma huwa ta' Sergei pero' s-SIM card kienet reġistrata fuq ix-xhud, iddeskrivieh bħala Samsung aħmar li skontu kien jiswa madwar €600, pero' ma setgħax jikkonferma l-prezz. F'dan il-punt ix-xhud stqarr li l-*mobile* tat-tifel tiegħu kien ġdid t-tifel qallu li l-persuna l-oħra li kien hemm mal-persuna li ħadlu l-*mobile* kellu *mobile* bħalu eżatt u allega li probabbilment inbidel il-*mobile*, pero' ma kienx f'posizzjoni li dan jikkonfermah;

**Sergei Fedorov**[113] xehed fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021 bl-assistenza ta' missieru Carl Bonaci, li spjega li mar passiġġata u baqa' sejjer lejn il-bandli tas-Swatar, fejn kien gruppi ta' nies li kien jaf u uħud li ma kienx jaf. Ma kienx jiftakar d-data meta seħħ l-inċident, pero' jiftakar li kien is-Sajf tas-sena 2021, u kien filgħaxija. Spjega li mar hemmhekk isellem lill-ħbieb tiegħu, u wara li għamel poġġa bil-qiegħda peress li kien għajja mill-mixja, u beda jisma' l-mużika minn fuq l-i*speaker* tal-*mobile* tiegħu. Ħin minnhom, ġie wieħed u qallu "X'qed tisma'? Itfini għax ma rridx nisma' iżjed dan il-mużika, qisek il-Belt qed iddoqq?". Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud ikkonferma li kien tifel, u li kemmxejn qasir. Minn hemm ix-xhud spjega li waqqaf il-mużika pero' mbagħad wara ftit reġa' xegħelha, għax irraġuna li kienet bla sens li ddejjaq lilhom meta ħaddieħor ma kien jgħidlu xejn. Mistoqsi mill-Qorti x-xhud ikkonferma li t-tifel li kien qallu biex jitfi l-mużika baqa' hemmhekk fil-bandli, u kien qed jitkellem ma' xi ħaddieħor, u kkonferma li kien fil-qrib tax-xhud. F'dan il-punt, fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud indika lill-imputat OMISSIS fl-awla. Wara dan, ix-xhud spjega li l-imputat staqsieh jekk qatt qalax xebgħa, fejn ix-xhud wieġbu li le, u hemmhekk tah daqqa u x-xhud m'għamillu xejn. Meta mistoqsi mill-Qorti jekk ix-xhud qalx xi ħaġa lill-imputat jew għamilx xi ħaġa qabel ma staqsieh jekk qatt qalgħax xebgħa, ix-xhud stqarr li qallu xi ħaġa bir-Russu, u l-imputat ma fehemx. Ix-xhud spjega li imbagħad qallu biex iħallih u li riedx problemi, u li mhux ħa jagħmillu ħsara. Wara li qal dan, ix-xhud qal li l-imputat tah daqqa. Wara dan, ix-xhud stqarr li kien

[113] Ara x-xhieda tiegħu a fol 202 *et seq* tal-proċess

muġugħ u wara li qala' d-daqqa irraġuna li aħjar jitlaq minn fuq il-post, u minn hemm mar jixtri xi ħaġa tal-ikel. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemmx xi ħaddieħor mal-imputat OMISSIS, ikkonferma li dan kien il-każ, iżda ma setgħax jiftakar min kien jew id-deskrizzjoni tiegħu, pero' kien ċert li kien tifel. Mistoqsi jekk jagħrafx lil xi ħaddieħor fl-awla minbarra l-imputat OMISSIS, ix-xhud ma għaraf lil ħadd iżjed. Wara li mar jixtri xi ħaġa, ix-xhud spjega li mar lura l-bandli biex jiekol u imbagħad niżel ħdejn għalqa fejn kien hemm tarġa biex ikompli jiekol hemmhekk u baqa' hemm. Spjega li kien hemm xi żgħażagħ li kienu qed jitkellmu u jħarsu lejh waqt li hu kien qiegħed hemmhekk fuq il-*mobile* u jisma' l-mużika, u ħin minnhom iddeċieda li jiċċaqlaq minn fejn kien għax iddejjaq u ma riedx joqgħod fl-istess post. Imbagħad spjega li telaq jiġri u xi wħud minn dawn il-ġuvintur bdew isegwuh u peress li kien wasal ħdejn il-Mużew, poġġa bil-qiegħda u nfaqa' jibki u kellu l-mużika għaddejja, u ħin minnhom ġie l-imputat OMISSIS u qallu li l-irġiel ma jibkux, u stiednu jmur miegħu sal-bandli, u mxew sa hemmhekk. X'ħin waslu l-bandli l-imputat qallu biex itih il-*mobile* biex jarah, tahulu, u dak il-ħin ix-xhud beża'. Meta x-xhud talbu l-*mobile* tiegħu lura għax ried imur id-dar, l-imputat wieġbu li kien tilfu u waqgħalu. Ix-xhud ġera lura biex ifittex il-*mobile*, u meta rritorna ma sabx lill-imputat hemm. Kien hemm ħabib tax-xhud u staqsieh jekk kienx rax liż-żewġ persuni li kienu avviċinawh, dan il-ħabib urieh id-direzzjoni fejn kienu marru l-imputat u sieħbu, u meta sabu, talbu l-*mobile* tiegħu lura, l-imputat qallu li kellu *mobile* u ċwievet fil-but. Ix-xhud staqsa lil sieħbu l-istess mistoqsija biex joħroġ l-affarijiet mill-but, u hu wieġbu li ma kellu xejn ħlief *mobile* u ċ-ċwievet u flus. Meta imbagħad staqsihom fejn kien allura, qalulu biex imur ifittex fil-bandli fejn kienu, għax hemm kien qiegħed żgur. Fuq mistoqsija tal-Qorti ikkonferma li l-persuni li kellem kienu l-imputat u sieħbu, u wara li reġgħet staqsietu jekk dan it-tifel l-ieħor kienx qiegħed fl-awla, ikkonferma li ma kienx qiegħed hemm. Ix-xhud kompla jispjega li wara li talabhom il-*mobile* lura u qalulu li ma kienx qiegħed għandhom, huma telqu. Fuq mistoqsija tal-Prosekuzzjoni ix-xhud wieġeb li l-*mobile* tiegħu kien tad-ditta Samsung A10 ta' lewn aħmar, li identifikah bħala Dok SF, pero' sostna li żgur li ma kienx imkisser. Mistoqsi jekk rax xi ħaġa fuq l-imputat, wieġeb li kien ralu sikkina li kien qed jilgħab biha, fejn dan qallu "Trid noqtlok?", fejn ix-xhud wieġbu "Le jiena ma nibżax lilek qas kieku toqtolni lili", u qallu hekk wara li kien tah id-daqqa l-imputat. Wara dan kollu, ix-xhud spejga li mar lura d-dar bla mobile u kien qed jibki, fejn imbagħad mar jitkellem mal-ġar tagħhom għax beża' jgħid lil missieru x'kien ġara peress

li seta' jirrabja. Wara li informa lil missieru fuq li ġara, marru fuq il-post u x-xhux, pero' ma nstab xejn u ħadd hemmhekk. Ħuh il-kbir Jurgen beda jfittex biex jidentifika lil min kien involut fis-serqa tal-*mobile*, fejn ix-xhud tah deskrizzjoni tal-kulur ta' xagħaru li kien "xi abjad bl-iswed", pero' ma semmielu xejn dwar wiċċu għax ma kienx jaf. Abbażi ta' din l-informazzjoni, ħuh ħoloq immaġni tal-persuna li kien serqu, u rriżulta xebħ ma' wieħed mill-imputati. Minn hemm, Jurgen beda jirrintraċċa fejn kien il-*mobile* tax-xhud tramite l-postijiet minn fejn kien qed jintfetaħ il-kont tal-*Facebook* tiegħu, li eventwalment wasal għall-konklużjoni li dan kien qiegħed il-Mosta. Wara dan, il-missier kompla jispjega li hu u x-xhud reġgħu marru fuq il-post xi jumejn jew tlieta wara l-inċident, fejn hemmhekk raw li kien hemm grupp żgħażagħ li minn dak li qallu x-xhud kienu preżenti dakinhar tal-inċident, u wara li l-missier avviċinahom u spjegalhom is-sitwazzjoni, wieħed minnhom, li l-missier wegħdu li ma kienx ser jikxef minn kien, qallu li kien jaf min kienu l-imputati, u tah żewġ ismijiet, li wieħed minnhom kien l-imputat OMISSIS, iżda ma setgħax jiftakar l-isem tal-persuna l-oħra li kien hemm miegħu. Fuq domanda tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni kkonfermat li din l-informazzjoni kienet waslet għandhom ukoll.

**PS 1037 Saviour Mifsud**[114] kompla jixhed fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, fejn spjega li fil-5 ta' Ottubru għall-ħabta tat-20:15hrs, Sergei Fedorov flimkien ma' missieru Carl Bonaci ġew l-Għassa ta' Birkirkara, li rrapporta li fit-3 ta' Ottubru għall-ħabta ta' bejn it-tmienja uj kwart u d-disgħa neqsin kwart kien safa vittma ta' serq tal-*mobile* tiegħu. Waqt ir-rapport, Fedorov indika żewġ persuni, fejn qalilhom li kien għarafhom fiżikament u tramite *Facebook*. Ix-xhud spjega li Fedorov kien indikalu lil OMISSIS u lil OMISSIS, u l-istess Fedorov kien wera lill-Pulizija ritratti tagħhom u huma pproċedew bl-investigazzjoni tagħhom abbażi ta' dak li indikalhom. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud spjega li r-ritratti in kwistjoni kienu ntwerew minn fuq il-*mobile* ta' missieru, u ċioe' r-ritratti ta' *Facebook*. Fedorov stqarr miegħu li huwa kien qiegħed fi Ġnien Beatu ġewwa Triq Fonzu Maria Galea, Birkirkara, kantuniera ma' Grech Delicata, li jinsab ġewwa Ta' Paris, Birkirkara, fejn wara li x-xhud staqsa lil Fedorov x'kien ġara biex ħadulu l-*mobile*, qallu li kienu daruh żewġ ġuvintur u wieħed minnhom ħariġlu mus u heddu bih biex jagħtih il-*mobile*. Fedorov ikkonferma max-xhud li dan il-mus dan il-ġuvni kien ipponta l-mus

[114] Ara x-xhieda tiegħu a fol 220 *et seq* tal-proċess

lejh, fejn hemmhekk ikkonferma miegħu ukoll li kien l-imputat OMISSIS li għamillu hekk. Fedorov kompla jispjega lix-xhud li wara li tah il-*mobile*, l-imputat talbu biex jiftaħulu peress li kien illokjat. Minn wara li fetaħulu, il-*mobile* baqa' fil-pussess tal-imputat, u wara dan l-imputat ħarab minn fuq il-post, u Fedorov ħarab lejn id-dar, pero' x-xhud żied jgħid li qabel ma mar lejn id-dar, baqa' jdur barra għaliex beża' li kienu qegħdin isegwuh, u mbagħad mar id-dar. Minn hemmhekk, ittieħdet il-verżjoni ta' Fedorov tal-fatti u min-naħa tiegħu, ix-xhud għamel kuntatt mal-Għassa tal-Mosta, u talabhom imorru fl-indirizz li kien jgħix fih OMISSIS fl-istess lokalita' ma' nannuh, liema indirizz kien 102, Triq il-Bażilika, il-Mosta. Ix-xhud kompla jispjega li l-Pulizija marru f'dan l-indirizz jitkellmu ma' nannuh Emanuel Abela, fejn staqsewh jekk kienx hemm OMISSIS id-dar, u weġibhom li ma kienx qiegħed għandu dak il-ħin, imma għand oħtu Marsaskala. Minn hemm ix-xhud spjega li għamel kuntatt mal-Għassa ta' Marsaskala sabiex jirrikorru fl-indirizz tal-oħt, u ċioe' 13, Serfine, Block A, Flat 4, Triq il-Lampuka, Marsaskala. Waqt li kien qed jagħmel dan, l-imputat OMISSIS għamel kuntatt mal-Għassa ta' Birkirkara, fejn talabhom x'għandhom bżonn mingħandu wara li sar jaf li marru għand in-nannu tiegħu, u nannuh qallu li kienu qed ifittxuh il-Pulizija ta' Birkirkara. Ix-xhud wieġbu li kellhom bżonn ikellmuh l-Għassa ta' Birkirkara, iżda l-imputat infurmah li dakinhar ma setgħax, pero' qalilhom li seta' jiġi darb' oħra. F'dan il-punt ix-xhud insista mal-imputat li dakinhar kellhom bżonn ikellmuh u mhux ġurnata oħra, u żamm ferm mal-posizzjoni tiegħu wara li l-imputat issuġġerielu li jiġi l-Għassa l-Ġimgħa ta' dik il-ġimgħa. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud ikkjarifika li l-inċident kien seħħ fit-3 ta' Ottubru, li kien il-Ħadd, u r-rapport sar fil-5 ta' Ottubru, li kien it-Tlieta, u l-kuntatt mal-imputat kien sar fl-istess jum. Ix-xhud kompla jispjega li wara li baqa' jinsisti mal-imputat li ried ikellmu dakinhar u l-imputat ġab skuża bil-fatt li ma kellux lil min iwasslu, pero' wara li x-xhud staqsa lix-xhud u l-imputat qallu li kien qiegħed fil-bandli ta' Marsaskala, ix-xhud tah struzzjonijiet biex imur l-Għassa ta' Marsaskala u jiġbru minn hemmhekk. Madankollu, ix-xhud spjega li minkejja li qallu li kien sejjer, l-imputat ma tfaċċax, u dan wara diversi tentattivi sabiex isir kuntatt dirett miegħu, li lkoll irriżultaw fin-negattiv. Għalhekk ix-xhud għamel kuntatt ma' oħt l-imputat Hope, fejn staqsieha jekk kienx qiegħed ħdejha, li kkonfermat li kien qiegħed ħdejha quddiem l-istabbiliment *Chick King*. Wara li x-xhud qalilha li kien ordna lill-imputat sabiex jirrapporta l-Għassa ta' Marsaskala, sostniet miegħu li hi riedet li jkollha l-ebda involviment f'dak li kien qiegħed jiġri, fejn ix-xhud assiguraha li mhux għaliha kien

qed jgħid, iżda insista magħha li l-imputat imur l-Għassa. Dak il-ħin l-imputat kellmu minn fuq il-*mobile* u staqsieh għalfejn rieduh il-Pulizija. Hawnhekk ix-xhud informa lill-imputat li kien avżah biex jirrapporta l-Għassa ta' Marsaskala, iżda f'dan l-imputat wieġbu li ma kien sejjer imkien u qatgħalu. Ix-xhud kompla jispjega li għamel kuntatt mal-Għassa ta' Marsaskala għall-assistenza, pero' wara li ma kienux disponibbli, għamel kuntatt ma' tal-*RIU* sabiex jaraw jekk l-imputat kienx qiegħed il-bandli ta' Marsaskala, din it-tfittxija rriżultat fin-negattiv. Dak il-ħin il-Pulizija staqsew lin-nies jekk rawx lill-imputat u lil oħtu, u weġbuhom li l-imputat ma kienx ġie hemm dakinhar. Minn hemm l-imputat għamel kuntatt ma' oħt l-imputat Hope biex jistaqsieha fejn kienu, li weġbitu li kienu għadhom quddiem iċ-*Chick King* ta' Marsaskala, fejn staqsieha il għaliex ma kienux għadhom marru l-Għassa ta' Marsaskala. Sussegwentement, skoprew li l-imputat kien mar għand nannuh il-Mosta, fejn għamel kuntatt mal-Pulizija tal-Mosta għall-assistenza sabiex jivverifikaw jekk attwalment kienx qiegħed hemm, liema verifika waslet wara li rrikorrew fir-residenza ta' nannuh, u wara dan, l-imputat ġie l-Għassa tal-Mosta flimkien ma' nannuh. Hemmhekk infurmah li ried ikellmu rigward l-inċident ta' serq tat-3 ta' Ottubru 2021, fejn allegatament kien involut f'serqa ta' *mobile*, ħaġa li l-imputat innega. F'dan il-punt ingħata d-drittijiet tiegħu, fejn l-imputat talab l-assistenza tal-Avukat Dr. Mario Mifsud, iżda wara li ma dan il-kuntatt ma rnexxiex, ix-xhud għamel kuntatt mal-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Victor Bugeja, fejn fehmu ċ-ċirkostanzi tal-każ u ħalla lill-imputat u l-Avukat jitkellmu privatament, u dan kien għall-ħabta tat-02:50hrs. Meta ġew lura u x-xhud staqsieh x'kien ser isir, l-imputat wieġbu li kellu struzzjonijiet mill-Avukat tiegħu sabiex ma jwieġeb għall-ebda domanda. Ix-xhud kompla jispjega li staqsieh diversi domandi rigward l-inċident tat-3 ta' Ottubru, pero' l-imputat għażel li jwieġeb għall-ebda waħda. Żied jgħid pero' li meta staqsieh dwar il-*mobile* il-misruq, u ċioe' fejn kien il-*mobile* li allegatament seraq, huwa nnega għal kollox li kellu xi *mobile* fil-pussess tiegħu, tant li sostna li lanqas kellu *mobile* għalih innifsu, għax li kellu kien kissru. Meta staqsieh fuq il-fatt li l-*mobile* il-misruq kien qed jimmarka mill-*mobile* ta' missier il-vittma li kien qiegħed x'imkien ġewwa l-Mosta, l-imputat u nannuh ħarsu lejn xulxin iżda ma qalu xejn. Minn hemm ix-xhud waqqaf l-investigazzjoni tiegħu u bagħat lill-imputat u lil nannuh, u fid-9 ta' Ottubru il-Pulizija marru jaraw il-filmat tal-ġnien fejn allegatament seħħ l-inċident, fejn ikkonferma li huwa l-istess wieħed li seħħ ġewwa l-ġnien tas-Swatar. Ix-xhud kompla jispjega li fil-filmat deher il-Parte Civile Sergei Fedorov li kien waħdu, u kien

hemm grupp ta' tfal jilgħabu, fejn fosthom għarfu lil OMISSIS u lil OMISSIS. Kompla jispjega li matul il-ħin kollu li Fedorov għamel fil-ġnien, dan il-grupp waqafx jaqbad miegħu, fejn daruh minn meta daħal fil-ġnien, daruh meta mar waħdu f'kantuniera, u meta telaq u reġa' ġie u mar bil-qiegħda, reġgħu daruh għal darb' oħra. F'ħin minnhom l-imputat OMISSIS jidher fil-filmat jaqbad xi affarijiet minn mal-art u jwaddabhom fid-direzzjoni tal-vittma. Wara dan, spjega x-xhud, kien hemm mument li l-cameras ma setgħux jaqbdu, fejn il-partijiet marru fi sqaq mudlam u ma kienux jafu x'ġara. Innutaw lill-imputat Sheldon imur waħdu f'dan l-isqaq iżda ma kienux jafu x'ġara hemmhekk, u wara ftit imorru aktar tfal fl-istess direzzjoni, u imbagħad deheru jerġgħu jiġu lura flimkien. Spjega li l-vittma għamel xi ħin fis-sqaq waħdu u mbagħad irritorna fil-ġnien u dak il-ħin reġgħu qabdu miegħu, u dan sakemm huwa telaq mill-post. Meta tkellmu mal-vittma sabiex jiddeskrivi dak li ġara fil-ħin tal-inċident, inkluż fejn seħħ, stqarr magħhom li l-inċident ma kienx seħħx fil-ġnien iżda fi triq oħra, u ċioe' fi Triq Fonzu Maria Galea, Birkirkara, li fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud spjega li hija madwar 2-3 minuti 'l bogħod mill-ġnien. Il-Pulizija rrikorrew fuq il-post flimkien mal-vittma, iżda mill-istħarriġ tagħhom, irriżulta li ma kienx hemm cameras li jġibu l-inċident iseħħ, u għaldaqstant kellhom jistrieħu fuq dak li stqarr magħhom il-vittma. Minn hemm, ix-xhud spjega li marru l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, fejn tawhom aċċess għall-filmati li jinġabru minn kamra sitwata taħt il-bandli, fejn il-Pulizija sussegwentement qgħadu jaraw il-filmat tal-ġnien. In oltre ta' dak li xehed sa dak il-punt, ix-xhud spjega li l-*mobile* li kien insteraq f'dan l-inċident kien elevat dakinhar li nstabet il-karozza Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465, u kien instab fil-pussess tal-imputat OMISSIS dakinhar li kien arrestat b'rabta mas-serqa tal-istess vettura. Muri l-*mobile* innifsu, ix-xhud għaraf li Dok SF kien l-istess *mobile* li kien elevat minn fuq il-persuna ta' OMISSIS dakinhar tas-serqa tal-vettura. In kontro-eżami għall-imputat OMISSIS, ix-xhud ikkonferma li l-imputat kien intervistat rigward l-inċident għall-ħabta tat-02:50hrs, u mistoqsi għalfejn il-Pulizija ma baqgħux jippersistu sabiex jiġi Dr. Mifsud u mhux Avukat tal-Għajnuna dakinhar tenut kont il-fatt li l-imputat kien talab l-assistenza ta' Dr. Mifsud, ix-xhud spjega li dan kien għaliex in-nannuh ma riedx iħallaslu għal Avukat, u kien hu li talab għal Avukat tal-Għajnuna Legali. In kontro-eżami għall-imputat OMISSIS, ix-xhud ikkonferma li s-serqa tal-*mobile* seħħet fit-3 ta' Ottubru u instab fl-24 ta' Ottubru. Mistoqsi dwar l-istat tal-vittma meta kien qiegħed jiġi mitkellem mill-Pulizija u wrewh ir-ritratti, ix-xhud ikkjarifika

li hu fl-ebda ħin ritratt, anzi kien il-vittma stess flimkien ma' missieru li wrewh ir-ritratti ta' persuni li kien għaraf hu, u huma qgħadu fuq dak li qalilhom hu. Meta l-Avukat ikkontenda li ma kienx attwalment jaf min kienu, ix-xhud sostna li hu wriehom ir-ritratti taż-żewġ persuni involuti. Hawnhekk il-Qorti kkjarifikat li meta xehed il-vittma stess, huwa kien għaraf wieħed biss mill-imputati, u ċioe' lil OMISSIS, mhux lil OMISSIS. Filwaqt li kien fatt stabbilit li ż-żewġ imputati kienu preżenti fil-ġnien, jirriżulta li l-inċident innifsu seħħ f'post li ma kienx kopert minn cameras, u li barra minn dan kien hemm ħafna aktar nies involuti f'dak li seħħ waqt li kienu l-bandli. F'dan il-punt ix-xhud għamel aċċenn għal dak xehed, u ċioe' li meta ġabu l-filmati il-Pulizija ġabu lil Sergei u lil missieru l-Għassa sabiex il-vittma jidentifika l-persuni, u fil-filmati kien hemm l-imputati u huma talbuh jindikalhom min huma l-persuni involuti. Hawnhekk, ix-xhud stqarr li l-Pulizija, minkejja li kellhom konferma ċara li l-imputat OMISSIS kien involut, kien hemm ċertu dubju fir-rigward tal-imputat OMISSIS għaliex fil-fatt, ma bdewx jagħrfuh mal-ewwel. F'dan il-punt, spjega x-xhud, ħallew lill-vittma jindika l-persuni involuti, u mhux issuġġerewlu min seta' kien min, u hu indika persuna. Fuq mistoqsija tal-istess Avukat, ix-xhud stqarr li l-Pulizija li lil Sergei Fedorov ma qgħadux jifluh sabiex jaraw jekk kienx ibati minn xi kundizzjoni waqt li kien qed ikun intervistat minnhom;

**PC 838 Gabriel Tabone**[115] xehed fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, ix-xhud spjega li fil-5 ta' Ottubru daħlu fl-Għassa ta' Birkirkara Carl Bonaci u Sergei Federov, li ġew jagħmlu rapport li fit-3 ta' Ottubru għall-ħabta tat-tmienja u nofs "Sheldon u Jake" kienu qiegħdin fi Ġnien Beatu fis-Swatar, fejn Fedorov qallu li Sheldon tefgħalu xi affarijiet u mbuttah, u heddu b'mus u seraqlu l-*mobile* Samsung A10 aħmar. Kompla jispjega li fis-6 ta' Ottubru, PS 1037 sab lill-imputat OMISSIS fir-residenza tan-nannu tiegħu 102, Triq il-Bażilika, Mosta, u tah struzzjonijiet sabiex imur l-Għassa tal-Mosta peress li kienet l-aktar waħda fil-qrib. Rigward il-*mobile*, ix-xhud spjega li Bonaci u Fedorov għaddewlu l-kaxxa tiegħu, minn fejn irriżulta li l-IMEI Number tal-*mobile* kien 352113/11/474746/7, li huwa Samsung A10 ta' lewn aħmar. Wara dan, ix-xhud kompla jispjega li fl-24 ta' Ottubru 2021 kienu infurmawhom il-Pulizija tal-*RIU* li kienu waqqfu karozza f'Ħaż-Żebbuġ fi Triq Misraħ Muxi, fejn huma sabu lill-imputati, li x-xhud għaraf it-tnejn fl-awla.

[115] Ara x-xhieda tiegħu a fol 236 *et seq* tal-proċess

Sussegwentement, minn dak elevat minn fuq il-persuna tal-imputati, senjatament OMISSIS, instab il-*mobile* li kien identiku għal dak li allegatament kien seraq l-imputat OMISSIS, u dan abbażi ta' dak li sostna max-xhud Sergei Fedorov bħala l-persuna li għamillu r-rapport. Wara dan, l-imputat OMISSIS ittieħed l-Għassa ta' Birkirkara fejn wara li tkellem mal-Ispettur, l-imputat werihom xi karozzi oħra li kienu misruqa u fejn kienu, u ċioe' vetturi Nissan Micra, BMW u Skoda. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud ikkjarifika li hu rrikorra fuq ix-xena tar-reat wara li kienu elevati l-affarijiet minn fuq il-persuna tal-imputati, u dan għaliex l-elevar sar mill-Pulizija tal-*RIU*. Mistoqsi mill-Qorti dwar jekk kellux involviment rigward l-imputat OMISSIS, ix-xhud stqarr li ma kellu l-ebda involviment f'dak ir-rigward, pero' żied li huwa kien ma' PC 1146. Muri Dok SF, ix-xhud għaraf il-*mobile* li kien allegatament insteraq mill-imputat OMISSIS, u mistoqsi fejn kien instab, ix-xhud spjega li ma kienx jaf eżatt peress li l-oġġetti kienu elevati mill-Pulizija tal-*RIU*, pero' ikkonferma li l-*mobile* relattiv għas-serqa kien wieħed minn dawk elevati minn fuq il-persuna tal-imputati. F'dan l-istadju l-Prosekuzzjoni ppreżentat ir-Rapport tal-NPS bin-numru 8/R/4250/2021 u mmarkat bħala Dok CC18, li kien qed jiddeponi fuqu x-xhud, li kkonfermah bil-ġurament. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-involviment tiegħu kien il-ġbir ta' informazzjoni minn Pulizija oħra u l-partijiet konċernati, kif ukoll meta l-imputat OMISSIS inġieb l-Għassa ta' Birkirkara. In kontro-eżami, ix-xhud spjega li meta kien mitkellem l-imputat fuq l-inċident ġewwa l-Għassa tal-Mosta mill-Pulizija tal-*RIU*, għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda, u imbagħad meta tkellem mal-Ispettur fl-Għassa ta' Birkirkara żvela fejn kienu l-karozzi l-oħra misruqin, iżda għal din tal-aħħar ix-xhud ma kienx preżenti;

**Karl Bianco**[116] xehed fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, spjega li kien il-Ġimgħa filgħaxija matul is-sena ta' qabel, u kellu l-vann tiegħu tal-għamla Ford Transit ipparkjat fi Triq tal-Buttar, Marsaskala, pero' ma setgħax jiftakar in-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu peress li huwa vann tal-kumpanija Sei Garage u n-numru tiegħu jinbidel. Li seta' jikkonferma huwa li l-vann kien ipparkjat ftit 'l isfel mid-dar tiegħu u kellu baskett żgħir taħt is-seat u spjega li dejjem iħallieh hemm biċ-ċwievet tal-karozza tiegħu u kartiera żgħira bi ftit flus, flimkien maċ-ċwievet tal-garaxx u *bluetooth* li juża biex jitkellem biha fuq ix-xogħol fost oġġetti oħrajn. Ix-xhud ftakar li huwa ħareġ, u hekk kif għamel hekk mar biex jieħu l-*bluetooth*

[116] Ara x-xhieda tiegħu a fol 275 *et seq* tal-proċess

minn ġol-baskett iżda ma sabx il-baskett taħt is-seat. Stqarr li dak il-ħin kien sarlu l-ħin u kellu vjaġġ, u fuq domanda tal-Qorti, spjega li huwa jaħdem bħala xufier tal-*minibus*. Kompla jispjega li mbagħad ipprova jfittex għall-affarijiet tiegħu fejn kien ipparkjat il-vann peress li dak il-ħin assuma li seta' kien il-każ li serqu xi ħadd u ħalla l-affarijiet hemmhekk jew remiehom, pero' ma sab xejn. Hawnhekk ix-xhud ċempel l-Għassa biex jirrapporta x'ġara u kien infurmat sabiex l-għada jmur sal-Għassa sabiex jagħmel ir-rapport. L-għada filgħodu mar jagħmel hekk, pero' qabel ma mar, reġa' fittex fl-akwata u sab il-karta tal-identita' tiegħu, il-liċenzja u l-tag tal-*minibus*. Wara li għamel ir-rapport, spjega li jew dakinhar stess jew l-għada tar-rapport ċemplitlu l-Ispettur biex tinfurmah li nstabu xi affarijiet tal-kartiera tiegħu u oġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu mar-rapport tiegħu. Sussegwentement fil-ġranet ta' wara l-Ispettur bagħtet għalih biex jara x'affarijiet kellu, fejn sab il-baskett, il-*bluetooth*, iċ-ċavetta tal-karozza, u xi oġġetti oħra bħal flixkun tal-ilma li kellu. F'dan il-punt il-Prosekuzzjoni għaddiet lix-xhud riċevuta ta' oġġetti li kienu ritornati lilu mill-Ispettur, fosthom handle sewda li permezz tagħha jagħti l-petrol. Spjega li kellu l-baskett li nsteraqlu, kellu *headphones* u *charger* tal-*mobile*, żewġt iċwievet, waħda tal-garaxx u oħra tal-karozza, 3 cards tal-VISA tal-HSBC, card tal-Pavi/Pama, Tal-Linja Card, card tar-Revolut, u kartiera tad-Diesel kannella li kienet qiegħda fuq il-persuna tax-xhud, b'€41.20. Rigward dawn il-flejjjes ikkonferma li kienu tiegħu u ma kellux aktar mill-ammont li nstab. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx sab kull ma kien insteraqlu, stqarr li kellu *keychain* li permezz tagħha jinfetaħ ix-*shutter* tal-garaxx, pero' spjega li minn dak iż-żmien din kienet inbiddlet. Apparti dan, ix-xhud għaraf il-firma tiegħu fuq ir-riċevuta. F'dan il-punt, peress li x-xhud ma setgħax jiftakar in-numru tar-reġistrazzjoni, li spjega li kien imniżżel fir-rapport li kien għamel, u fuq domanda tal-Qorti, spjega li dan il-vann m'huwiex tiegħu. Hawnhekk il-Prosekuzzjoni esebiet ir-riċevuta murija lix-xhud bħala Dok KB;

**PC 2428 Tristan Abela**[117] xehed fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, ix-xhud spjega li huwa l-persuna li ħa r-rapport fl-24 ta' Ottubru 2021 dwar serqa ta' vann minn ċertu Karl Bianco minn ġewwa Triq il-Buttar, li kien ġie l-Għassa fis-18:30hrs, fejn il-vittma qallu li kien ipparkja l-vann tiegħu fl-imsemmija Triq, u kien ħalla l-baskett tiegħu fil-vann, u dawn l-

[117] Ara x-xhieda tiegħu a fol 284 *et seq* tal-proċess

oġġetti nsterqu. Mitlub jispjega x'kienu dawn l-oġġetti, ix-xhud qal li dawn kienu l-liċenzja tas-sewqan, it-tag tiegħu ta' Transport Malta, il-karta tal-identita' tiegħu, 3 cards tal-HSBC, card tar-Revolut, kartiera tad-ditta Diesel, ċwievet tal-karozza personali tiegħu tal-għamla Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni CRL 092, kif ukoll il-komun tal-gym li kienet qiegħda maċ-ċavetta tal-karozza. Apparti dan kellu wkoll mazz ċwievet tal-garaxx tiegħu, *bluetooth headset* u €20 u €10 flus kontanti fil-kartiera tiegħu. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud semma li l-vittma kien ipparkja l-vettura tiegħu jumejn qabel ma sar ir-rapport, u ċioe' fit-22 ta' Ottubru bejn it-08:00hrs u d-09:30hrs, u żied li fit-23 il-vittma reġa' mar ifittex fl-istess inħawi, fejn hemmhekk sab il-liċenzja tas-sewqan tiegħu, il-karta tal-identita' u t-tag ta' Transport Malta, liema informazzjoni x-xhud ikkonferma li ġiet mill-Parte Civile u hu niżżilha fir-Rapport tal-NPS tiegħu bir-referenza 4/H/4904/2021, li huwa kkonferma bil-ġurament, immarkat bħala Dok TA. Mistoqsi jekk kienx informa lil xi ħadd bl-istħarriġ tiegħu, ix-xhud spjega li kien għadda din l-informazzjoni lis-Surġent tiegħu PS 2379, u min-naħa tiegħu ma setgħax jikkonferma jekk sarux investigazzjonijiet ulterjuri peress li huwa ħa r-rapport biss. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud ikkonferma li meta sar rapport, Bianco kien qallu li ma kienx hemm sgass fuq il-vettura tiegħu, u semma biss li kien hemm serqa u indikalu liem kienu l-affarijiet li nsterqu;

**Rodrigo Schembri**[118] xehed fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, fejn spjega li kien il-Ħadd filgħodu għall-ħabta ta' bejn Settembru jew Ottubru fl-2021 meta ċemplitlu ommu biex tinfurmah li l-karozza Isuzu Gemini griża b'numru tar-reġistazzjoni jibda IAG ta' missieru Carmelo Schembri ma kienitx qiegħda quddiem il-garaxx tiegħu, li jinsab ġewwa Triq F.S. Caruana, Birkirkara, fejn wara dan, qal lil ommu li kien ġej fuq il-post. Kif wasal osserva li kien hemm il-ħġieġ mal-art u minn hemm ġieh il-ħsieb li din il-karozza setgħet insterqet, u qal lil missieru sabiex imorru l-Għassa jagħmlu rapport, u marru flimkien jagħmlu r-rapport. Meta marru l-Għassa, il-Pulizija talbu n-numru tal-*mobile* tax-xhud sabiex jikkuntattjaw lilu f'każ li jkun hemm xi żvilupp peress li missieru ma kellux *mobile* u kellu diffikulta' bis-smiegħ. Dakinhar stess għall-ħabta tas-13:00hrs ċemplulu l-Pulizija sabiex imur Ħaż-Żebbuġ għax instabet il-karozza, wara li qalulu fejn, mar fuq il-post għall-ħabta

[118] Ara x-xhieda tiegħu a fol 291 *et seq* tal-proċess

ta’ bejn is-13:00hrs u s-14:00hrs. Mistoqsi x’ra kif wasal, sab ħafna Pulizija, u l-karozza ta’ missieru fin-nofs tat-triq, fejn talbuh jikkonferma jekk din kienitx il-karozza ta’ missieru, kif fil-fatt kienet. Dak il-ħin osserva wkoll li kien hemm żagħżugħ immanettjat li kien bil-qiegħda fuq għatba ta’ bieb. Fuq domanda tal-Qorti, stqarr li ma kienx jafu, pero’ kien jaf li jismu OMISSIS, u kkonferma li dan sar jafu wara l-inċident. Mistoqsi jekk kienx ra lil xi ħaddieħor li kien miegħu, wieġeb li l-imputat OMISSIS kien waħdu. Mitlub mil-Qorti sabiex jara jekk jagħrafx lil OMISSIS fl-awla, ix-xhud stqarr li ma setgħax jagħrfu. Ix-xhud kompla jispjega li wara dan, il-Pulizija infurmawh li kollox kien sew u bagħtuh minn fuq il-post, pero’ qabel talbuh jikkonferma kienx hemm xi sikkina jew xi għodda fil-karozza ta’ missieru u kien hemm martell, fejn qal lil Pulizija li dawk sa fejn jaf hu ma kienux ta’ missieru, pero’ sostna li missieru stess ikkonferma li dawk l-oġġetti ma kienux tiegħu lanqas. Sussegwement għal meta bagħtuh, ix-xhud spjega li l-Pulizija reġgħu ċemplulu sabiex ikun jista’ jerġa’ jiġbor il-karozza. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-oġġetti li semma kienux fil-karozza ta’ missieru ikkonferma li kienu hemm, u jekk ma kienx sejjer żball il-Pulizija qalulu li kienu jinsabu fil-*pocket* tal-bieba, pero’ hu rahom meta kienu fuq is-*seat* tal-karozza u kienu siġillati f’boroż.

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana**[119] xehed fis-seduta tal-15 ta’ Frar 2022, fejn wara li kien eżentat mis-sigriet professjonali spjega li huwa kien inkarigat sabiex isegwi lill-imputat OMISSIS u minn wara li ngħata l-ħelsien mil-arrest beda jagħtih l-appuntamenti u l-imputat kien jattendi b’mod regolari u jġib ruħu tajjeb, jipparteċipa fis-sessjonijiet li kien ikollu, u kien ubidjenti għall-aħħar. Spjega li huwa kien ħadlu testijiet tal-awrina, liema testijiet irriżultaw fin-negattiv għal kull sustanza. Minn dak iż-żmien sar xogħol sabiex jibda jattendi f’xi kulleġġ bl-iskop li jkompli l-edukazzjoni tiegħu, proċess li għall-bidu stqarr li kien wieħed ftit diffiċli minħabba ċertu stigma u reżistenza li kien hemm peress li kien xiref difrejh mal-Ġustizzja, pero’ eventwalment beda jattendi l-iskola tal-Fortini fi ħdan il-Kulleġġ ta’ Santa Margerita l-Birgu u beda jattendi din l-iskola mis-17 ta’ Jannar 2022. Ix-xhud spjega li huwa għandu kuntatt tajjeb mal-Kap tal-Iskola Brenda Cefai, li infurmatu b’kemm kienu kuntenti bih, fejn semmew l-attendenza regolari tiegħu, parteċipazzjoni fil-lezzjonijiet, *crafts*, kif ukoll ċertu talenti, fejn ħareġ li huwa kapaċi

[119] Ara x-xhieda tiegħu a fol 299 *et seq* tal-proċess

b'idejh, fejn ġab eżempju bi skultura tal-ġebel li kien għamel fi żmien xahar u nofs, li skont ix-xhud, turi potenzjal fl-imputat. F'dan l-istadju x-xhud esebixxa ritratt tal-iskultura msemmija u rapport mill-Kap tal-Iskola Brenda Cefai immarkati bħala Dok IS1 u IS2 rispettivament. In konklużjoni, spjega x-xhud, hemm potenzjal fl-imputat, u li s-Superviżjoni kienet importanti ħafna għalih sabiex f'każ li jkun hemm indikazzjoni ta' xi imġieba ħażina, il-kuntatt li għandu mal-iskola u mal-ġenituri tiegħu huwa tajjeb ħafna, u għalhekk ikun f'posizzjoni li jindirizza dawn il-problemi b'mod effettiv. Fil-fatt, irrakkomanda sabiex kemm jista' jkun ikompli jattendi l-iskola għal dan il-għan;

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud**[120] xehdet fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, fejn wara li kienet eżentata mis-sigriet professjonali, spjegat lill-Qorti l-andament tal-imputat, fejn fost oħrajn innutat żvilupp, għalkemm wieħed żgħir, fejn l-imputat OMISSIS kien qed ikun aktar lest li jitkellem magħha, u sostniet li dan kien pass importanti. Ix-xhud spjegat kif kienet għamlet kuntatt mal-*Care Plan Co-ordinator* tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, li infurmatha li l-imputat kien qiegħed f'*cognitive skills group* għal *young offenders*, fejn qaltilha li l-imputat kien qiegħed jingaġġja ruħu tajjeb u jipparteċipa f'dan il-grupp, iżda l-imġieba tiegħu fil-YOURS kien waħda mhux tajba u kien qed jidħol f'ħafna argumenti ma' priġunieri oħrajn u jurix ir-rispett dovut lill-uffiċjali. Ix-xhud kompliet tispjega kif għamlet kuntatt ma' ċertu Johann, li huwa *social worker* fi ħdan l-Ibwar sabiex jaraw x'jista' jsir rigward l-introduzzjoni tiegħu f'dan il-programm, iżda milli infurmaha, jidher li l-imputat donnu f'mumenti juri li huwa interessat jidħol fil-programm u oħrajn li m'huwiex interessat. Ix-xhud min-naħa tagħha emfasizzat il-bżonn li jkun hemm kooperazzjoni mill-imputat, li dak iż-żmien kellu 14-il sena, pero' li hemm bżonn ukoll li huwa jerfa' responsabbilta' ta' għemilu u jagħraf is-serjeta' tas-sitwazzjoni li jinsab fiha;

**Silvio Borg għan-nom tad-Direttorat tal-Kura Alternattiva**[121] xehed fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, fejn wara li kien eżentat mis-sigriet professjonali, spjega li rigward pjanijiet residenzjali għall-imputat OMISSIS, kien qed jitħejja wieħed f'każ li l-Qorti tieħu d-deċiżjoni sabiex huwa jibda jirrisjedi fil-*Home* li jamministra hu minflok fejn kien dak iż-

[120] Ara a fol 304 *et seq* tal-proċess
[121] Ara x-xhieda tagħha a fol 308 *et seq* tal-proċess

żmien. Spjega li dan il-pjan sar flimkien mal-imputat u mar numru ta' drabi ġewwa l-YOURS għal dan l-iskop, u dan għaliex emmen li mingħajr l-involviment tal-imputat, il-pjan li kien qed jitħejja ma kienx ser jirnexxi. Ix-xhud kompla jispjega li l-pjan li kellu kien ibbażat fuq l-interessi u l-passjonijiet tiegħu, fejn ħareġ li jħobb il-karozzi. Minn dan, instabet opportunita' sabiex jibda jaħdem t'apprentist flimkien ma' mekkanik, fejn dan il-mekkanik kellu l-ħsieb li jabbina lill-imputat flimkien ma' wieħed mil-lavranti tiegħu, bl-iskop li l-imputat ikun qiegħed isegwi u jitgħallem il-professjoni ma' dan il-lavrant. Dan il-programm ix-xhud esebieh u kien immarkat bħala Dok SB. Hawnhekk ix-xhud kompla jispjega li x-xewqa tiegħu hija li jindirizzaw il-passjonijiet tal-imputat b'mod pożittiv sabiex l-iżbalji li għamel fil-passat relatati mal-istess passjoni ma jerġax jirrepetihom, b'soluzzjoni tippreżenta ruħha permezz tal-professjoni ta' mekkanik. Minn hawn ix-xhud kompla jispjega li ai fini ta' edukazzjoni, it-tagħlim tal-Malti, Ingliż u Matematika kienu importanti għall-imputat, u għalkemm stqarr li f'dak l-istadju il-bieb kien għadu magħluq, kienu qed jippruvaw jikkordinaw mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex tinstab alternattiva sabiex l-imputat ikompli jirċievi l-edukazzjoni neċessarja flimkien mad-divertiment u rikreazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' sport, bħalma huwa l-futbol, li jidher li jinteressa ħafna lill-imputat. F'dan il-punt ix-xhud ikkjarifika li dan kollu kien ser ikun qed isir taħt is-superviżjoni tal-ħaddiema tad-Direttorat li jkunu qed jistennew barra. Mistoqsi mill-Qorti jekk ċertu kundizzjonijiet li kien hemm imniżżlin fil-programm kienux saru b'diskussjoni mal-imputat, ix-xhud ikkonferma li fil-fatt hekk kien il-fatt, u spjega li bħal ma kellu l-kundizzjonijiet ġewwa l-YOURS fejn kien qiegħed dak iż-żmien, meta kien ser jiġi magħhom is-sitwazzjoni kienet ser tkun l-istess, fejn kien ma kienx ser ikollu aċċess għall-*mobile* u l-*Internet*, u dan peress li skont ix-xhud, ikun ta' ġid għall-imputat, li jrid jiffoka fuq dak li għandu bżonn jagħmel, b'kuntatt regolari mal-familjari tiegħu u *social worker* bir-responsabbilta' li dan ikun regolari. F'dan l-istadju x-xhud spjega li jkun importanti li ll-imputat ma jkollux kuntatt ma' nies minn barra. Rigward l-akkomodazzjoni, ix-xhud spjega li apparti l-ħaddiema ma kien ser ikun hemm ebda resident ieħor għajr l-imputat fl-appartament. Mandankollu ix-xhud stqarr li a kuntrarju tal-YOURS, il-bibien tar-residenza ma jissakrux, u għalhekk tkun responsabbilta' tal-imputat li jaderixxi mal-kundizzjonijiet li jkunu imposti mill-*Home*, pero' żied jgħid li minkejja li seta' joħroġ l-imputat kien ser jaffaċċja l-konsegwenzi hekk kif jirritorna. Hawnhekk, ix-xhud ikkonferma li huma kienu lesti biex jilqgħu lill-imputat fil-*Home*.

**Il-Psikjatra Dr. Rachel Taylor-East**[122] xehdet fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, li wara li kienet eżentata mis-sigriet professjonali, spjegat li hija kienet intalbet sabiex tagħmel *overview* tas-saħħa mentali u psikjatrika tal-imputat OMISSIS. Ix-xhud spjegat li tkellmet ma' Dr. Nigel Camilleri, ġabet il-files tiegħu taċ-*Child and Young Persons Services*, u marret tara lill-imputat ukoll. Ix-xhud għamel aċċenn għall-komunikazzjoni li saret mal-Uffiċjal tal-*Probation* sabiex jingħata *feedback* dwar l-andament tal-imputat. Rigward l-imputat, ix-xhud spjegat li s-sitwazzjoni mentali tiegħu hija waħda kumplessa għaliex identifikat ħafna *complex social issues* kif storja ta' *deprivation* u kriminalita' minn meta kien żgħir, u li kienu għadu żgħir. Dwar id-*deprivation* imsemmija, x-xhud spjegat li din hija waħda ġenerali, iżda kkjarifikat li l-problemi mentali tiegħu ma kienux tali li kien hemm bżonn ikun l-Isptar. Madankollu spjegat li għandu kundizzjoni ta' *severe conduct disorder with onset in childhood* li ddettaljathom fir-rapport tagħha u waslet għal dik il-konklużjoni. Matul dan il-ġbir ta' informazzjoni, ix-xhud spjegat li mid-dokumentazzjoni li kellha, l-imputat isofri minn *ADHD*, pero' kkjarifikat li ma setgħetx tagħmel assessjar hi imma qablet mal-konklużjoni ta' dan id-dijanjosi. Kompliet tispjega li dan id-dijanjosi jiġi wara li persuna turi s-sintomi ta' din il-kundizzjoni aktar minn darba u f'sitwazzjonijiet differenti, kif ukoll isir assessjar f'*multiple discipline routine*, iżda stqarret li hi ma kienitx f'posizzjoni li tagħmel dan. Fattur li skont ix-xhud huwa importanti huwa l-*attachment* tal-imputat, u l-mod ta' kif huwa jifhem ir-relazzjonijiet ma' nies oħra, u spjegat li dan huwa fattur li joħroġ minn żmien bikri fit-tfulija, u li dan jaffettwa wkoll il-*conduct disorder* u l-*ADHD*. Spjegat li l-*attachment* huwa l-mezz ta' persuna tikber u tagħmel ir-relazzjonijiet u kif isiru l-ħbieb, kif ikomplu jinbdew aktar relazzjonijiet importanti f'ħajjet bniedem, u li din hija xi ħaġa li wieħed jitgħallimha minn meta jkun żgħir ħafna, u l-imputat għandu bżonn l-għajnuna fuq hekk. Rigward pjan, ix-xhud sostniet li taqbel ma' dak ifformolat minn Silvio Borg għad-Direttorat peress li din kienet diskussa miegħu, u żiedet tgħid pero' li l-imputat għandu bżonn għajnuna psikoloġika, u ċioe' f'dak li għandu x'jaqsam ma' kif jikkomunika u jirregola l-emozzjonijiet tiegħu, partikolarment ir-rabja u l-mod ta' kif jindirizza l-i*stress*. Kompliet tispjega fuq il-bżonn ta' għajnuna rigward *attachment* sabiex jitgħallem aktar u jiżviluppa r-relazzjonijiet tiegħu, partikolarment

[122] Ara x-xhieda tagħha a fol 313 *et seq* tal-proċess

mal-familja tiegħu u in ġenerali, li spjegat jistgħu isiru min-naħa tal-*Innovations Team* fi ħdan iċ-*Child and Young Persons Service*. Hawnhekk ix-xhud issuġġeriet li dan ix-xogħol isir ġewwa r-residenza li ser ikun qed jitpoġġa fiha l-imputat tramite d-Direttorat, ikkombinata u/jew mgħejuna mill-*Innovations Team*. F'dan l-istadju x-xhud ikkonfermat ir-rapport tagħha immarkat bħala Dok RTE bil-ġurament;

**Il-Psikologa Dr. Veronica Ellul Federici**[123], xehdet fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022, fejn wara li kienet eżentata mis-sigriet professjonali, spjegat li l-inkarigu tagħha kien sabiex tagħmel evalwazzjoni psikoloġika tal-imputat OMISSIS, u kkonfermat ir-rapport tagħha immarkat bħala Dok VEF bil-ġurament tagħha. Rigward ir-rapport innifsu, ix-xhud spjegat li dan kien imħejji minnha b'komunikazzjoni mal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud, mal-Psikjatra Dr. Rachel Taylor-East, kif ukoll ma' Silvio Borg għad-Direttorat;

**PC 858 Justin Axisa**[124] xehed fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022, fejn spjega li fl-24 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tal-17:00hrs ġie l-Għassa ta' Marsaskala ċertu Mohammed Tabet b'karta tal-identita' 525312L flimkien mas-sieħba tiegħu ċerta Marouska Buhagiar b'karta tal-identita' 281488M sabiex jagħmlu rapport fejn stqarru miegħu li xi ħadd mhux magħruf kien seraqlu l-karozza tiegħu tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266 ta' lewn iswed, u li dan kien seħħ fit-23 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tat-15:00hrs. Ix-xhud spjega wkoll li meta kienu mistoqsijin jekk kellhomx suspett fuq xi ħadd, wieġbu t-tnejn fin-negattiv. Ix-xhud kompla biex jgħid li l-kwerelanti raw il-karozza l-aħħar fi Triq il-Vajrita, Marsaskala fit-23 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tat-15:00hrs. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwar filmat tas-CCTV, ix-xhud spjega li kien hemm cameras, iżda l-filmat ma kienx juri l-parti ta' fejn kien hemm il-karozza pparkjata fil-ħin tal-inċident. Wara dan, ix-xhud informa lis-Surġent tiegħu PS 1500, u min-naħa tiegħu ikkonferma l-irwol tiegħu fir-Rapport tal-NPS bir-referenza 4/H/4901/2021 esebit bħala Dok CC6 a fol 36 tal-proċess bil-ġurament, u kkonferma li l-irwol tiegħu kopra biss l-ewwel parti;

[123] Ara x-xhieda tagħha a fol 318 *et seq* tal-proċess
[124] Ara x-xhieda tiegħu a fol 377 *et seq* tal-proċess

**PC 299 Damian Cilia**[125] xehed bil-ġurament fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022, fejn spjega li fil-25 ta' Ottubru 2021 irrapportat fl-Għassa tal-Ħamrun ċertu Michelle Bugeja, detentriċi tal-Karta tal-Identita' 0176580M, fejn stqarret miegħu li kienet irċeviet telefonata mill-Għassa ta' Birkirkara li l-pjanċi tar-reġistrazzjoni tagħha KBC 205 instabu fuq vettura oħra li ma kienitx taqbel mas-sistema tagħhom, u wara li marret tiċċekkja l-vettura tagħha f'post magħruf bħala l-parking tal-RMF, rat li l-pjanċi tal-vettura tagħha ma kienux hemm, u sussegwentement ġiet tagħmel ir-rapport. F'dan l-istadju x-xhud ikkonferma l-involviment tiegħu fir-rapport relattiv bil-ġurament tiegħu;

**Dr. Christopher Spiteri għan-nom ta' Transport Malta**[126] xehed fis-seduta tad-29 ta' April 2022, fejn spjega li Transport Malta kienet intalbet sabiex jippreżentaw dokumenti relatati ma' serje ta' karozzi, fejn ippreżenta lil Qorti id-dokumentazzjoni tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EAW 145, KBC 205, u CRL 092. Ix-xhud għamel referenza għall-ewwel vettura u ċioe' dik bin-numru tar-reġistrazzjoni EAW 145, fejn spjega li din kienet karozza tal-kiri li mbagħad inxtrat, u konsegwentement inbidel in-numru tar-reġistrazzjoni għal dak imsemmi. Ix-xhud kompla biex jippreżenta d-dokumentazzjoni relattiva għal-vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 366 u IAJ 465, kif ukoll informazzjoni relattiva għal liċenzja tas-sewqan fuq in-numri tal-karta tal-identita' 160606L u 0281707[127], li jappartjenu lill-imputati OMISSIS u OMISSIS rispettivament, minn liema tfittxija irriżulta li t-tnejn li huma ma kellhomx liċenzja tas-sewqan. Id-dokumenti relattivi kienu esebiti bħala Dok CS sa CS7;

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud**[128] xehdet fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2022, spjegat l-andament tal-imputat OMISSIS, fejn fost oħrajn issemmi li l-imputat qiegħed isegwi l-Pjan ta' Kura imħejji għalih u kien qiegħed jieħu sehem f'attivitajiet sportivi. Ix-xhud kompliet tispjega li l-Pjan ta' Kura kellu bżonn ftit *fine-tuning* sabiex f'dak li jirrigwarda struzzjonijiet ikunu tali li jiggwidaw lill-imputat sabiex ikun hu li jaċċettahom, aktar milli jieħdu xejra ta' 'ordnijiet'. Esprimiet ix-xewqa tagħha li l-imputat jibqa' għaddej fuq it-triq

[125] Ara x-xhieda tiegħu a fol 382 *et seq* tal-proċess
[126] Ara x-xhieda tiegħu a fol 424 *et seq* tal-proċess
[127] Ikkonfermata mill-Prosekuzzjoni bħala 0281707L – ara a fol 426 tal-proċess
[128] Ara x-xhieda tagħha a fol 481 *et seq* tal-proċess

li qabad, u ċioe' li meta jingħata ċertu struzzjonijiet jismagħħom u jaċċettahom, u anke jaħdem fuqhom waqt is-sessjonijiet li jkollu magħha, inkluż li jkun aktar apert magħha. Spjegat ukoll li l-presenza ta' ommu, li kienet qiegħda fi programm, kienet ta' għajnuna siewja għalih u anke għaliha peress li offriet lit-tnejn sens ta' struttura u stabbilta' f'ħajjithom, fejn semmiet li kemm mal-omm, kif ukoll mal-imputat, hemm tim ta' professjonisti li qed jimxu id f'id fl-aħjar interess tal-imputat b'mod partikolari. In kontro-eżami, x-xhud spjegat li l-progress li wera l-imputat kien wieħed kbir minn fejn kien fil-bidu, anke jekk, skont ix-xhud, hemm bżonn li jisma' aktar minn dak li jgħidulu.

**Mohammed Tahar Thabet**[129] xehed fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2022, fejn spjega li fi żmien Ottubru tal-2021, kien mar jagħmel rapport ġewwa l-Għassa ta' Marsaskala li l-karozza tiegħu sfat misruqa minn quddiem id-dar tiegħu. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud spjega li l-aħħar darba li kien ra l-karozza tiegħu kien il-Ġimgħa, iżda induna li kienet nieqsa s-Sibt filgħaxija u mar jagħmel ir-rapport il-Ħadd, iżda stqarr li l-karozza kienet insterqet bejn il-Ġimgħa filgħaxija u s-Sibt filgħodu. Hawnhekk ix-xhud ikkjarifika li sar jaf li l-karozza kienet insterqet il-Ġimgħa tramite filmat tas-CCTV fi Triq il-Vajrita, Marsaskala, minn fejn insterqet. Spjega li l-għamla tal-vettura tiegħu kienet BMW, u li fil-karozza kellu *computer* żgħir li ma nstabx, xi cards tal-Bank li kien ġabar lura mill-Għassa, u madwar 10 *mixers* ġodda tal-kmamar tal-banju. Minn hawn ix-xhud spjega li l-karozza kienet eventalment instabet il-Ħadd filgħaxija pero' kif kien semma, l-*computer* u l-*mixers* ma nstabux, u kien hemm kaxxa tal-għodda li ma nstabitx lanqas. Apparti l-oġġetti li qal li ġabar mill-Għassa, ix-xhud stqarr li kważi ma ġabar xejn mill-karozza ħlief għall-cards u l-*log book*. F'dan l-istadju x-xhud għaraf riċevuta tar-ritorn tal-karozza tiegħu fl-24 ta' Ottubru 2021, fejn rigward dan, ix-xhud spjega li l-Ħadd filgħaxija għamlu kuntatt miegħu mill-Għassa ta' Birkirkara biex jinfurmawh li l-karozza tiegħu kienet instabet Ħaż-Żebbuġ, fejn marru jiġbruha mill-istess lokalita'. Spjega wkoll li malli waslu, ix-xhud innota li kienu għadhom qed jaħdmu fuqha tas-*CID* u kien hemm tal-Forensika li kienu qed jelevaw il-*fingerprints* u xogħol ieħor fuq il-vettura tiegħu, u wara madwar sagħtejn, marru l-Għassa ta' Birkirkara biex jiġbru r-riċevuta tar-ritorn. Minn hemm, ix-xhud kompli jispjega li l-għada ħa r-riċevuta miegħu u ġabar il-vettura tiegħu. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud

[129] Ara x-xhieda tiegħu a fol 485 *et seq* tal-proċess

spjega li meta mar jiġbor il-vettura, innota li l-pjanċi tar-reġistrazzjoni li kellha fuqha ma kienux tagħha, u li l-pjanċi attwali tagħha kienu fil-bagoll tal-istess vettura. Spjega wkoll li kien hemm xi ħsarat żgħar fuq il-karozza, fejn f'dan l-istadju ix-xhud ikkonferma li Dok CCD kienet stima ta' ħsarat fuq il-*bumper*, tal-*wind deflectors* u tat-tapizzerija minn ġewwa. Fuq domanda tal-Qorti ix-xhud ikkonferma li dawn il-ħsarat ma kienux hemmhekk qabel l-inċident, u spjega li l-istima in kwistjoni kienet maħruġa minn *Sean's Garage* ġewwa Ħal Qormi. F'dan il-punt kienet ippreżentata r-riċevuta tar-ritorn tal-vettura tax-xhud datata l-24 ta' Ottubru 2021 immarkata bħala Dok CCE rigward il-vettura SVN 266;

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana**[130] xehed fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2022, fejn informa lill-Qorti li mis-seduta ta' qabel l-imputat OMISSIS kompla jirreġistra progress u saħansitra spiċċa formalment mill-iskola sekondarja u ġab riżultati tajbin, fosthom 100 fil-Matematika, 100 fir-Reliġjon u xi suġġetti oħra 82, u li skont ix-xhud, wrew progress u potenzjal. Ix-xhud spjega li dan spikka ħafna peress li kien tilef ħafna skola minħabba li kien il-ħabs, u li mill-iskola tgħallem ħafna, u żied li qed jgħinuh sabiex it-talenti tiegħu jitgħallem japprezzahom għaliex, skont ix-xhud, jidher li l-imputat kultant jaħseb li m'huwiex kapaċi u fil-fatt ried imur jaħdem f'pompa tal-petrol, u minn hemm bdew juruh li għandu talenti li ta' min iħaddimhom. Hawnhekk ix-xhud spjega li l-imputat kien beħsiebu jidħol fl-MCAST u kien ser jiltaqa' mas-*Social Worker* tiegħu fl-iskola li kien fiha sabiex jiggwidawh dwar is-suġġetti li għandu jagħżel;

**Marouska Buhagiar**[131] xehdet fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2022, fejn spjegat li kien għamlet rapport rigward vettura BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266 li ġiet nieqsa, u li din il-karozza kienet ipparkjata taħt il-gallarija tad-dar tagħha ġewwa Marsaskala. Mistoqsija mill-Qorti rigward id-data stqarret li ma kienitx tiftakar eżatt meta ġara dan, iżda sostniet li kien ġara fis-sajf tas-sena ta' qabel. Apparti s-serq tal-vettura nnifisha, ix-xhud ikkonfermat li kien affarijiet oħra fil-vettura imsemmija, bħal *laptop* u xi oġġetti oħra bħal card tal-Visa u *pocket* iswed, il-*yellow pin*, *cigarette lighter* u €1.73 fi flus kontanti, kif

[130] Ara x-xhieda tiegħu a fol 494 *et seq* tal-proċess
[131] Ara x-xhieda tagħha a fol 498 *et seq* tal-proċess

ukoll *log book* li jappartjeni għall-vettura tagħha. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud spjegat ukoll li l-vettura kienet reġistrata fuqha. Murija kalamita li nstabet fil-vettura tagħha x-xhud stqarret li kienitx taf x'inhi eżattament, u li ma kienitx proprjeta' tagħha, u lanqas tar-raġel tagħha. Spjegat li meta sabitha hija għaddietha lill-Pulizija. Murija dokument, u ċioe' riċevuta datata s-26 ta' Ottubru 2021 rigward il-kalamita misjuba fil-vettura BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266, li kienet esebita u mmarkata bħala Dok CCB, ix-xhud għarfet il-firma tagħha fuq l-istess. Ix-xhud sussegwentement għarfet il-firma tagħha fuq riċevuta esebita u mmarkata bħala Dok CCC rigward ammont ta' oġġetti ritornati lix-xhud. In kontro-eżami, ix-xhud spjegat li kien hemm xi ħsarat fuq il-vettura li ma kienux hemm qabel ma seħħ l-inċident, fosthom *deflectors* tax-xita li kienu mwaħħlin mat-twieqi tal-vettura tagħha, u sabithom maqlugħin. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li wara l-inċident, il-vettura tagħha kienet ritornata lilha ġurnata wara. Fuq mistoqsija tad-Difiża, ix-xhud ma setgħetx tikkonferma jekk it-tank tal-petrol kienx vojt. F'dan il-punt il-Prosekuzzjoni uriet lix-xhud stima maħruġa minn Sean's Garage, fejn il-ħsara kienet stmata fl-ammont €801, liema stima kienet esebita u mmarkata bħala Dok CCD;

**Michelle Bugeja**[132] xehdet fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2022, fejn spjegat li kienet ikkuntattjata mill-Pulizija rigward il-pjanċi tar-reġistrazzjoni tal-vettura tagħha Mercedes A-Class bin-numru tar-reġistrazzjoni ABC 205, li kienet ipparkjata viċin l-Isptar San Luqa ġewwa Gwardamangia minħabba li kienet bil-ħsara, u infurmawha li dawn il-pjanċi kienu nsterqu. Ix-xhud kompliet tispjega li wara dan, marret l-Għassa ta' Birkirkara fejn wara li kienet mitkellma mill-Pulizija kkonfermat li l-pjanċi tar-reġistrazzjoni kienu tagħha, u kienet infurmata li ma setgħux jingħatawlha lura minħabba proċeduri pendenti l-Qorti. Ix-xhud stqarret li l-vettura kienet ittowjata u ma kienitx taf x'kien sar minnha l-vettura. F'dan il-punt ix-xhud ikkonfermat li ingħaddewlha lura l-pjanċi tar-reġistrazzjoni li kienu esebiti bħala Dok CCX, għarfet il-firma tagħha fir-riċevuta tar-ritorn tal-istess;

**Anthony Briffa**[133] xehed fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2022, fejn spjega li fi żmien qabel is-Sajf tas-sena 2022, bejn wieħed u ieħor f'Mejju tal-istess sena, kien niżel u sab il-vettura

[132] Ara x-xhieda tagħha a fol 507 *et seq* tal-proċess
[133] Ara x-xhieda tiegħu a fol 513 *et seq* tal-proċess

tiegħu tal-għamla Nissan ta' lewn maroon nieqsa, pero' stqarr li ma kienx ċert mid-data, u ma kienx jiftakar in-numru tar-reġistrazzjoni tagħha. Mistqosi dwar fejn kien ra l-vettura l-aħħar, spjega li ma kienx jiftakar u stqarr li kien skrappja l-vettura tiegħu madwar 3 xhur qabel id-data tax-xhieda tiegħu. Kompla jispjega li huwa kien mar l-Għassa tal-Qawra sabiex jagħmel ir-rapport, u kien ħalla l-vettura tiegħu ipparkjata faċċata tad-dar tiegħu ġewwa Qawra Road, il-Qawra. Muri dokument datat is-26 ta' Ottubru 2021, ix-xhud għaraf il-firma tiegħu fuq l-istess dokument, li spjega li kien rigward il-fatt li kienet naqsitlu l-vettura. Minn dan, fuq domanda tal-Qorti peress li aktar kmieni fix-xhieda tiegħu semma data differenti minn dik imniżżla fuq id-dokument, ix-xhud stqarr li kellu impressjoni differenti tad-data, u pero' sostna li l-inċident kien seħħ qabel is-sajf. Hawnhekk ix-xhud ikkoreġa lilu nnifsu li kien għamel ir-rapport qabel il-Milied tas-sena ta' qabel. Id-dokument imsemmi kien esebit bħala Dok CCY, li kien riċevuta tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni KBA 625 li jappartjenu għall-vettura Nissan Micra, fejn ix-xhud għal darb' oħra kkonferma l-firma tiegħu fuq l-istess dokument. F'dan il-punt ix-xhud ikkonferma l-firma tiegħu fuq riċevuta oħra esebita bħala Dok CCA rigward ċwievet tal-vettura imsemmija;

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana**[134] xehed fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, fejn spjega lill-Qorti l-andament tal-imputat OMISSIS, li mis-seduta preċedenti dan kien wieħed posittiv. Spjega li l-imputat baqa' jżomm l-attendenza tiegħu għall-appuntamenti ffissati mix-xhud, liema attendenza kienet waħda regolari, fil-ħin, u l-kampjuni tal-urina jittieħdu mingħajr problemi, li rriżultaw fin-negattiv għal kull sustanza. Bħala żvilupp mis-seduta preċedenti, ix-xhud spjega li filwaqt li kien qal li l-imputat kien wera xewqa sabiex isegwi kors ġewwa l-MCAST, fil-frattemp l-imputat, minħabba li kien tajjeb fis-snajja, sab impjieg f'kumpanija tal-aluminju, u li kien ilu impjegat għal madwar xahar, fejn skont ix-xhud, l-imputat kien sejjer tajjeb ħafna, kien qiegħed għal qalbu u kien qed iqatta' ħafna siegħat hemmhekk, u saħansitra jagħmel l-*overtime*. F'dan il-punt, ix-xhud kompla jispjega li filwaqt li kien hemm inkoraġġiment sabiex huwa jattendi kors fi ħdan l-MCAST, stante l-fatt li kien kuntent jaħdem, ma kienx għad hemm l-istess ħajra l-jidħol għal kors, u x-xhud stqarr li huma ħassew li l-imputat kellu d-dritt li jagħmel l-għażla hu;

[134] Ara x-xhieda tiegħu a fol 529 *et seq* tal-proċess

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud**[135] xehdet fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, fejn spjegat li fis-17 ta' Awwissu 2022 kienet infurmata li fil-15 ta' Awwissu 2022 fis-sitta u għoxrin l-imputat OMISSIS kien irrappurtat nieqes mill-*Head* tar-residenza fejn kien qed jgħix l-imputat, u nstab fis-16 ta' Awwissu 2022 fit-tmienja, b'riżultat li dam nieqes għal madwar 26 siegħa. Kienet infurmata wkoll li l-imġieba tal-imputat marret lura, fejn spjegat li l-imputat jidher li huwa frustrat bin-nuqqas ta' liberta' li għandu, u x-xhud esprimiet it-tħassib tagħha li meta ppruvat tkellmu fl-appuntament li kellha miegħu biex tara għalfejn għamel li għamel, ma tkellimx, u spjegat li kien ġie "għax jaf li jrid jiġi għall-appuntament", pero' mill-bqija ma kienx jitkellem magħha. Barra minn dan, esprimiet it-tħassib tagħha wkoll għall-fatt illi l-atitudni tiegħu lejn l-i*staff* ma kienitx waħda posittiva, u semmiet kif l-imputat donnu jipprova jara kif ser jimmanipula s-sitwazzjoni biex jieħu dak li jrid. Hawnhekk ix-xhud sostniet li jekk "ma nlaħħqulux minn issa jiddispjaċini ngħid li ħa jkollna n-niżla". In konklużjoni, ix-xhud stqarret li kien hemm ċertu rigress min-naħa tal-imputat, għalkemm mhux sal-livell li kien qabel ma bdiet is-superviżjoni fuqu. In kontro-eżami, ix-xhud spjegat li r-residenza ma tkunx imsakkra peress li hu ma kienx qiegħed il-ħabs, iżda żiedet tgħid li l-imputat kien konxju tal-fatt li hemm ir-regoli u li jrid jobdihom, u għamlet aċċenn għall-fatt li l-imputat għamel 26 siegħa nieqes mingħajr ma ħadd kien jaf fejn kien u x'kien qed jagħmel. Meta d-Difiża semmiet lix-xhud li l-imputat kien ċempel wara ftit siegħat, u li ommu kienet ikkuntattjat lill-Avukat tiegħu, u li x-xhud kienet qaltlu sabiex imur fl-aktar Għassa fil-qrib u ċioe' ta' Buġibba, ix-xhud stqarret li din kienet l-ewwel darba li semgħet din l-informazzjoni. Rigward ir-ritorn tiegħu fir-residenza, ix-xhud spjegat li f'dak ir-rigward ikunu informati aħjar l-i*staff* tar-residenza. Mitluba mid-Difiża tispjega r-relazzjoni tal-imputat mal-istaff, spjegat li hemm diversi ħaddiema u professjonisti jaħdmu miegħu, u spjegat li hemm problemi kemm fir-relazzjoni tiegħu mal-ħaddiema tar-residenza kif ukoll ma' dawk ta' barra, u dan għaliex isibu diffikulta' sabiex jitkellem magħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtiġijiet tiegħu minħabba f'reżistenza min-naħa tiegħu rigward dak li jagħżel li jgħidilhom. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li meta kien irritorna u sarlu test tal-urina, huwa ammetta qabel ma ttieħed il-kampjun, li

[135] Ara x-xhieda tagħha a fol 532 *et seq* tal-proċess

rriżulta li kien posittiv għall-kannabis. Ix-xhud osservat ukoll nuqqas ta' onesta mill-imputat minkejja li huma qed jippruvaw jagħmlu minn kollox sabiex jappoġġawh;

**L-eks-Spettur Christabelle Chetcuti**[136] xehdet fis-seduta tas-06 ta' Diċembru 2022, fejn spjegat li nhar l-24 ta' Ottubru 2022 fil-kariga tagħha ta' Spettur tal-Pulizija kienet stazzjonata fl-Għassa ta' Birkirkara, u inzertat kienet tal-Għassa dakinhar, u kienet infurmata li kien daħal rapport fl-Għassa imsemmija li kienet insterqet vettura tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465 minn ġewwa Triq F.S. Caruana, Birkirkara. Spjegat li din il-vettura kienet tappartjeni lil ċertu Karmenu Schembri (K.I. 783936M), u kienu ġew hu flimkien ma' ibnu Roderick Schembri sabiex jagħmlu r-rapport. Stqarrew mal-Pulizija li l-aħħar li kienu raw il-vettura kien għall-ħabta tas-18:00hrs tal-ġurnata ta' qabel, liema vettura kienet ipparkjata quddiem il-garaxx tagħhom fl-istess triq, u ndunaw li kienet nieqsa fl-24 ta' Ottubru fis-07:00hrs. Meta marru fuq il-post innutaw li kien hemm xi ħġieġ imkisser mal-art fejn kienet ipparkjata l-karozza. Sussegwentement ingħadda messaġġ lill-*Control Room* sabiex tibda t-tfittxija għal din il-vettura li kienet irrappurtata misruqa. Ix-xhud kompliet tispjega li aktar tard fl-istess ġurnata, kienet infurmata minn PS 1037 Saviour Mifsud li l-vettura kienet instabet, u li din kienet laqtet karozza tal-Pulizija tal-*RIU*. Minn fuq il-post, PS 1037 infurmaha li kien mar fuq il-post, fejn ikkonferma li l-karozza li nstabet kienet fil-fatt il-vettura Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 245, li kienet irrappurtata nieqsa minn Triq F.S. Caruana Birkirkara. Mill-ewwel stħarriġ li sar irriżulta li l-vettura kienet fil-pussess ta' ċertu OMISSIS u OMISSIS, li kellhom 14 u 15-il sena rispettivament. L-istess Surġent informa lix-xhud li dawn iż-żewġ ġuvintur kienu arrestati mill-Pulizija tal-*RIU* u kienu infurmati bid-drittijiet legali tagħhom. Fuq il-post marru wkoll il-familjari tas-suspettati minħabba l-fatt li kienu għadhom minorenni u għalhekk kien hemm bżonn li investigazzjonijiet ulterjuri jsiru fil-presenza tagħhom. Ix-xhud kompliet tispjega li saret tfittxija fuq il-persuna taż-żewġ suspettati fil-presenza ta' Ryan Borg, li jiġi missier OMISSIS, kif ukoll ta' Emanuel Abela, li jiġi n-nannu ta' OMISSIS. Wara dan saret tfittxija fil-vettura Isuzu, fejn instabu diversi oġġetti bħal *mobiles*, kartieri u għodda bħal martell, turnaviti u anke mus, li lkoll kienu elevati mill-Pulizija. F'dan il-punt issejjaħ sid il-vettura fuq il-post rigward l-oġġetti

[136] Ara x-xhieda tagħha a fol 559a *et seq* tal-proċess

li kienu misjuba fil-vettura sabiex ikun stabbilit lil min jappartjenu, kif ukoll ġew il-membri tal-Forensika sabiex jiffotografaw ix-xena tar-reat bl-iskop li tkun ippreservata. PS 1037 spjega lix-xhud dwar x'kien wassal għall-arrest tas-suspettati wara li ħa l-verżjoni tal-Pulizija tal-*RIU*, u ċioe' PC 167 u PC 479, li stqarru mas-Surġent li waqt li kienu għaddejin b'ronda fi Triq Michael Ang Sapiano f'Ħaż-Żebbuġ innutaw vettura tal-għamla Isuzu Gemini, u wara li bdew isegwuha, is-sewwieq beda jidħol f'ħafna toroq sabiex bħal donnu jevitahom. Fil-frattemp, għamlu kuntatt mal-*Control Room*, fejn kienu infurmati li l-vettura kienet irrappurtata nieqsa, u għalhekk xegħlu d-dwal u bdew jagħmlu sinjal lis-sewwieq biex jieqaf. Meta waslu fi Triq Misraħ Muxi, Ħaż-Żebbuġ, il-persuni li kienu fil-karozza ħarġu minnha, u l-Pulizija ħarġu jiġru għalihom u arrestawhom. Meta marru lura għal fejn instabet il-vettura, sabu li l-vettura Isuzu kienet imxiet għal fuq il-vettura tagħhom fejn din tal-aħħar ġarrbet xi ħsarat. Dan għaliex meta ħarġu mill-vettura, s-suspettati kienu ħallew il-*handbrake* imniżżel. Ix-xhud kompliet tispjega li kif intemm ix-xogħol ġewwa Ħaż-Żebbuġ, is-suspettati kienu skortati fl-Għassa ta' Birkirkara għal aktar stħarriġ min-naħa tagħha. Sadanittant, il-vettura Isuzu Gemini kienet ritornata lil sidha Karmenu Schembri wara li din kienet fotografata u kienet eżaminata minn tal-Forensika, u kienet iffirmata riċevuta ta' dan ir-ritorn. Hawnhekk Schembri kien mitlub sabiex jgħaddi lill-Pulizija stima tal-ħsarat imġarrba fuq il-vettura tiegħu, fejn għadda stima maħruġa mill-kumpanija Bużu tal-Ħiex fl-ammont ta' €230.01, li kienet esebita fl-atti. Fil-25 ta' Ottubru għall-ħabta tal-ħdax ix-xhud ħadet l-Istqarrija ta' OMISSIS (K.I. 281707L), li għarfitu fl-awla, fil-presenza ta' PC 2094 Ryan Bonnici u tan-nannu tal-imputat Emanuel Abela (K.I. 895849). Hawnhekk l-imputat kien infurmat bid-dritt tiegħu għall-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogatorju, fejn għażel li jikkonsulta mal-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Ramon Bonett Sladden fuq it-telefon. Matul l-Istqarrija tiegħu l-imputat wieġeb għal diversi domandi, fejn fost oħrajn ikkonferma li kien hu s-sewwieq fil-vettura Isuzu u kien flimkien mas-suspettat OMISSIS meta kienu arrestati mill-Pulizija tal-*RIU*. L-imputat OMISSIS żied jgħid li fil-ġurnata ta' qabel, u ċioe' t-23 ta' Ottubru, hu u OMISSIS għall-ħabta tal-23:00hrs kienu mexjin ħdejn Falzon Petrol Station ġewwa Birkirkara, u raw vettura biċ-ċavetta ġo fiha, fejn kissru l-*quarter window* ta' wara bit-turnavit, u daħlu fil-vettura u saqu sa Ħaż-Żebbuġ, fejn ipparkjawha x'imkien fl-imwarrab u telgħu b'vettura oħra tat-tip BMW, u telqu b'din il-vettura. Hawnhekk l-imputat stqarr max-xhud li huwa kien il-passiġġier, u meta kien mistoqsi dwar il-vettura

innifisha, spjega li kien jaf li kellha n-numru tar-reġistrazzjoni jibda SBN, iżda ma kienx jiftakar il-kumplament. Stqarr max-xhud li huma kienu mexjin viċin l-*Iceland* ġewwa Wied il-Għajn, u raw li l-vettura BMW kienet miftuħa, sabu ċ-ċavetta ġo fiha, u telgħu biha lejn Buġibba, fejn saqha l-imputat. Minn hemm saqha ftit is-suspettat OMISSIS, u pparkjawha fil-post minn fejn insterqet vettura oħra, did-darba tal-għamla Nissan. Dwar din il-vettura, l-imputat spjega lix-xhud li din kienet insterqet minn Buġibba f'għalqa viċin is-*Sirens*, u li kellha ċ-ċavetta fl-*ignition* u kien saqha hu. Spjega li OMISSIS kien tela' fil-BMW, u saqu wara xulxin sa Ħaż-Żebbuġ. Kompla jistqarr max-xhud li l-vettura Nissan kienet saħnet u ħallewha x'imkien ġewwa l-Iklin, il-BMW tħalliet Ħaż-Żebbuġ, u niżlu bil-mixi mill-Iklin sa Birkirkara fejn insterqet il-vettura Isuzu Gemini. Rigward l-oġġetti li nstabu fuq il-persuna tagħhom, fosthom kartiera tad-ditta Diesel li kienet irrappurtata nieqsa minn ċertu Karl Bianco u oġġetti oħra li jappartjenu lilu, irriżulta li dawn kienu insterqu minn ġewwa vann tax-xogħol li kien ipparkjat ġewwa Marsaskala. Dwar din is-serqa, l-imputat stqarr li l-vann in kwistjoni kien ipparkjat "kif iddur mal-venda ta' Wied il-Għajn", u meta raw li kien miftuħ, daħlu fih, sabu l-baskett, ħadu l-affarijiet minn ġo fih, rmew il-baskett f'għalqa fil-viċinanzi. Waqt l-istess Stqarrija l-imputat kien mistoqsi dwar numru taċ-ċwievet li kienu elevati minn fuq il-persuna tagħhom meta kienu arrestati, fosthom ċwievet ta' vettura oħra tal-għamla Skoda, fejn l-imputat spjega lix-xhud li din il-vettura kienet ġewwa Ħaż-Żebbuġ ukoll, sabu li kienet miftuħa, iżda skontu ħadu ċ-ċavetta biss. Mistoqsi dwar il-pjanċi tar-reġistrazzjoni li kienu nstabu mit-tfittxija li saret, l-imputat wieġeb li dawn kienu inqalgħu minn fuq vetturi oħrajn li kienu abbandunati ġewwa l-Ħamrun, u kienu serqu wkoll xi għodda bħal turnavit isfar u martell minn ġewwa vettura tat-tip Isuzu u sabu l-mus ġewwa l-vettura tal-għamla Nissan. L-imputat kien mistoqsi wkoll dwar il-ħsarat fuq il-vettura tal-Pulizija tal-*RIU*, fejn wieġeb li hu u ħiereġ mill-vettura Isuzu Gemini kien nesa' jtella' l-*handbrake* tagħha. Mistoqsi dwar is-serqa ta' *mobile* irrappurtata nhar il-5 ta' Ottubru 2021 li kienet seħħet fit-3 ta' Ottubru 2021 ġewwa Triq Fonsu Maria Galea ġewwa l-Ġnien Beatu Birkirkara kantuniera ma' Grech Delicata, fejn ċertu sir Gay Fedoroff (K.I. 233517A) kien għamel rapport li fih allega li kien mhedded b'mus minnu u mis-suspettat OMISSIS, qala' daqqa f'widnejh u serqulu mobile tad-ditta Samsung A10 ta' lewn aħmar u ġiegħluh jiftaħ il-*mobile* billi jdaħħal il-*password*, l-imputat wieġeb li kien minnu li tah daqqa f'widnejh u ġrew warajh sabiex jisirqulu l-*mobile* pero' nnega li kien heddu b'mus, u fir-rigward tal-*password* wieġeb li

kien ra lil Fedorov jagħmel il-*password* meta kienu qalulu biex jaqleb id-diska minn fuq il-*mobile* tiegħu. L-imputat kien mistoqsi wkoll dwar is-serqa tal-vettura tal-għamla Suzuki Samurai li kienet irrappurtata nieqsa minn ċertu Anglu Buhagiar (K.I. 913051M) nhar it-12 ta' Awwissu 2021 minn ġewwa Triq il-Mosta, n-Naxxar, pero' f'dak il-punt l-imputat ma tax aktar dettalji u hemmhekk kienet konkluża l-Istqarrija tiegħu, li x-xhud ikkonfermat li kienet iffirmata minnha, mill-imputat OMISSIS, mill-kollega tagħha PC 2094 kif ukoll min-nannu tal-imputat, Emanuel Abela.  F'dan l-istadju x-xhud ikkonfermat il-kontenut tal-Istqarrija kif ukoll tar-riċevuta tar-ritorn mogħtija lill-Parte Civile Karmenu Schembri. Ix-xhud kompliet tispjega li aktar tard fl-istess ġurnata, għall-ħabta tas-18:10hrs, l-imputat kien talab sabiex jerġa' jkellem lix-xhud biex iżid ma' dak li kien stqarr magħha qabel dwar is-serqa tal-vettura Suzuki Samurai. Meta kien mistoqsi jekk xtaqx l-assistenza ta' Avukat għal din l-Istqarrija, l-imputat wieġeb fin-negattiv, u kompla jispjega li kien seraq il-vettura minn ġewwa n-Naxxar, li kienet ipparkjata aktar 'il fuq minn *Apollo* tat-tyres. Stqarr max-xhud li kien niżel jipparkjaha fil-parkeġġ ta' *Studio 7* u kien biegħha lil ċertu Damian Ebejer għas-somma ta' €150, pero' ftit wara kien ġie s-sid tal-vettura fil-parkeġġ u kien ħa l-vettura lura. F'dak il-mument, l-imputat kien ta l-€150 lura lil Ebejer. L-imputat żied jgħid li din il-vettura kellha tinda u kien sab iċ-ċavetta tagħha fl-*ignition*. Hawnhekk ix-xhud spjegat li l-Istqarrija kienet iffirmata minnha, mill-imputat, mill-kollega tagħha PC 1466 Charlie Curmi, u min-nannu tal-imputat Emanuel Abela, u spjegat ukoll li r-rapport assoċjat ma' dan l-inċident kien 8/S/2053/2021, li x-xhud qalet li kien esebit fl-atti wkoll. Fuq dak li kien qal l-imputat fl-Istqarrija tiegħu, l-imputat kien mitlub sabiex jieħu lill-Pulizija fuq il-post fejn kienu jinsabu l-vetturi, fejn fir-rigward tal-BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266, bir-rapport tal-NPS assoċjat magħha bir-referenza 4/H/4901/2021, kienet instabet viċin l-*Attrans* ġewwa Ħaż-Żebbuġ, u sid il-vettura Mohammed Tahar Thabet kien infurmat li nstabet il-vettura, u kien ingħata riċevuta sabiex jiġbor l-istess vettura. Apparti dan, Marouska Buhagiar, li hija l-persuna li fuqha hija rreġistrata l-vettura BMW, kienet ġabret affarijiet oħra li kienu nstabu fil-pussess ta' OMISSIS u OMISSIS, fosthom il-*log book* tal-vettura, u li kienet ingħatat riċevuta tar-ritorn għal dawn l-oġġetti wkoll. Dwar il-vettura tal-għamla Skoda Fabia, irriżulta li din kienet irreġistrata fuq ċertu Musah Yakubu Asuguri (K.I. 395138), liema vettura kienet instabet ukoll ħdejn l-*Attrans* Ħaż-Żebbuġ, fejn meta sar kuntatt miegħu, stqarr li kulma sab nieqes kien l-i*spare key* tal-vettura li kienet fiha. F'din il-vettura kienu nstabu *jump leads*

ta' lewn aħmar u iswed, 3 pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru KBA 625 u 2 pjanċi bin-numru IBT 419. Rigward l-ewwel sett ta' pjanċi, ix-xhud spjegat li dawn kienu jappartjenu lil vettura tal-għamla Nissan Micra li kienet misjuba fl-Iklin kif kien żvela magħha l-imputat, u wara li saru l-eżamijiet forensiċi fuq il-vetturi relatati mal-każ odjern hekk kif instabu, il-vettura Nissan Micra kienet ritornata lil sidha Anthony Briffa, liema vettura kellha l-Rapport tal-NPS 9A/V/5282/2021 meta kienet insterqet nhar it-23 ta' Ottubru 2021 minn ġewwa għalqa fi Triq il-Wileġ San Pawl il-Baħar, u nħarġet riċevuta rigward il-pjanċi tar-reġistrazzjoni KBA 625 sabiex ikunu ritornati lil Briffa flimkien maċ-ċavetta tal-istess vettura. Ġewwa l-vettura Nissan Micra instabu pjanċi tar-reġistrazzjoni KBC 205 li kienu jappartjenu għal vettura li kienu ttieħdu minn fuqha ġewwa l-parkeġġ tal-*RMF* f'Tal-Pieta', wara li kienet infurmata sidha Doreen Chircop li kienu nieqsa, u sussegwentement għamlet ir-rapport għan-nom tagħha bintha Michelle Bugeja, liema rapport iġib in-numru 7/P/4727/2021, u l-istess Michelle Bugeja ingħatawlha lura l-pjanċi flimkien ma' riċevuta sabiex tiċċertifika l-istess ritorn. Fir-rigward tal-baskett li kien isteraq minn ġewwa l-vettura Ford Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni ABY 028, fejn kien irrappurtat nieqes minn ċertu Karl Bianco (K.I. 175492M), liema rapport iġib in-numru 4/H/4904/2021, l-istess Bianco ingħata riċevuta tal-oġġetti li kienu ritornati lilu. Fir-rigward tar-rapport bir-referenza 8/R/4250/2021, il-*mobile* ta' sir K Federoff kien instab minn ċertu Chanelle Cuschieri (K.I. 331888M), fejn irriżulta li kienet tellgħet *post* fuq *Facebook* rigward lil min seta' jappartjeni l-*mobile* fejn fuqu, irriżulta li kien hemm ritratt tal-imputat OMISSIS. F'dan l-istadju ix-xhud ppreżentat *screenshot* immarkata bħala Dok CCSC li tindika l-*post*, esebiet *screenshot* oħra tal-*mobile* fejn jidher ritratt tal-imputat OMISSIS fuq l-istess *mobile*. Minn hawn ix-xhud kompliet tispjega li fil-25 ta' Ottubru 2021 kien mitkellem ukoll is-suspettat OMISSIS fil-presenza ta' ommu Joanne Camilleri u missieru Ryan Borg, fejn kien deċiż li jieħu parir mill-Avukat tal-Għajnuna Legali Dr. Victor Bugeja, u matul l-Istqarrija tiegħu, is-suspettat għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda, u f'dan il-punt ix-xhud għarfitu fl-awla bħala wieħed mill-imputati. Ikkonfermat li l-Istqarrija tiegħu kienet iffirmata mix-xhud, minn PC 20, ommu Joanne Camilleri u missieru Ryan Borg, u l-imputat OMISSIS li għażel li ma jiffirmahiex. Wara dan ix-xhud spjegat li l-imputati kienu tressqu b'arrest quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke akkużati bl-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri. Hawnhekk ix-xhud ippreżentat riċevuta relattiva għall-oġġetti ritornati lil Karl Bianco, riċevuta tal-affarijiet elevati minn fuq il-

persuna tal-imputat OMISSIS, riċevuta tal-oġġetti elevati minn fuq il-persuna tal-imputat OMISSIS, riċevuta tal-oġġetti misjuba maħruġa fuq iż-żewġ imputati, riċevuti tal-vetturi li kienu nstabu, riċevuta tat-3 pjanċi tar-reġistrazzjoni KBA 625, u riċevuta oħra maħruġa fuq l-imputat OMISSIS dwar il-baskett li kien instab Wied il-Għajn. Ix-xhud ikkonfermat li Dok JP kien filmat mogħti mis-sid tal-vettura BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266, ikkonfermat li DOK CC11 hija stima tal-ħsarat fuq il-vettura Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465 mgħoddija mill-Parte Civile Karmenu Schembri, kif ukoll ir-riċevuti li kienet ħarġet hi favur Marouska Buhagiar rigward il-vettura BMW. Ikkonfermat il-kontenut ta' Dok CCX li hija riċevuta tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni KBC 205 maħruġa a favur Michelle Bugeja, riċevuta oħra favur Marouska Buhagiar immarkata bħala Dok CCB, riċevuta favur Marouska Buhagiar immarkata bħala Dok CCC rigward il-*log book* tal-vettura BMW u oġġetti oħrajn li jappartjenu lill-Parte Civile Mohammed Tahar Thabet. In kontro-eżami għall-imputat OMISSIS, ix-xhud ikkonfermat li l-arrest tal-imputat OMISSIS beda f'Ħaż-Żebbuġ rigward l-inċident tal-vettura Isuzu Gemini, u kkonfermat li kien l-imputat OMISSIS li kien qed isuq il-karozza. Mistoqsija jekk l-akkużi mertu ta' dawn il-proċeduri ħarġux mill-Istqarrija tal-imputat OMISSIS, ix-xhud ikkonfermat li dan huwa minnu, pero' żiedet li kienu instabu xi oġġetti li kienu elevati minn fuq il-persuna tagħhom it-tnejn. Mistoqsija dwar każ ieħor ta' attentat ta' serq li seħħ ġewwa l-Iklin li kien jikkonċerna lill-imputat OMISSIS u t-tfajla tiegħu, ix-xhud spjegat li dan ma kienx seħħ fl-istess żmien tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati f'dawn il-proċeduri, u spjegat li dan kien każ li kien tressaq fuqu l-imputat OMISSIS mill-Ispettur Roxanne Tabone, u l-imputat kien irreġistra l-ammissjoni tiegħu fuq dan, u kien ingħata Ordni ta' *Probation* dwarha fl-24 ta' Awwissu 2021, u żiedet tgħid li dan l-inċident ma kienx seħħ fl-istess żmien tal-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri;

**L-espert tekniku Donald Tabone**[137] xehed fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2022, fejn ikkonferma r-rapport tiegħu immarkat bħala Dok DT bil-ġurament;

[137] Ara a fol 559S *et seq* tal-proċess

**L-espert tekniku Donald Tabone**[138] xehed fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023, fejn ikkonferma r-rapport tiegħu immarkat bħala Dok DT(1)[139] bil-ġurament. Il-Qorti qed tagħmilha ċara li *stante* li din ix-xhieda tal-espert ma ħarġitx u għalhekk ma setgħetx issir it-traskrizzjoni relattiva tal-istess xhieda u *stante* l-Ordni ta' din il-Qorti *ai termini* tal-verbal datat it-28 ta' Novembru 2024[140] l-istess xhud ma reġax iddepona, konsegwentement ir-rapport tiegħu esebit[141] qed jiġi għal kull buon fini sfilzat b'dan li l-Qorti qed teskludih milli jikkonsisti bħala prova fl-istess kawża;

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana**[142] xehed fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2023;

**L-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud**[143] xehdet fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2024;
Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tal-20 ta' Ġunju 2024;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Novembru 2024, fejn minħabba li t-traskrizzjonijiet tax-xhieda imsemmija fl-istess digriet, senjatament tal-espert tekniku **Donald Tabone** fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023, tal-Uffiċjal tal-*Probation* Ivan Sultana fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2023, u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2024 ma kienux inklużi fl-atti, din il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni ta' din is-sentenza b'dan li ġie ordnat li x-xhieda jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2024, id-Difiża għan-nom tal-imputat **OMISSIS** iddikjarat li ma kellhiex oġġezzjoni li din il-Qorti tipproċedi għall-prolazzjoni tas-sentenza minkejja n-nuqqas tat-traskrizzjonijiet imsemmija, u rat ukoll li fl-istess seduta, il-Prosekuzzjoni wkoll iddikjarat in-nuqqas ta' oġġezzjoni għall-istess, pero' d-Difiża

[138] Li t-traskrizzjoni tax-xhieda msemmija ma ħarġitx u *ai termini* tal-Verbal datat it-28 ta' Novembru 2024 a fol 877 *et seq* l-istess xhieda ma kellhiex terġa' tiġi prodotta;
[139] Ara a fol 670 *et seq* tal-proċess
[140] Ara a fol 877 *et seq* tal-proċess
[141] Ara a fol 670 *et seq* tal-proċess
[142] Li t-traskrizzjoni tax-xhieda msemmija ma ħarġitx u *ai termini* tal-Verbal datat it-28 ta' Novembru 2024 a fol 877 *et seq* l-istess xhieda ma kellhiex terġa' tiġi prodotta;
[143] Li t-traskrizzjoni tax-xhieda msemmija ma ħarġitx u *ai termini* tal-Verbal datat it-28 ta' Novembru 2024 a fol 877 *et seq* l-istess xhieda ma kellhiex terġa' tiġi prodotta;

għan-nom tal-imputat **OMISSIS** irreġistrat l-oġġezzjoni tagħha *stante* li fl-opinjoni tagħha, l-atti kienu difettużi, u li għalhekk l-atti kellhom jirritornaw għall-punt fil-proċeduri qabel ma emerġa dan id-difett;

Rat li l-Qorti ordnat komunika tal-verbal lill-Avukat Ġenerali għar-risposta tiegħu;

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali datata l-20 ta' Novembru 2024[144] għall-verbal imsemmi;

Rat id-Digriet tagħha tat-28 ta' Novembru 2024 u li permezz tiegħu din il-Qorti ddikjarat li *stante* li l-Artikolu 432(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar din il-materja, jagħti s-setgħa li ssir it-talba sabiex terġa' tibda l-kumpilazzjoni mill-ġdid, hija solament u esklussivament fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali, u m'hemm xejn fil-Liġi li jagħti s-setgħa lil din il-Qorti sabiex tiddikjara dawn il-proċeduri bħala monki jew nulli kif qed tikkontendi u titlob id-Difiża u għaldaqstant, in vista ta' dan, il-Qorti ċaħdet it-talba tad-Difiża għan-nom tal-imputat OMISSIS, u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

Rat il-Verbal tat-28 ta' Novembru 2024[145] u li permezz tiegħu din il-Qorti rrevokat *in parte contrario imperio* d-Digriet tagħha tal-14 ta' Novembru 2024 b'dan li ġie ordnat li l-ebda xhud ġdid m'għandu jitressaq sabiex jerġa' jiddeponi u konsegwentement il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat illi l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-imputati kienu mixlijin talli:

---

[144] Ara a fol 873 *et seq* tal-proċess
[145] Ara a fol 877 *et seq* tal-proċess

1. Matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021 minn ġewwa l-lokalita' ta' Birkirkara kkommettew serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465 għad-dannu ta' Karmenu Schembri u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-22 u 23 ta' Ottubru 2021 minn ġewwa l-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar kkomettew serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla Nissan Micra bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA-625 għad-dannu ta' Anthony Briffa u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

3. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021 minn ġewwa l-lokalita' ta' Marsaskala, ikkomettew serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN-266 għad-dannu ta' Marouska Buhagiar u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

4. U aktar talli bejn it-22 u l-24 ta' Ottubru 2021 minn ġewwa l-lokalita' tal-Pieta' u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin ikkommettew serq ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni KBC-205 u IAG-416, liema serq ikwalifikat bix-xorta tal-ħaġa;

5. U aktar talli matul il-lejl bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021 ġewwa l-lokalita' ta' Birkirkara volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG-465, liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250), u saret għad-dannu ta' Karmenu Schembri u/jew persuni oħra;

6. U aktar talli matul il-jum ta' 22 ta' Ottubru 2021 ġewwa l-lokalita' ta' Marsaskala ikkomettew serq ta' diversi oġġettui fosthom dokumenti personali, flus kontanti jammontaw għal 30 ewro, u ċavetta ta' vettura bil-mutur ta' vettura ta' l-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni CRL-092 minn ġewwa vettura bil-mutur tal-għamla Ford bin-numru tar-reġistrazzjoni APY-028 liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Carl Bianco u Michael Grech għal kumpanija Coop Services Ltd u/jew persuni oħra;

7. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021 ġewwa l-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ Malta ikkomettew serq ta' ċavetta ta' vettura bil-mutur ta' vettura ta' l-għamla Skoda bin-numru tar-reġistrazzjoni FBN-738 liema serq li huwa ikkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Mussuh Yakubu Suguri u/jew persuni oħra;

8. U aktar talli fil-jum ta' l-24 ta' Ottubru 2021 kellkhom fil-pussess tagħhom strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

9. U aktar talli nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara għamiltu lil Sergei Fedorov inġurji jew theddid b'mod li ħriġtu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

10. U aktar talli matul il-perjodu ta' bejn it-22 u t-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin għamlu użu minn marki ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikoli;

Lil **OMISSIS** waħdu kien akkużat ukoll talli:

11. Matul il-perjodu ta' bejn it-22 u t-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3

Series bin-numru ta' reġistrazzjoni SVN-266 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni;

12. U aktar talli matul il-perjodu ta' bejn it-22 u l-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN-266 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vetturi;

13. U aktar talli nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara irrenda ruħu kompliċi f'delitt ma' OMISSIS u xjentement, għen jew assista lill-istess OMISSIS sabiex ikkommetta serq ta' mobile phone tal-għamla Samsung A10, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin u għad-dannu ta' Sergei Fedorov u/jew persuni oħra;

Lil **OMISSIS** waħdu talli:

14. Nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, fil-lokalita' serq ta' mobile phone ta' għamla Samsung A10, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin għad-dannu ta' Sergei Fedorov u/jew persuni oħra;

15. Nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara ħebb kontra Sergei Fedorov sabiex jinġurjah, idejjqhu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;

16. U aktar talli nhar it-03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara mingħajr ma darab jew issawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra Sergei Fedorov;

17. U aktar talli fil-jum ta' 03 ta' Ottubru 2021 għal ħabta ta' 20:30hrs ġewwa Ġnien Beatu, sitwat fil-lokalita' ta' Birkirkara kellek fil-pussess tiegħek strument jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

18. U aktar talli matul il-jum ta' 12 ta' Awwissu 2021 minn ġewwa l-lokalita' tan-Naxxar ikkometta serq ta' vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki Samurai bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW-145 għad-dannu ta' Ryan Buhagiar u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

19. U aktar talli matul il-jum ta' 12 ta' Awwissu 2021 u matul il-perjodu ta' bejn it-22 u l-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki Samurai bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW-145, vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru ta' reġistrazzjoni SVN-266, vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465, u vettura oħra bil-mutur tal-għamla Nissan Micra bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA-625 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vetturi;

20. U aktar talli matul il-jum ta' 12 ta' Awwissu 2021, u matul il-perjodu ta' bejn it-22 u l-24 ta' Ottubru 2021, f'diversi ħinijiet u f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bil-mutur tal-għamla Suzuki Samurai bin-numru ta' reġistrazzjoni EAW-145, vettura bil-mutur tal-għamla BMW 3 Series bin-numru ta' reġistrazzjoni SVN-266, vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465, u vettura oħra bil-mutur tal-għamla Nissan Micra bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA-625 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni;

21. U aktar talli nhar l-24 ta' Ottubru 2021, ġewwa l-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, saq vettura tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465, bi traskuraġni u/jew b'mod perikoluż u bla kont;

22. U aktar talli fil-jum ta' l-24 ta' Ottubru 2021 filwaqt li kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru ta' reġistrazzjoni IAG-465, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħkom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħassart jew għarraqt xi ħaġa u ċioe' vettura bil-mutur tal-għamla Hyundai Tucsan bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP-836 liema ħsara saret għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u/jew ta' entita' jew entitajiet oħra;

23. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation, li ġiet mgħotija lilu bħala sentenza mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak LL.D., fl-24 ta' Awwissu 2021 u liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel;

***Fir-Rigward tal-Imputat OMISSIS***

Minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2024, fejn wara li din il-Qorti tagħtu l-opportunita' jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jekk irid jerġa' lura minn tali ammissjoni, huwa kkonferma d-dikjarazzjoni tiegħu, u kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Tenut kont dan kollu għalhekk, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li ssib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

A rigward il-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. L-Ammissjoni tal-Imputat

Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu b'mod liberu u mingħajr kundizzjoni u riserva. Filwaqt li dan huwa fattur li din il-Qorti dejjem ser tieħdu in konsiderazzjoni ai fini ta' kalibrar tal-piena, tfakkar li ammissjoni, anke jekk tkun waħda

bikrija, ma jfissirx li awtomatikament din ser issarraf fi tnaqqis fil-piena. Fil-fatt huwa ben saput fil-ġurisprudenza nostrana li "***ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni tal-piena***"[146] Fil-każ odjern, jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fi stadju matur tal-proċeduri, u ċioe' wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi tagħha magħluqa u l-Avukat Ġenerali bagħat ir-Rinviju tal-Ġudizzju fil-konfront taż-żewġ imputati f'din il-kawża. Għalhekk, dan il-fattur imur ferm lil hinn minn dak argumentat mill-Qrati tagħna f'dak li jirrigwarda t-tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri[147], fejn f'dawk iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tkun frankat il-ħin, riżorsi u spejjeż għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Konsegwementement, din il-Qorti trid tqis l-ammissjoni kif magħmula mill-imputat f'dan il-kuntest;

2. In-Natura tar-Reati Addebitati lill-Imputat

Minn eżami tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, jirriżulta li kien akkużat ta' diversi reati, fosthom b'serq aggravat, sewqan ta' vetturi mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni, ħsara volontarja, u ksur ta' Ordni ta' *Probation* hekk kif jirriżulta mis-sentenza a fol 524 *et seq* tal-atti. Għalhekk, wieħed jista' faċilment jiddeduċi n-natura serja ta' dawn reati, speċjalment meta jqis li uħud minnhom seħħew f'aktar minn istanza waħda;

3. Il-*Pre-Sentencing Report* u Fatturi Psikjatriċi u Psikoloġiċi Oħrajn

[146] Ara f'dan is-sens Appell Nru. 412/2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. David Scicluna fit-23 ta' Jannar 2013; Appell Nru. 382/2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Brandon Pace**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. David Scicluna fit-30 ta' Ottubru 2014; Appell Nru. 155/2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jeremy James Farrugia**, deċiż fl-14 ta' Ottubru 2003 mill-Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono

[147] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

Dwar dan jingħad li l-imputat kien, fuq talba tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud, eżaminat minn żewġ professjonisti u ċioe' l-Psikologa Dr. Veronica Ellul Federici u l-Psikjatra Dr. Rachel Taylor-East, u dan fil-kuntest ta' Pjan ta' Kura għall-istess imputat;

Mir-rapport tagħha, Dr. Ellul Federici tidentifika li l-imputat OMISSIS qiegħed isofri minn diffikultajiet mentali li setgħu jiġu rintraċċati għal esperjenzi trawmatiċi waqt it-tfulija tiegħu, li wasslet sabiex huwa jkollu veduta negattiva fuq il-ħajja, u li bħala *defensive mechanism*, din timmanifesta ruħha f'attitudni vendikattiva fil-konfront ta' persuni oħra, liema attitudni ssib l-għeruq tagħha f'nuqqas ta' fiduċja f'ħaddieħor. Kien għalhekk fost fatturi oħra rigward trattament għall-imputat, irrakkomandat li l-pjan ta' kura (fejn stqarret li kien inkwetanti kif *Care Order* ħarġet biss meta għalaq l-14-il sena) tiegħu jinkludi miżuri sabiex tkun indirizzata l-problema ta' rabja li għandu l-imputat, li jkollu ambjent strutturat, sigur u prevedibbli għall-benefiċċju tiegħu, b'emfasi fuq li jibni relazzjonijiet ta' fiduċja, b'konsistenza prevedibbilta' f'dak li jirrigwarda *positive reinforcement* u konsegwenzi negattivi meta dawn ikunu neċessarji, kif ukoll emfasi fuq psikoterapija li permezz tagħha jista' jiftaħ qalbu dwar dak li għadda minnu fit-tfulija tiegħu, u terapija għall-imġieba tiegħu billi jitgħallem jirregola l-emozzjonijiet u l-*impulses* tiegħu. Kien anke rakkomandat *Family Therapy*, u dan bl-iskop li jammeljoraw ruħhom l-interazzjonijiet u r-relazzjoni li huwa għandu mal-familja tiegħu;

Min-naħa tagħha, l-espert Dr. Rachel Taylor-East għamlet osservazzjonijiet simili fir-rigward tal-imputat, fejn identifikat problemi soċjali kumplessi sforz l-isfond żvantaġġjat u *dysfunctional* f'dak li jirrigwarda t-trobbija u t-tfulija tiegħu. Idenitifikat ukoll sintomi ta' *ADHD* u *poly-drug use disorder*, li kellhom effetti negattivi fuqu għal żmien twil. Fattur komuni bejn iż-żewġ rapporti huwa d-dijanjosi ta' *disorganised attachment*, sforz tat-tfulija tiegħu u l-esperjenzi tiegħu mill-istess. Fir-rakkomandazzjoniet tagħha, stqarret li kien inkwetanti l-fatt li l-*Care Order* fil-konfront tal-imputat ħarġet biss meta għalaq 14-il sena tenut kont l-isfond problematiku li għandu l-imputat, pero' bħalma rrakomandat l-espert Dr. Ellul Federici, il-Pjan ta' Kura kellu jkun tali li jipprova jirrimedja s-sitwazzjoni tal-imputat f'dak li jirrigwarda t-trattament tat-trawmi li esperjenza fi tfulitu, u li jkun aktar f'posizzjoni li jinteraġġixxi b'mod pożittiv ma' dawk ta' madwaru, inkluż il-familja tiegħu, u s-soċjeta' in ġenerali. Tkellmet dwar il-bżonn ta' ħajja strutturata u sigura, li tagħtih l-

għajnuna li għandu bżonn. Tispjega fir-rapport tagħha l-bżonn ta' *positive reinforcement* sabiex jingħata l-kuraġġ, li jkun bilanċjat b'*penalty* għal meta imġieba tiegħu ma tkunx daqshekk tajba, u għalhekk jitgħallem li hemm konsegwenzi għal ċertu imġieba u premju għal imġieba tajba;

Pero' din il-Qorti tosserva li l-aktar żewġ dokumenti importanti f'dan il-kuntest ta' piena huma l-*Pre-Sentencing Report* imħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud u n-nota tagħha datata s-6 ta' Novembru 2024 fejn għamlet analiżi taċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, senjatament l-attitudni tal-imputat lejn il-vittmi u l-attitudni tagħhom lejh, fejn din varjat minn maħfra[148] u tama li jaqbad it-triq it-tajba sa' talba għal kumpens, kif ukoll trawma għal uħud minnhom. Minn dan irriżultalha li l-imputat ma wera l-ebda rimors u dispjaċir għal dak li għamel, fejn osservat li donnu jidher li l-imputat inkapaċi li jħoss dawn l-emozzjonijiet, u dan minkejja l-għajnuna kollha li kien qiegħed jirċievi minn qabel ma bdew dawn il-proċeduri. Mill-istess rapport, jirriżulta li l-imputat kien ingħata Ordni ta' *Probation* nhar l-24 ta' Awwissu 2021, fejn l-Uffiċjal tal-*Probation* spjegat li kien denunzjat fuqha f'Ottubru 2021, Ottubru 2022 u Ġunju 2023, u li eventwalment f'Awwissu 2023, ingħata piena karċerarja fuq id-denunzja;

Minn dan, l-Uffiċjal tal-*Probation* tkompli tagħti stampa li din il-Qorti tara li ma hijiex waħda pożittiva, u dan għaliex minkejja li ingħata kull opportunita' u għajnuna possibbli sabiex jirriforma ruħu, bħal donnu wera li ma għandux interess li jagħmel dan, u aktar tinteressah il-ħajja kriminoġenika u li jkompli jiżviluppa l-karriera kriminali tiegħu. Għaldaqstant, l-Uffiċjal tal-*Probation* irrakomandat piena karċerarja fil-konfront tal-imputat, u dan għaliex minkejja t-tentattivi kollha tal-Qrati kif ukoll tal-professjonisti inkarigati jaħdmu miegħu, inkluż l-Uffiċjal tal-*Probation* innifisha, jidher li m'għandux interess li jieħu responsabbilta' ta' għemilu, u sostniet li sakemm ma jagħmilx hekk u jaħdem bis-serjeta' fuq il-problemi tiegħu, ser jibqa' persuna ta' riskju għoli għalih innifsu u għas-soċjeta';

[148] Da parti tal-*parte civile* Carmelo Schembri

Tenut kont dan kollu, din il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-diżappunt tagħha bis-sitwazzjoni tal-imputat, u dan għaliex kif ingħad aktar ‘il fuq, huwa ċar li għandu problemi u trawmi li affetwawh minn eta’ tenera li minn dak li jirriżulta, iffurmawlu l-perċezzjoni tiegħu tal-ħajja kif inhi illum, u ma jidhirx li hemm sforz ġenwin min-naħa tiegħu sabiex iħalli lil min jgħinu joħroġ minn dan iċ-ċiklu ta’ kriminalita’ u ħabs. Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tikkondividi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud, u dan fis-sens illi huwa ta’ benefiċċju għalih innifsu u għas-soċjeta’ in ġenerali, li wara kollox din il-Qorti għandha d-dover li tipproteġi, li huwa jinżamm f’ambjent strutturat u kontrollat;

4. Il-Fedina Penali tal-Imputat

Minn eżami tal-Fedina Penali kif aġġornata fl-24 ta’ Ottubru 2021, jirriżulta li l-imputat kien instab ħati ta’ reati li jistgħu jitqiesu simili fil-passat, partikolarment f’dak li għandu x’jaqsam ma’ sewqan ta’ vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni favur terzi persuni;

5. L-Eta’ tal-Imputat

*Stante* l-eta’ tiegħu, u ċioe’ li għadu minorenni, huwa jikkwalifika għal tnaqqis fil-piena ai termini tal-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

6. Ksur ta’ Ordni ta’ *Probation*

Mill-atti, jirriżulta li l-imputat kien instab ħati minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta’ Awwissu 2021, fejn il-Qorti msemmija, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, ħarġet Ordni ta’ *Probation* fil-konfront tiegħu għal żmien 3 snin mid-data tas-sentenza. Madankollu, jidher li l-imputat jinsab mixli li kiser din l-Ordni meta kkommetta r-reati mertu ta’ dawn il-proċeduri, u dan il-ksur huwa rifless fit-23 imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Min-naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali fir-Rinviju tal-Ġudizzju tiegħu jikkwota l-istess Artikolu 7 tal-Kapitolu 446;

Minn eżami tal-Kapitolu 446, din il-Qorti tosserva li l-Artikoli li jirrigwardaw l-ksur ta' Ordni ta' *Probation* huma l-Artikoli 21 u 23, u mhux l-Artikolu 7, li jagħti spjegazzjoni ta' xi tfisser din l-Ordni u l-obbligazzjonijiet assoċjati magħha. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li, minkejja li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu mingħajr kundizzjoni u riserva, peress li fir-Rinviju tal-Ġudizzju ma kienux inklużi l-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446, ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni, u dan għaliex sabiex tagħmel hekk, tkun trid minn jeddha żżid l-Artikoli 21 u 23 fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, li minnu nnifsu jmur *oltre* mill-poteri vestiti fiha bħala l-Qorti li trid tiġġudika l-fatti. Dan kollu jingħad mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' *ne bis in idem* fejn din il-Qorti tosserva wkoll li hekk kif imsemmi fil-*Pre-Sentencing Report* datat 20 ta' Ġunju 2024, l-imputat kien diġa' instab ħati ta' dan il-ksur mill-Qorti li ħarġet l-Ordni ta' *Probation* fil-25 ta' Awwissu 2023, fejn ikkundannatu għal 9 xhur priġunerija effettivi. Konsegwentement, minkejja l-ammissjoni tiegħu, din il-Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 392A(3), qiegħda tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena fir-rigward tat-23 imputazzjoni;

7. Ir-Reċediva

Minn kif mitlub mill-Prosekuzzjoni, din il-Qorti kienet mitluba sabiex tikkunsidra lill-imputat bħala reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, pero' mill-atti, senjatament ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, jidher li l-istess Avukat Ġenerali irrinunzja għal din l-akkuża *stante* li m'hemm ebda referenza għal dawn l-Artikoli fl-istess rinviju, u għaldaqstant, *stante* li din il-Qorti hija marbuta strettament ma' dak provdut fl-istess Rinviju tal-Ġudizzju, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba;

***Fir-Rigward tal-Imputat OMISSIS***

Minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tenna l-posizzjoni tiegħu sa dan l-istadju tal-proċeduri. Għalhekk, din

il-Qorti trid tidħol fil-mertu ta' kull imputazzjoni kif dedotta, u dan abbażi tar-Rinviju tal-Ġudizzju hekk kif mibgħut mill-Avukat Ġenerali u mill-provi prodotti;

F'dan l-istadju, minn eżami tar-Rinviju tal-Ġudizzju, din il-Qorti tosserva li għal uħud mill-Artikoli kkwotati, jidher li l-Avukat Ġenerali ma jirriferix għal sub-artikolu partikolari, u għaldaqstant wieħed jista' forsi jagħmel l-inferenza li potenzjalment, jista' japplika kwalunkwe sub-artikolu fil-konfront tal-imputat. Għalhekk, ai fini ta' kjarezza fuq din il-materja, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Ottubru 2014[149], fejn sostniet is-segwenti:

> *Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju huwa minnu illi l-Qorti tal-Magistrati hija strettament marbuta mal-artikoli ikkwotati mill-Avukat Generali fl-att tar-rinviju tieghu u ma tistax minn rajha tirreferi ghal artikoli ohra mhux ikkwotati mill-Avukat Generali fir-rinviju. F'dan il-kaz, l-Avukat Generali ikkwota l-artikolu 203 u l-artikolu 209 minghajr ma ghamel riferenza ghas-sub artikoli illi jsegwu kull artikolu. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-Avukat Generali ma kellux ghalfejn jirreferi ghas-sub artikoli meta jirreferi ghal artikolu principali. U l-istess setghet taghmel il-Qorti fil-gudizzju taghha tirreferi biss ghall-artikolu 203 u teroga l-piena skont kif jidhrilha opportun minghajr ma tirreferi ghas-sub artikoli sussegwenti. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Joseph Farrugia" deciza fit-13 ta' Jannar 1995 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet, "issa huwa veru illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li sentenza ghandu jkun fiha l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat, u din l-espressjoni giet dejjem interpretata fis-sens li jekk artikolu jew regolament ikun fih diversi sub artikoli jew paragrafi, hu bizzejjed li jigi indikat l-artikolu jew ir-regolament minghajr il-htiega ta' indikazzjoni tas-sub artikolu jew il-paragrafu." Dan japplika ukoll ghall-Avukat Generali fejn jkun baghat l-atti ghal gudizzju skont l-artikolu 370(3) tal-Kap 9 li jawtorizza lill-Qorti tal-Magistrati, bil-kunsens tal-*

[149] Appell Nru. 14/2011 deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Michael Mallia, paġna 24-25

*imputat, illi toqghod f'gudizzju ghal reati li jkunu irrizultaw waqt il-kumpilazzjoni u jikkwota l-artikoli koncernati. Li ma jistax jaghmel l-Avukat Generali huwa li jdahhal reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni. Dan zgur li mhuwiex il-kaz f'din il-kawza ghax l-Avukat Generali ikkwota artikoli li ghandhom x'jaqsmu mal-akkuza principali u sta ghall-Qorti li fil-gudizzju taghha mbaghad tidhol aktar fid-dettal u tikkwota aktar preciz is-sub artikoli koncernati tal-artikolu ikkwotat mill-Avukat Generali.*

*F'dan il-kaz lill-Qorti irrizultalha l-aggravju fil-kuntest tas-sub artikolu (c) tal-artikolu 203 u korrettament ikkwotatu. Ghalhekk din il-Qorti ma tara xejn hazin fl-operat tal-Qorti tal-Magistrati u tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.*

Din il-Qorti tosserva wkoll li fit-trattazzjoni[150] dwar il-mertu tal-każ odjern, id-Difiża għan-nom tal-imputat OMISSIS targumenta li l-Istqarrija rrilaxxjata mill-imputat OMISSIS bħala ko-imputat m'għandhiex titqies li għandha valur probatorju fir-rigward tiegħu. Dan l-argument joriġina mid-dettami tal-Artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*661. Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.*

Rigward dan il-punt, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Michele Artale**[151], fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

---

[150] Ara a fol 791 *et seq* tal-proċess
[151] Att t'Akkuża Nru. 8/2023, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera fil-11 ta' Lulju 2024, paġna 27; Ara wkoll f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) presjeduta mis-S.T.O. Joseph Said Pullicino, l-Onor. Imħallef Dr. Carmel A. Agius u l-Onor. Imħallef Dr. Noel Arrigo fil-31 ta' Lulju 1998, paġna 5

> *Illi kif diga gie ritenut, l-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u ghalhekk m'ghandiex tkun ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra. Infatti, persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz.*

Tenut kont dan l-insenjament, din il-Qorti tirrileva li d-Difiża għandha raġun tqajjem dan il-punt, u dan għaliex fil-każ odjern, jirrżulta li minkejja li minn eżami tal-istess Stqarrija, din potenzjalment tista' titqies bħala l-aqwa prova fir-rigward tal-ħtija o meno tal-imputat OMISSIS, ma jistax ikun injorat il-fatt li din l-Istqarrija hija ta' persuna li mhux talli m'hijiex persuna li fil-konfront tagħha hemm sentenza li saret *res judicata* dwar l-istess akkadut, iżda lanqas biss huwa sentenzjat f'dan l-istadju, minkejja l-ammissjoni tiegħu. Għaldaqstant, din il-Qorti tilqa' dan l-argument kif miġjub mid-Difiża, u konsegwentement, il-Qorti hemm bżonn tara jekk dawn l-imputazzjonijiet jirriżultawx abbażi tal-provi l-oħra miġjuba mill-Prosekuzzjoni;

*L-Ewwel Imputazzjoni – Serq Aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li jeċċedi l-€2329.37, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa*

Rigward din l-imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:

*Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Minn eżami tal-imputazzjoni, jirriżulta li din tirrelata għas-serq tal-vettura tal-għamla Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465, liema serq seħħ fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021;

Tenut kont dak li ntqal aktar 'il fuq, din il-Qorti tirrileva li t-teżi tal-Prosekuzzjoni rigward din l-imputazzjoni tistrieħ fuq il-provi l-oħra rimanenti, li primarjament jikkonsistu fil-

verżjonijiet u x-xhieda ta' PC 236 Warren Pirotta, PS 1037 Saviour Mifsud, il-Parte Civile Karmenu (Carmelo) Schembri, u t-tifel tiegħu Roderick (Roderigo) Schembri. Minn eżami ta' dawn ix-xhieda, jidher li l-ebda wieħed minn dawn ix-xhieda ma ra r-reat iseħħ, u meta fix-xhieda ta' PC 236 u ta' PS 1037 jsemmu li marru fuq il-post sabiex jiċċekkjaw jekk hemmx filmat tas-*CCTV*, kif jgħid PS 1037, irriżulta li dawk li kien hemm fi Triq F.S. Caruana, Birkirkara, ma kienx hemm filmat li seta' jkun ta' assistenza għall-investigazzjoni tagħhom. Fil-fatt, minn dawn il-provi jirriżulta biss ipprovat li l-imputat OMISSIS kien passiġġier fil-karozza misruqa mertu ta' din l-imputazzjoni, u li kien elevat turnavit minn fuq il-persuna tiegħu. Għaldaqstant, abbażi ta' nuqqas ta' provi fir-rigward tal-imputat OMISSIS li jorbtuh mat-twettiq ta' dan ir-reat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest fil-konfront tiegħu;

*It-Tieni Imputazzjoni – Serq aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi l-€2329.37, u x-xorta tal-ħaġa misruqa;*

Rigward din l-imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali kkwota s-segwenti Artikoli:
*Artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Minn eżami ta' din l-imputazzjoni, jirriżulta li din tirrigwarda serq ta' vettura tal-għamla Nissan Micra bin-numru tar-reġistrazzjoni bin-numru KBA 625 fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Ottubru 2021, liema vettura tappartjeni lil ċertu Anthony Briffa;

Minn eżami tal-provi prodotti rigward din l-imputazzjoni, din il-Qorti għal darb' oħra tagħmel referenza għal dak li ingħad aktar 'il fuq, u ċioe' li kwalunkwe stqarrija li setgħet kienet irrilaxxjata rigward dawn l-imputazzjonijiet mill-imputat OMISSIS, m'għandhiex valur probatorju fir-rigward tal-imputat OMISSIS, u għalhekk din il-Qorti ser ikollha tistrieħ fuq il-provi rimanenti, u ċioe' x-xhieda tal-Parte Civile Anthony Briffa u PC 838 Gabriel Tabone u r-rapport tal-NPS bir-referenza 9A/V/5282/2021;

Minn eżami ta' dawn ix-xhieda jirriżulta li l-Parte Civile Anthony Briffa ma rax l-akkadut iseħħ u għal din ir-raġuni ma jistax jitqies li huwa xhud okulari, u PC 838 Gabriel Tabone ma rax l-akkadut iseħħ lanqas, fejn l-unika involviment li seta' kellu rigward l-istess akkadut kien meta xehed li l-imputat OMISSIS tkellem mal-Ispettur Christabelle Chetcuti fejn żvela fejn kienu l-karozzi misruqa mertu ta' dawn il-proċeduri, inkluż il-vettura in kwistjoni. In oltre, jirriżulta wkoll li rigward l-imputat OMISSIS, l-istess ix-xhud jistqarr li ma kellu l-ebda involviment miegħu, u li kien ma' PC 1146 li, minn eżami tal-atti, jirriżulta li ma ttellax bħala xhud f'dawn il-proċeduri biex potenzjalment jitfa' aktar dawl fuq dak li seħħ. Rigward ir-Rapport tal-NPS, din il-Qorti tinnota li minn aġġornament tal-istess Rapport, meta l-Pulizija rrikorrew fuq il-post, ma nstabet l-ebda camera tas-*CCTV* li setgħet tgħin fl-investigazzjoni odjerna. Għaldaqstant din il-Qorti, tenut kont il-fatt li mill-provi prodotti ma jirriżultax in-ness bejn l-imputat OMISSIS u l-imputazzjoni odjerna, tqis li din ma kienitx sodisfaċentement ipprovata fir-rigward tiegħu;

*It-Tielet Imputazzjoni – Serq Aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi l-€2329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa*

Rigward din l-imputazzjoni l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:
*Artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Minn eżami ta' din l-imputazzjoni, jirriżulta li din tirrigwarda serqa tal-vettura tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni SVN 266 fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021, u dan għad-dannu ta' Marouska Buhagiar u Mohammed Tahar Thabet;

Mill-provi prodotti, tenut kont dak li ntqal aktar 'il fuq rigward il-valur probatorju tal-Istqarrija rrilaxxjata mill-imputat OMISSIS vis-a-vis l-imputat OMISSIS, din il-Qorti ser timxi sabiex tikkunsidra l-provi rimanenti rigward din l-imputazzjoni, u ċioe' x-xhieda ta' PC 858 Justin Axisa, il-Parte Civile Marouska Buhagiar u Mohammed Tahar Thabet, kif ukoll ir-Rapport tal-NPS bir-referenza 4/H/4901/2021 u r-rapport tal-espert tekniku Donald Tabone;

Minn eżami ta' dawn ix-xhieda, din il-Qorti tosserva li fihom fl-ebda mument ma jissemma l-imputat OMISSIS, u dan minbarra li filwaqt li l-imputazzjoni tindika il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021, jirrżulta mix-xhieda tal-parti leża Mohammed Tahar Thabet li s-serqa seħħet fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Ottubru 2021, li tikkombaċċa mad-data indikata fir-rapport imħejji mill-espert tekniku Donald Tabone, fejn jidher ċar li l-inċident seħħ fil-lejl tat-22 ta' Ottubru 2021. In oltre, minn eżami tal-istess rapport, għalkemm tidher vettura BMW ta' lewn iswed, u tidher persuna jew persuni javviċinaw u jisirqu l-vettura in kwistjoni, m'hemm l-ebda indikazzjoni li tista' toħloq ness bejn l-imputat OMISSIS u dan l-inċident. Għaldaqstant, tenut kont dawn il-fatturi, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni fir-rigward tal-imputat OMISSIS ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest;

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Serq Aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa*

Rigward din l-imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali jikkwota l-Artikoli segwenti:

*Artikoli 261(g), 271 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Minn eżami ta' din l-imputazzjoni jirriżulta li din tirrigwarda s-serq ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni KBC 205 u IAG 416 fil-lejl ta' bejn it-22 u l-24 ta' Ottubru 2021;

Jirriżulta li l-provi prodotti rigward din l-imputazzjoni joħroġu mix-xhieda ta' Michelle Bugeja u PC 299 Damian Cilia, kif ukoll ir-rapport tal-NPS bir-referenza 7/P/4727/2021, u dan li jirrigwarda s-serq tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni KBC 205, liema vettura tappartjeni lil ċertu Doreen Chircop. Minn dawn il-provi, jirriżulta li l-persuna li għamlet ir-rapport, u ċioe' bint il-vittma Michelle Bugeja, saret taf bir-reat wara li kienet infurmata mill-Pulizija li l-pjanċi tar-reġistrazzjoni tal-vettura Mercedes A-Class bin-numru tar-reġistrazzjoni KBC 205 sfaw misruqa, u min-naħa tagħha ma ratx l-inċident iseħħ. Apparti dan, minn eżami tax-xhieda ta' PC 299 Damian Cilia, jirriżulta li l-involviment ta' dan ix-xhud kien limitat għat-teħid tar-rapport minn Michelle Bugeja, u għaldaqstant min-naħa tiegħu ma setgħax jagħti aktar dawl fuq dak li seħħ, barra milli dawn il-pjanċi kienu misruqa minn

"***xi ħadd mhux magħruf***"[152], u li l-istess pjanċi kienu instabu fuq vettura oħra tal-għamla Skoda. A rigward ta' provi ulterjuri, ma jissemma xejn rigward cameras tas-*CCTV* li setgħu instabu fil-lok fejn seħħ ir-reat. Barra minn dan, minn eżami tar-Rapport tal-NPS 7/P/4727/2021, ma jidher li hemm l-ebda indikazzjoni li kien involut xi wieħed mill-imputati, partikolarment l-imputat OMISSIS f'dan il-kuntest. Għaldaqstant, tenut kont dawn il-fatturi kollha, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest fir-rigward tal-imputat OMISSIS;

A rigward is-serq tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru IAG 416, minn eżami tal-atti, jirriżulta li l-aktar numru tar-reġistrazzjoni viċin għal dak imsemmi huwa n-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465 li jappartjeni għall-vettura Isuzu Gemini li, minn dak li jirriżulta mill-provi prodotti, ma jidhirx kienux ittieħdu l-pjanċi tar-reġistrazzjoni minn fuqha. Di fatti, jirriżulta li l-unika referenza għall-pjanċi tar-reġistrazzjoni IAG 416 tinsab biss fl-imputazzjoni nnifisha. In oltre, fl-atti jissemma n-numru tar-reġistrazzjoni IBT 416, li mill-istess atti, ma jistax ikun determinat għal-liema vettura jappartjeni. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, din il-parti tal-istess imputazzjoni ukoll ma kienitx sodisfaċentement ipprovata fir-rigward tal-imputat OMISSIS;

*Il-Ħames Imputazzjoni – Ħsara Volontarja b'valur li ma jiskorrix il-€250*

Rigward din l-imputazzjoni, li tirrelata għal ħsara volontarja fuq il-vettura Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni bin-numru IAG 465, liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' €250, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:

*Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Bħal ma intqal aktar 'il fuq, mill-provi prodotti ma jirriżultax li kien hemm persuna li rat dan ir-reat iseħħ, apparti li ma kienx hemm filmat tas-*CCTV* li setgħa jagħti aktar dawl fuq l-akkadut. Pero' mill-istess provi, ix-xhieda kollha għajr PC 236 Warren Pirotta jikkonfermaw li raw il-ħġieġ mal-art meta marru fuq il-post minn fejn kienet insterqet il-

[152] Ara r-Rapport tal-NPS 7/P/4727/2021 a fol 25 tal-proċess

vettura fi Triq F.S. Caruana, Birkirkara. Xhud ċentrali għal din l-imputazzjoni huwa PS 1037 Saviour Mifsud, li apparti li jikkonferma li ra l-ħġieġ mal-art fl-istess tirq, ra l-vettura Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465 bil-*quarter window* tan-naħa tas-sewwieq imkissra, fejn waqt li kien qiegħed jieġu l-verżjoni tal-Parte Civile Karmenu Schembri u ibnu Roderick Schembri, it-tnejn stqarrew miegħu li din it-tieqa ma kienitx imkissra qabel. Madankollu, minkejja li nstabu l-imputati OMISSIS u OMISSIS fuq il-post fejn twaqqfet il-karozza ġewwa Ħaż-Żebbuġ, ma jirriżultax mill-provi prodotti li l-imputat OMISSIS kien direttament involut fit-twettiq tar-reat mertu ta' din l-imputazzjoni għajr li kien passiġġier fil-vettura in kwistjoni u li kien elevat turnavit minn fuq il-persuna tiegħu u tal-imputat OMISSIS. Di fatti, ħlief għall-Membri tal-Korp tal-Pulizija, ħadd mix-xhieda l-oħra ma jsemmi lill-imputat OMISSIS espliċitament, u fil-fatt ħadd mill-partijiet leżi ma għarfu fl-awla. Barra minn dan, jirrżulta li x-xhud Karmenu Schembri bħal donnu ma jagħrafx ir-riċevuta tal-istima tal-ħsarat sofferti fuq il-vettura tiegħu, u ma ttellax rappreżentant ta' Bużu Sprayers sabiex jikkonferma l-kontenut tal-istess stima bil-ġurament. Ai fini ta' kompletezza, anke li kieku kien ittella' dan ix-xhud sabiex jikkonfermaha, dan xorta ma kienx ser iwassal sabiex jiġi stabbilit in-ness bejn l-imputat OMISSIS u r-reat in kwistjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u għaldaqstant, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma kienitx sodisfaċentement ipprovata fir-rigward tal-istess imputat;

*Is-Sitt Imputazzjoni – Serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa*

Rigward din l-imputazzjoni, li tirrelata għal serq ta' oġġetti minn ġewwa vann tal-għamla Ford Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni APY 028, fosthom ta' dokumenti personali, flus kontanti ta' €30 u ta' ċavetta ta' karozza tal-għamla Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni CRL 092 għad-dannu ta' Carl Bianco u Michael Grech għan-nom ta' Coop Services Ltd li seħħ matul il-jum tat-22 ta' Ottubru 2021, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:

*Artikoli 261(ċ)(g), 267, 271, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Għal dak li jirrigwarda provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni dwar din l-imputazzjoni, din il-Qorti tosserva li dawn joħorġu mir-Rapport tal-NPS bir-referenza 4/H/4904/2021, ix-xhieda tal-Parte Civile Carl Bianco, PC 2428 Tristan Abela, u Dr. Christopher Spiteri għan-nom ta' Transport Malta. Minn eżami ta' dawn il-provi, jirriżulta li verament seħħ serq tal-oġġetti imsemmija fl-imputazzjoni odjerna, iżda l-ebda xhud ma seta' jagħti dawl fuq l-inċident fir-rigward ta' min involut fl-istess, u għalhekk dan jitfa' ċertu dubju fuq in-ness tal-imputat OMISSIS mat-twettiq ta' dan ir-reat. Dan joħroġ ukoll mill-fatt illi minn eżami tar-Rapport tal-NPS imsemmi aktar 'il fuq, hemm aġġornament minn PC 263 li, apparti li mill-atti jirriżulta li ma ttellax jixhed sabiex jikkonferma l-involviment tiegħu fl-investigazzjoni ta' dan il-każ, jidher ukoll li meta l-Pulizija rrikorrew fuq il-post fejn seħħ l-inċident sabiex jaraw jekk hemmx filmat tas-*CCTV* li seta' jitfa' aktar dawl fuq l-akkadut, dan irriżulta fin-negattiv. Illi in oltre, fl-imputazzjoni jissemma li n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vann Ford Transit kien APY 028, informazzjoni li meta ttella' jixhed Dr. Christopher Spiteri għan-nom ta' Transport Malta, la kien ikkonfermat in-numru tar-reġistrazzjoni ta' din il-vettura u lanqas lil min tappartjeni, u ċioe jekk hux Coop Services Ltd kif hemm imniżżel fl-imputazzjoni odjerna, u lanqas Sei Garage kif jixhed il-Parte Civile Carl Bianco – fil-fatt ma ttella' jixhed l-ebda rappreżentant ta' dawn iż-żewġ kumpaniji sabiex jikkonferma min-naħa tiegħu li l-vann jappartjeni lilu. Madankollu, minn eżami tax-xhieda tal-Parte Civile Carl Bianco, kif ukoll mix-xhieda l-oħra tal-Prosekuzzjoni, jirriżulta li kien seħħ dan l-akkadut, iżda l-ebda wieħed minnhom ma għaraf lill-imputati (partikolarment l-imputat OMISSIS) fl-awla, wisq anqas kien f'posizzjoni li jistabbilixxi ness bejn l-imputat OMISSIS u din l-imputazzjoni. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest fir-rigward tiegħu;

*Is-Seba' Imputazzjoni – Serq aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa*

Rigward din l-imputazzjoni, li tirrelata għal serq ta' ċavetta minn ġol-vettura tal-għamla Skoda bin-numru tar-reġistrazzjoni FBN 738 fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2021 għad-dannu ta' Mussuh Yakubu Suguri, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:

*Artikoli 261(f)(g), 270, 271 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Minn eżami tal-atti, din il-Qorti tosserva li l-provi dwar din l-imputazzjoni huma pjuttost skarsi, u dan għaliex ma jidhirx li kien esebit Rapport tal-NPS rigward dan l-inċident, il-Parte Civile Mussuh Yakubu Suguri ma ttellax jixhed rigward dan l-akkadut, u l-unika mument fl-atti li tissemma din il-vettura f'xhieda hija meta ddepona PC 838 Gabriel Tabone, li semma l-vettura in kwistjoni meta kien qiegħed jispjega meta l-imputat OMISSIS kien tkellem mal-Ispettur Christabelle Chetcuti u żvela s-serqa taċ-ċavetta mertu ta' din l-imputazzjoni. Għaldaqstant, din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tqis li din l-imputazzjoni kienet ipprovata sal-grad rikjest f'dak li jirrigwarda n-ness bejn l-imputat OMISSIS u dan ir-reat;

*It-Tmien Imputazzjoni – Pussess ta' Strument li jaqta' mingħajr il-Liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija*

Rigward din l-imputazzjoni, li tirrigwarda l-pussess ta' mus mingħajr ma kienu liċenzjati mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-jum tal-24 ta' Ottubru 2021 li kien instab fil-vettura Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:
*Artikoli 6 u 51 tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta*

Minn eżami tal-imputazzjoni, jidher li x-xhud li jista' jagħti l-aktar dawl fuq dak li seħħ huwa PS 1037 Saviour Mifsud, fejn fix-xhieda tiegħu kien spjega li meta saret tfittxija fil-vettura Isuzu Gemini bin-numru tar-reġistrazzjoni IAG 465, instabet *flick knife* wara li din twaqqfet mill-Pulizija tal-*RIU* ġewwa Ħaż-Żebbuġ, u li meta staqsa lill-Parte Civile Karmenu Schembri u ibnu Roderick Schembri, stqarrew miegħu it-tnejn li din ma kienitx tagħhom, u ħadd mill-imputati ma qal li kienet tiegħu lanqas. Minn eżami ta' Dok CCV, jidher li din l-arma kienet elevata mill-pussess tal-imputat OMISSIS u OMISSIS, u li din kienet tappartjeni lil Anthony Briffa li jiġi s-sid tal-vettura Nissan Micra bin-numru tar-reġistrazzjoni KBA 625, għalkemm minn dan, ma jistax ikun stabbilit b'mod ċar fil-pussess ta' min kienet din l-arma. Għaldaqstant, tenut kont il-fatt li din l-imputazzjoni ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest, u ċioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni fir-rigward tal-imputat OMISSIS;

*Id-Disa' Imputazzjoni – Inġurji jew Theddid fuq Sergei Fedorov li ħareġ lil hinn minn kull provokazzjoni*

Rigward din l-imputazzjoni, li tirrelata ma' inċident li seħħ fit-03 ta' Ottubru 2021 fejn Sergei Fedorov kien safa' vittma ta' serqa ta' *mobile* tad-ditta Samsung A10, fejn waqt l-istess inċident, kienet kommessa din il-kontravenzjoni, li dwarha, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:

*Artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Ċentrali għal din l-imputazzjoni huma x-xhieda ta' Sergei Fedorov u missieru Carl Bonaci kif ukoll PS 1037 Saviour Mifsud, li lkoll jispjegaw dak li seħħ fit-03 ta' Ottubru 2021, inkluż dak li jirrelata għall-imputazzjoni odjerna. F'dan l-istadju din il-Qorti tqis li x-xhieda ta' dawn il-persuni għandhom l-aktar piż *stante* li Fedorov kien il-vittma ta' dan l-inċident, missieru kompla jissostanzja dak li jixhed Fedorov, partikolarment f'dak li seħħ wara l-inċident, u PS 1037 li kompla bl-investigazzjoni li kompliet tagħti aktar dawl fuq dak li seħħ matul l-inċident, senjatament il-filmati tas-*CCTV* miġbura minn Ġnien Beati, fejn minn hemm ħarġu l-ismijiet tal-imputati OMISSIS u OMISSIS. Iżda minn dan il-punt 'il quddiem, l-istampa ta' dak li seħħ issir inqas ċara, u dan għaliex minkejja l-fatt li permezz tal-filmat tas-*CCTV*, il-Pulizija u anke l-Parte Civile stess setgħu jidentifikaw lill-imputati f'dan il-ġnien, u li dawn flimkien mal-grupp tagħhom daru lill-vittma Sergei Fedorov, matul ix-xhieda tiegħu, minkejja li skont dak li jirriżulta mix-xhieda ta' missieru u dak li jingħad minn PS 1037 fix-xhieda tiegħu, il-Parte Civile Sergei Fedorov meta mistoqsi għal aktar minn darba, għaraf biss lil wieħed mill-imputati fl-awla, u ċioe' l-persuna li pponta l-mus lejh, tkellem miegħu, u li minn dak li jingħad fix-xhieda tal-istess Parte Civile, qallu l-kliem inġurjuż li jirrinkwadra ruħu fid-dettami ta' din l-imputazzjoni, u ċioe' lill-imputat OMISSIS. Din il-Qorti tinnota li mix-xhieda tiegħu, qatt ma jissemma isem l-imputat OMISSIS, għajr mix-xhieda ta' PS 1037, li identifikah mill-filmati tas-*CCTV*. Għaldaqstant, tenut kont in-nuqqas ta' ness bejn l-imputat OMISSIS u t-twettiq ta' din il-kontravenzjoni, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma kienitx sodisfaċentement ipprovata fil-konfront tal-istess imputat;

*L-Għaxar Imputazzjoni – Użu minn marki tar-reġistrazzjoni xort' oħra minn dawk mogħtija mill-Awtorita' dwar xi vetttura bil-mutur partikolari*

Rigward din l-imputazzjoni, li tirrigwarda l-użu ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni li ma jappartjenux għall-vetturi li kienu mogħtija lilhom fuq vetturi oħrajn bein id-dati tat-22 u l-24 ta' Ottubru 2021, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:
*Fl-Artikolu 44(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 li huma Regolament Dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur*

Mill-provi prodotti jirriżulta li sar serq ta' numru ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni minn fuq vetturi partikolari, li dawn sussegwentement instab li intużaw fuq vetturi oħrajn, u ċioe' l-pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru KBC 205 li nstabu fuq vettura Skoda[153], u mix-xhieda ta' Mohammed Tahar Thabet li sab li kellu pjanċi tar-reġistrazzjoni li ma kienux tal-vettura tiegħu. Mix-xhieda prodotti, ma jirriżultax li hemm referenza għal min mill-imputati kien qiegħed jagħmel użu minn dawn il-vetturi, u għaldaqstant in-ness bejn l-imputat OMISSIS u dan ir-reat ma kienx sodisfaċentement ipprovat;

*Il-Ħdax u t-Tnax-il Imputazzjoni – Sewqan ta' vettura mingħajr ma' kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni, u Sewqan ta' vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan*

Rigward dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:
*Artikolu 3(1)(2) tal-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur Għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Minn eżami tal-provi prodotti, jirriżulta li minkejja li mix-xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri għan-nom ta' Transport Malta, joħroġ li minn tfittxija fuq il-karta tal-identita' tal-imputat

[153] U dan hekk kif jirrżulta mir-Rapport tal-NPS bir-referenza 7/P/4727/2021 a fol 23 *et seq* tal-proċess

OMISSIS 0160606L[154], m'għandux liċenzja tas-sewqan, u li konsegwentement ma setgħax ikun kopert minn polza tal-assigurazzjoni. Madankollu mill-istess provi ma jirriżultax li kien hemm xhud okulari u/jew filmat tas-*CCTV* li seta' joħloq rabta bejn l-imputat OMISSIS u s-sewqan ta' din il-vettura indikata fl-imputazzjonijiet odjerni. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet ma kienux ipprovati sal-grad rikjest;

*It-Tlettax-il Imputazzjoni – Kompliċita' f'Serq Aggravat bil-Vjolenza u bil-Ħin*

Rigward din l-imputazzjoni, li tirrelata dwar il-kompliċita' tal-imputat OMISSIS fis-serq ta' *mobile* għad-dannu ta' Sergei Fedorov nhar it-3 ta' Ottubru 2021 bejn it-20:15hrs u d-20:45hrs, l-Avukat Ġenerali jikkwota s-segwenti Artikoli:

*Artikoli 42, 261(a)(f), 262, 270, 277 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Dwar din l-imputazzjoni, din il-Qorti tibda biex tosserva li sabiex jissussisti r-reat ta' kompliċita', hemm bżonn li jkun ipprovat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat OMISSIS xjentement għen jew assista lill-imputat OMISSIS, li jiġi l-awtur, sabiex jikkommetti s-serqa mertu ta' din l-imputazzjoni. Mid-diċitura tal-imputazzjoni in kwistjoni, jidher li l-Prosekuzzjoni qed tagħmel referenza għall-Artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

> *42. Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –*
> *(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat;*

[154] Ara Dok CS6 a fol 443 tal-proċess

U għar-rigward tal-kunċett ta' kompliċita', tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) v. Omissis, Jason Galea**[155], deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-31 ta' Lulju 2017, fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *Issa l-figura tal-komplici hija ta* "dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa ... jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. .... Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel." .... *Ma hux necessarju illi l-komplici jkun prezenti fuq ix-xena tad-delitt basta li jkun offra dik l-ghajnuna bi ftehim minn qabel.*

Kif ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Anna Maria Xuereb) v. Anthony Agius**[156], deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *Illi minn din id-dispozizzjoni johrog car li sabiex persuna tinstab hatja ta' komplicita huwa bizzejjed ghall-prosekuzzjoni li ggib il-prova li b' xi mod li jkun u bi xjenza, l-appellat ikun ghen jew assista lill-awturi tad-delitt sabiex jilhqu l-iskop taghhom. Issa dan allura ifisser li sabiex tinstab il-htija fil-komplicita, mhux necessarju li jigu ippruvati fil-konfront tal-komplici l-elementi kollha tar-reat principali (u cioe' dak tal-frodi). Naturalment l-elementi kollha tal-frodi iridu jigu ippruvati fil-konfront tal-awturi tar-reat, filwaqt li fil-konfront tal-komplici, huwa bizzejjed li l-*

[155] Appell Nru. 434/2016, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, paġna 21
[156] Appell Nru. 448/2017, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, paġna 4

*prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li l-persuna tkun b'xi mod xjentement assistit lill-awturi;*

Mill-provi prodotti, jirriżulta li fid-data u l-ħin tal-inċident fi Ġnien Beatu, Birkirkara, il-Parte Civile Sergei Fedorov kien avviċinat aktar minn darba minn grupp ta' żgħażagħ li fih inkluda lill-imputati OMISSIS u OMISSIS, u dan hekk kif jirriżulta mill-filmat tas-*CCTV*, fejn kienu identifikati bħala l-imputati mill-Pulizija, senjatament PS 1037 Saviour Mifsud, kif ukoll mill-Parte Civile meta kien muri l-istess filmat ġewwa l-Għassa. Pero' minn dak li jixhed il-Parte Civile stess, jirriżulta li s-serqa seħħet lil hinn mill-Ġnien, u lil hinn minn dak li jkopru l-cameras tas-*CCTV*. Għalhekk, l-aqwa prova rigward l-inċident innifsu hija dak li jixhed il-Parte Civile quddiem il-Qorti bħala l-unika persuna li kien preżenti waqt l-istess inċident. Ix-xhud jikkonferma li kien avviċinat minn grupp ta' żgħażagħ, u li eventwalment wieħed minnhom heddu b'mus, aggredih u seraqlu l-*mobile* tiegħu, liema persuna sussegwentement għarfu bħala l-imputat OMISSIS. Madankollu mill-istess xhieda, jirriżulta li minkejja li kien mistoqsi aktar minn darba, ma għaraf lil ħadd iżjed fl-awla għajr l-imputat OMISSIS, u dan meta t-tnejn li huma kienu preżenti fl-awla. In oltre, jirriżulta li missieru Carl Bonaci, li kemm assista lill-Parte Civile stante d-diffikultajiet tiegħu, kif ukoll fid-depożizzjoni tiegħu stess, lanqas hu ma kien f'pożizzjoni li jsemmi u/jew jidentifika lill-imputat OMISSIS. Għaldaqstant, tenut kont dan kollu, minkejja l-fatt li l-imputat kien preżenti fi Ġnien Beatu fil-ħin u d-data tal-inċident, mill-provi prodotti, din il-Qorti ma tqisx li huwa kien kompliċi fir-reat in deżamina;

**<u>Decide:</u>**

Fil-konfront tal-imputat **OMISSIS**, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(ċ), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 261(a), l-Artikolu 261(b), l-Artikolu 261(ċ), l-Artikolu 261(f), l-Artikolu 261(g), l-Artikolu 262(1)(a), l-Artikolu 262(1)(b), l-Artikolu 262(2), l-Artikolu 263(a), l-Artikolu 264(1), l-Artikolu 267, l-Artikolu 270, l-Artikolu 271(g), l-Artikolu 276, l-Artikolu 277(a), l-Artikolu 278(1), l-Artikolu 278(3), l-Artikolu 279(b), l-Artikolu 280(1), l-Artikolu 280(2), l-Artikolu 281(a), l-Artikolu 281(b), l-Artikolu 325(1)(ċ), l-Artikolu 328(d), l-Artikolu 339(1)(b), l-Artikolu 339(1)(d), l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta,

l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 6 u l-Artikolu 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 44(5) u l-Artikolu 44(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, **filwaqt li ma ssibux ħati u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena relatat għall-akkuża numru tlieta u għoxrin (23) relatata ma' reat kommess waqt Ordni ta' Probation mogħtija lilu bħala sentenza mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak LL.D., fl-24 ta' Awwissu 2021**, **fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu stess, issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu** *ai termini* tar-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali u tikkundannah għal żmien **ħames snin priġunerija effettivi**;

In oltre, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda tiskwalifika lill-imputat, issa l-ħati, **OMISSIS** milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien **tnax (12) -il xahar** dekorribbli minn meta l-imputat, issa l-ħati OMISSIS jagħlaq l-eta' ta' tmintax (18) -il sena;

Din il-Qorti, wara li rat li l-Artikolu 412D(1) u l-Artikolu 412D(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna li l-imputat, issa l-ħati, **OMISSIS** jitpoġġa taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' **ħames snin** mid-data ta' din is-sentenza sabiex jindirizza l-problema li għandu bl-użu tad-droga u sabiex jikkontrolla r-rabja li għandu, b'dan illi għandu jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* inkarigat mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha;

A tenur tal-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat b'mod ċar il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat, issa l-ħati **OMISSIS**. Il-Qorti qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u l-*Parole*. L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-istess imputat, issa l-ħati, **OMISSIS** kull tliet (3) xhur.

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal ħlas ta' kumpens lill-vittmi tal-imputazzjonijet miġjuba fil-konfront tiegħu, u ċioe' s-somma ta' mitejn u tmienja u għoxrin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€228.65) dovuti lill-Korp tal-Pulizija, u s-somma ta' tmien mija u wieħed Euro (€801) lill-Parte Civile Marouska Buhagiar filwaqt li tastjeni milli tikkundanna lill-istess imputat, issa l-ħati, **OMISSIS** l-ammonti li kieku kienu jkunu dovuti lill-Parte Civile Carmelo Schembri, Carl Bonaci, Carl Bianco, Ryan Buhagiar u Anthony Briffa *stante* jew il-maħfra tagħhom jew dikjarazzjonijiet li ma ridux kumpens kif tirriżulta mill-*Pre-Sentencing Report* imsemmi aktar 'il fuq.

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-ħlas tal-ispejjeż assoċjati mal-ħatra u l-inkarigu tal-esperti tal-Qorti Donald Tabone bħala espert tekniku pero' limitatament għal rapport wieħed fl-ammont ta' tliet mija u erbgħa u disgħin Euro u dsatax -il ċenteżmu (€394.19) *stante* li kif ingħad aktar 'il fuq, it-tieni rapport ġie sfilzat, il-Psikologa Dr. Veronica Ellul Federici sitt mija u ħamsa u sebgħin Euro (€675) u l-Psikjatra Dr. Rachel Taylor-East fl-ammont ta' fl-ammont ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin Euro (€425).

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat, issa l-ħati **OMISSIS**, ikun ikkunsidrat bħala reċediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li dawn l-Artikoli ma kienux inklużi fir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, u li għaldaqstant għandha tkun meqjusa li kienet irtirata mill-istess Avukat Ġenerali, qiegħda tiċħad din it-talba kif dedotta;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ obbligazzjoni fil-konfront tal-ħati **OMISSIS** a favur il-Parte Civile **Sergei Fedorov** *ai termini* tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li l-Artikolu mertu ta' din it-talba ma kienx inkluż fir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, u għalhekk għandha tkun meqjusa li kienet irtirata mill-istess Avukat Ġenerali, qiegħda tiċħad it-talba kif dedotta.

Fir-rigward tal-imputat **OMISSIS**, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(ċ), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 42(d), l-Artikolu 261(a), l-Artikolu 261(b), l-

Artikolu 261(ċ), l-Artikolu 261(f), l-Artikolu 261(g), l-Artikolu 262(1)(a), l-Artikolu 262(2), l-Artikolu 263(a), l-Artikolu 264(1), l-Artikolu 267, l-Artikolu 270, l-Artikolu 271(g), l-Artikolu 277(a), l-Artikolu 278(1), l-Artikolu 278(3), l-Artikolu 279(b), l-Artikolu 280(1), l-Artikolu 280(2), l-Artikolu 281(a), l-Artikolu 281(b), l-Artikolu 325(1)(ċ), l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 6 u l-Artikolu 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 44(5) u l-Artikolu 44(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, **ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba fil-konfront tiegħu, u konsegwentement, tilliberah minn kull ħtija u piena**;

*Stante* li l-imputat **OMISSIS** qed jiġi lliberat minn kull ħtija, l-Qorti qed tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni fil-konfront tiegħu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 532A u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Stante* li l-imputat **OMISSIS** qed jiġi lliberat minn kull ħtija, l-Qorti qed tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni fil-konfront tiegħu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u d-digrieti relattivi annessi mal-istess.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**